# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2 \ Lm 0.86c

Jannar 2009 *LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA* Nru. 904



# Sagrament jew Teatrin?

# Il-Ħajja f'Għawdex

# GĦAL EWRO FIX-XAHAR!



## Minjiera ta' Tagħrif u Tagħlim dwar Għawdex u l-Għawdxin

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil- posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2009, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",
Lumen Christi Media Centre,
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria VCT 2579, Għawdex.







Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ❑ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2009* ❑

❑ €10 Abbonament Regolari

❑ €20 Abbonament Benefattur (b'rigal tal-ktieb ġdid: '***Il-Vanġelu ta' San Pawl***')

Data ______________ Firma ______________

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 904*
*Jannar 2009*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Intervista • 19
L-Identità ta' Għawdex (5) • 20
Speċjali Sena Pawlina (7) • 22
Kotba minn Għawdex • 24
Letteratura Għawdxija • 25
Dawl għall-Ħajja • 27
**DOKUMENTAZZJONI**
Il-Misteru tal-Knisja (19) • 28
Snajja Qodma (16) • 30
Letteratura Għawdxija • 32
Sfidi ta' Żmienna • 34
Ilħna mill-bogħod fil-qrib • 36
Passiġġata Biblika (42) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (11) • 40
Għawdex 300 sena ilu (170) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (6) • 43
Apprezzament • 44
Play-Forum (4) • 45
Tisliba Maltija Biblika • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joseph J.P. Zammit, Lynda Caton Roseblade, Charles Spiteri, u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Tieġ antik rappreżentat f'Settembru li għadda fil-Qala. Ħajr lil Joseph J. P. Zammit.*





## *"Is-Sibt Sar għall-Bniedem u Mhux il-Bniedem għas-Sibt"* (Mk 2:27)

*Hekk ukoll l-istrajk u kull azzjoni industrijali. "Il-waqfien mix-xogħol," skont il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (2435), "hu moralment leġittimu, u meħtieġ ukoll, meta ma hemmx mezz ieħor, iżda jrid ikun proporzjonat għall-ġid li jista' jinkiseb. Ma jistax jiġi aċċettat moralment jekk miegħu... ikollu skopijiet kuntrarji għall-ġid komuni ta' kulħadd".*

***Mela ħaqqha prosit dik l-infermiera Għawdxija li kisret direttiva industrijali biex twassal bil-ħelikopter, minn Għawdex sa l-Isptar Mater Dei, tarbija tat-twelid li kienet fil-periklu tal-mewt jekk ma tingħatax il-kura meħtieġa minnufih.*** *(Ara storja paġna16)*

***Il-ġid tal-bniedem għandu jiġi qabel kull direttiva fuq firxa ġenerali u qabel kull sistema li għax tindara ma nintebħux li tkun qegħda tgħakkes il-bniedem u kultant ukoll tkassbru fid-dinjità tiegħu. Dan l-eżempju mill-qasam tax-xogħol hu wieħed fost oħrajn li nistgħu nosservaw.***

*L-istess jista' jingħad per eżempju, għal sistema ta' edukazzjoni tat-tfal meta din ma tibqax aktar mezz ta' bini tal-personalità kollha kemm hi, iżda tgħabbi liż-żgħar bil-filatteriji tal-kbar u minn kmieni ttellifhom is-seħer tat-tfulija. Hekk tagħmel is-"sistema' li taħt it-toqol ta' l-eżamijiet tittratta lit-tifel u lit-tifla b'mod kompartimentat, tagħtihom ħemel tagħrif u teqridilhom l-opinjoni u tqisilhom rashom bħal kaxxaforti li titwessa' biex taħżen għall-jum tad-destin – dak inhar meta l-ħbieb u sħabhom tal-klassi jsiru konkorrenti f'tellieqa mal-ħin u ma' xulxin. Hekk ukoll tkun tagħmel "sistema" ta' edukazzjoni li mgħobbiha bis-suġġetti akkademiċi ma tħallix spazju għall-edukazzjoni fil-valuri u tinħeba wara l-lip service li lil dawn troddilhom jew tgħallimhom biss b'mod inċidentali u bla premeditazzjoni waqt li dawk akkademiċi tgħallimhom bi pjan progressiv u rigoruż.*

*Hekk ukoll jista' jingħad għall-"isport", li suppost kien magħmul għall-bniedem u mhux il-bniedem għall-isport. Iżda meta l-isport, minflok waqt ta' żvog u divertiment jinbidel f'taqtigħa għar-rebħa kull kif jitlef in-nobbiltà tiegħu u jtellef mid-dinjità tal-parteċipanti u ta' l-ispettaturi. Jiġri hekk ukoll meta l-ġenituri jipproġettaw iżżejjed lilhom infushom fuq uliedhom u jixprunawhom għas-suċċess.*

*Hekk ukoll fl-ekonomija – din alla ta' żminijietna – li biex tmexxi u tirnexxi, lill-bniedem tużah akkost li therrilu dawk il-valuri li jsebbħuh fl-umanità tiegħu. Hekk tkun tagħmel meta taljenah fil-kultura tal-konsumi... u meta tivvinta l-iskużi u tiskuża l-abbużi.*

**Joseph W. Psaila**




### *Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied immexxija mill-Isqof Grech*

Bħalma jsir kull sena, l-Isqof t'Għawdex mexxa ċ-ċelebrazzjonijiet ewlenin tal-Milied ġewwa l-Katidral tad-djoċesi. Fil-lejl tal-Milied, waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl għamel sejħa biex l-Insara tal-Knisja f'Għawdex jiftħu l-bibien tagħhom għall-bxara ta' Kristu, u ma jiġrilhomx bħal lukandier ta' Betlehem li ma ndunax b'dak li kien qed jiġri madwaru. Nhar il-Milied, fis-6.00pm, l-Isqof mexxa wkoll il-Pontifikal Sollenni tal-Milied, flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral. Nhar l-Ewwel tas-Sena, fis-Sollennità ta' Marija Omm Alla, waqt l-omelija tiegħu fil-Katidral, l-Isoqf Grech għamel riferenza kbira għall-messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għall-Jum il-Paċi 2009, fejn reġa' saħaq fuq id-diversi suriet ta' faqar fis-soċjetà tagħna, mhux biss faqar materjali, iżda b'mod speċjali faqar morali u affettiv li xi kultant anqas nindunaw bih. Il-ġurnata ta' qabel, fil-quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fi tmiem is-sena 2008, l-Isqof Grech ħeġġeġ lil dawk preżenti sabiex jingħaraf iktar il-valur tal-ħin fil-ħajja tagħna, u li ż-żmien f'ħajjitna ma jibqax sempliċiment żmien imkejjel mill-arloġġ, iżda jsir żmien li fih il-bniedem iħalli l-grazzja ta' Alla taħdem fih.

### *Ftuħ tat-Tieni Fażi tal-Missjoni Djoċesana*

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Jannar 2009, infetħet it-tieni fażi tal-Missjoni Djoċesana li qed tiġi ċċelebrata matul din is-sena pastorali fid-Djoċesi ta' Għawdex. Waqt quddiesa sollenni fil-Katidral ta' Għawdex, **Mons Isqof Mario Grech ta l-mandat lil madwar 500 persuna biex iwasslu l-Aħbar ta' l-imħabba t'Alla fil-familji kollha ta' Għawdex.**

*X'inhu l-iskop ta' dawn iż-żjajjar?*

Fil-Pastorali tal-Isqfijiet, li nqrat fl-Ewwel Ħadd tal-Avvent, l-Isqfijiet qalu li:

"Il-Knisja f'Malta tixtieq tkun kewkba bħall-kewkba tal-Maġi preżenti fil-ħajja, biex permezz tal-Kelma ta' Alla takkumpanjahom u tgħinhom biex f'ħajjithom ifittxu lil Alla bis-sinċerità, jsibuh, u jadurawah bħala l-Mulej li kapaċi jibdel ħajjithom".


*L-għoti tas-Salib Missjunarju*


*Il- "Mandatum" mill-Isqof lill-Missjunarji*

Iż-żjajjar fil-familji tagħna huma mument ta' grazzja. Il-missjunarji li se jżuru l-familji f'Għawdex huma mezz biex ilkoll kemm aħna niftakru li aħna l-Poplu ta' Alla, msejħin biex inkunu qaddisin (Rum 1,7). Iż-żjajjar għandhom l-iskop li jgħinu lill-familji u lill-persuni kollha:

- **jerġgħu jiskopru s-sbuħija ta' Ġesù u tal-komunità li temmen (il-Knisja);**
- **jerġgħu jagħżlu b'aktar għarfien u rieda li jħobbu lil Ġesù u jħalluh ikun ir-Ragħaj tagħhom;**
- **iħossu l-importanza u l-ħtieġa li jiċċelebraw l-Ewkaristija tal-Ħadd flimkien mal-komunità u jkomplu miexja 'l quddiem fil-ħajja tal-fidi permezz ta' mixja ta' katekeżi kontinwa.**

Peress li qegħdin niċċelebraw is-Sena Pawlina, flimkien mat-talb li qed jagħmlu l-missjunarji mal-familji li jżuru, f'dawn iż-żjajjar qed tingħata kopja ta' l-ewwel ittra ta' San Pawl lill-Korintin lil kull familja.



Qed tiġi organizzata adorazzjoni perpetwa fil-Knisja ta' Savina, biex din l-azzjoni pastorali tħalli frott spiritwali. Matul il-jiem taż-żjajjar qed ikun hemm diversi saċerdoti f'xi knejjes u kunventi lesti biex jagħtu

direzzjoni spiritwali u biex joffru s-sagrament tal-Maħfra. Barra minn hekk, kull nhar ta' Tnejn, nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa filgħodu, fil-knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat, qed ikun hemm *counsellors* professjonali disponibbli għal min ikun jixtieq jitkellem magħhom.



### *Iż-Żjajjar fil-Familji (5-23 ta' Jannar)*

Dawn iż-żjajjar inqisuhom bħala "ittra ta' San Pawl" li qed jiktbilna llum, bħalma darba kiteb lill-Insara ta' Korintu: "Pawlu, li Alla ried isejjaħlu biex ikun appostlu ta' Kristu Ġesù, u Sòsteni ħuna, lill-knisja ta' Alla li qiegħda f'Korintu; lil dawk li tqaddsu fi Kristu Ġesù, msejħa biex ikunu qaddisin flimkien ma' dawk kollha li f'kull pajjiż isejħu l-isem ta' Ġesù Kristu, is-Sid tagħhom u tagħna: grazzja u sliem mingħand Alla Missierna u l-Mulej Ġesù Kristu. **Jiena niżżi ħajr dejjem lil Alla tiegħi minħabba fikom għall-grazzja li Alla takom, lilkom fi Kristu Ġesù; fih intom stagħnejtu f'kollox, f'kull kelma, f'kull għerf daqs kemm ix-xhieda ta' Kristu kienet imwettqa fikom.** Għalhekk m'intom nieqsa minn ebda don, intom u tistennew id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu. Huwa hu li jwettaqkom sa l-aħħar biex tkunu bla ħtija fil-jum ta' Sidna Ġesù Kristu. Alla jżomm kelmtu, minnu kontu msejħin biex tidħlu fix-xirka ta' Ibnu Sidna Ġesù Kristu. (1 Kor 1,1-9)

### *Don Pascuale f'Għawdex*



*Don Pasquale Chavez (xellug) jintlaqa' fl-Oratorju t'Għawdex mid-Direttur ta' l-Oratorju Fr. Effie Masini.*

Id-disa' suċċessur ta' Don Bosco fil-Kongregazzjoni Sależjani, Don Pascuale Chavez, waqt żjara qasira f'Għawdex, nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru, intlaqa' fl-Oratorju Don Bosco fejn mexxa quddiesa u wara ltaqa' ma' tfal, żgħażagħ u adulti li jiffrekwentaw l-Oratorju. Din iż-żjara kienet il-bidu ta' sena ta' anniversarji marbuta ma' l-Oratorju t'Għawdex fosthom il-75 sena mill-Kanonizzazzjoni ta' Don Bosco u egħluq il-75 sena wkoll mill-bidu ta' l-Ewwel Oratorju f'Għawdex.

### *Ħatra Ġdida*



Minn qalbna nifirħu lill-Kan. Dun Mikiel Borg, ex-kappillan ta' San Lawrenz, li dan l-aħħar inħatar **Rettur tal-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn.** Nawgurawlu ħidma fejjieda fost ir-residenti u tant eluf oħra li jkunu qegħdin villeġġjatura f'Marsalforn matul is-sajf.

### *Mons. Ġwann Dimech*



Nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2009, tħabbret il-mewt ta'Monsinjur Ġwann Dimech. Huwa twieled fit-2 ta' Diċembru 1922, ġewwa l-Furjana, Malta. Flimkien mal-familja tiegħu kien jgħix fir-raħal ta' Ħal-Balzan,u dawn baqgħu jgħixu hemm sa ma bdiet il-gwerra, fejn matul dak iż-żmien kellhom jiġu bħala refuġjati fil-gżira t'Għawdex. Mons. Dimech studja fis-Seminarju ta' Għawdex u kien ordnat qassis fil-Katidral ta' Għawdex nhar is-16 ta' April,1949.Nhar id-19 ta' Ottubru 1972, inħatar Kappillan Maġisterjali ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, f'Malta, u fid-19 ta' April 1991 ingħata l-unur ta' Kappillan Konventwali *ad honorem* u, sena wara, Kappillan Ewlieni tal-Ordni f'Malta. Fil-25 ta' Ġunju,2002,ingħata l-unur tal-Gran Kruċ tal-Kappillani Konventwali *ad honorem*. Id-Direzzjoni tar-Rivista tixtieq turi s-sogħba tagħha f'dan il-mument diffiċli mal-Familja Dimech, u nwegħduhom it-talb tagħna.


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# Il-Faqar Theddida għall-Paċi



*Fl-omelija li għamel waqt quddiesa pontifikali f'Għawdex fl-okkażjoni ta' l-Ewwel tas-Sena, l-Isqof Mario Grech wassal dan il-messaġġ:*

**Il-faqar huwa theddida serja għall-paċi. Barra mill-faqar materjali, li fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja, hemm ir-riskju li jkompli jerfa' rasu anke fostna, hemm faqar affettiv, morali u spiritwali. Kif il-faqar materjali jista' jkun kawża ta' faqar affettiv, morali u spiritwali, dawn ta' l-aħħar jistgħu wkoll ikattru l-faqar materjali.**

Is-soċjetà Maltija mhix ħielsa mid-diversi forom ta' faqar li jsemmi l-Papa Benedittu fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi, jiġifieri l-*faqar demografiku*, il-*faqar minħabba mard pandemiku* u l-*faqar tat-tfal.*



Bħal fil-bqija ta' l-Ewropa, f'pajjiżna l-popolazzjoni mhix tikber f'rata sodisfaċenti. **Waħda mir-raġunijiet għax ir-rata tat-twelid hija baxxa, hija għax ħafna jibżgħu li jekk ikollna iktar minn wild wieħed, nistgħu niftaqru! Fostna għandna kultura anti-konċezzjonali, tant li sirna xħaħ mal-ħajja.** Kieku l-flus li jintefqu biex issir pubbliċità ta' skemi li jaħdmu favur il-kontroll tat-twelid jiġu applikati biex jinkoraġġixxu u jgħinu lill-miżżewġin biex jibnu familja sabiħa, is-soċjetà tkun qed tinvesti biex tegħleb il-faqar.

Forsi f'pajjiżna l-marda tal-AIDS mhix mifruxa b'mod allarmanti; imma **għandna mard ieħor serju riżultat tat-taħlit bla rażan u promiskwità.** Minkejja li hemm min jipprova jilqa' kontra dan il-mard billi jippromovi u jagħmel faċli l-aċċessibbiltà għal mezzi illeċiti, ma teżisti ebda garanzija li dawn ir-rimedji huma għal kollox *safe*. Ir-rimedju kontra din il-kawża ta' faqar mhuwiex biss mediku jew tekniku, imma wieħed morali: **hija meħtieġa etika sesswali li tkun taqbel mad-dinjità tal-persuna.** Il-preġudizzju kontra l-morali kattolika m'għandux ikun kawża li nirrinunzjaw għal kull diskors etiku!

**Meta ż-żwieġ u l-familja jidħlu fi kriżi u jitkissru, t-tfal jiftaqru affettivament, emozzjonalment u forsi wkoll materjalment. Għalhekk, ġlieda kontra l-faqar timplika mpenn serju u fattibbli biex tissaħħaħ il-familja.** Waqt li f'pajjiżna għandna min irid li jidħlu ċerti istituti legali li jdgħajfu ż-żwieġ u l-familja, f'pajjiżi kbar bħal fl-Istati Uniti tal-Amerika, hemm min qed jagħmel strateġija biex isalva l-familja! **Iż-żwieġ u l-familja jagħmlu parti mill-ġid komuni tas-soċjetà, u huwa dmir tal-Istat li jinvesti fil-familja u jipprovdi strutturi biex meta l-familja tgħejja, il-membri jsibu kenn u għajnuna. Huwa preokkupanti li attwalment f'Għawdex, jekk minorenni jkun taħt *care order*, peress li m'hemmx struttura adegwata biex tilqgħu, jista' jsib ruħu fi sptar mentali!**

L-impenn favur il-paċi huwa wieħed impenjattiv ħafna li jeżiġi l-koperazzjoni vera ta' kulħadd.

# Jum il-Persuni b'Diżabbiltà

*Messaġġ ta' l-Isqof Mario Grech fl-okkażjoni ta' Jum il-Persuni b'Diżabbiltà*

**"Il-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt li jieħdu sehem sħiħ u attiv fil-ħajja tal-komunità Nisranija, u għalhekk fi ħdan il-komunità parrokkjali l-persuni b'diżabbiltà huma mhux biss oġġett tal-ħidma pastorali imma wkoll parti mis-suġġett li jwettaq din il-ħidma".** Dan kien il-messaġġ li l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech wassal lill-Kulleġġ tal-Kappillani t'Għawdex meta dalgħodu kien qed jippresiedi l-laqgħa mensili tal-kappillani.

Fl-okkażjoni tal-Jum il-Persuni b'Diżabbiltà, delegazzjoni mill-Kummissjoni Djoċesana għall-Persuni b'Diżabbiltà f'Għawdex dalgħodu (illum, l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2008), indirizzat lill-kappillani f'din il-laqgħa u spjegaw lill-kappillani x'inhuma l-aspettattivi u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u l-familji tagħhom fil-Knisja. Filwaqt li wrew l-apprezzament tagħhom għal dak li għamlet il-Knisja b'risq dawn il-persuni, fissru li **għad hemm ħafna x'isir biex l-Evanġelju jasal ukoll għand dawn il-persuni u biex huma jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja tal-komunità Nisranija.** Huma għarrfu lill-kappillani li l-Kummissjoni Djoċesana għall-Persuni b'Diżabbiltà qed taħdem biex id-djoċesi jkollha librerija b'materjal kateketiku u ta' talb li jkun jista' jintuża minn dawn il-persuni, mill-familji tagħhom u anke mill-katekisti.

Waqt din il-laqgħa fil-preżenza tal-kappillani, l-Isqof Mario Grech approva l-istatut ta' din il-Kummissjoni Djoċesana għall-Persuni b'Diżabbiltà, li twaqqfet sena ilu fid-djoċesi t'Għawdex **biex tgħin lill-Knisja lokali tieħu l-inizjattivi meħtieġa biex il-persuni b'diżabbiltà f'Għawdex ikollhom aċċessibbiltà sħiħa fil-ħajja tal-Knisja.**

*Kummentarju (1)*



# Iż-Żwieġ: Sagrament jew Teatrin?

*kitba ta'* **FRANCIS SULTANA**

**Min jaf kemm il-darba smajnieha: "Iż-żwieġ kaxxa magħluqa!" Qawl qasir u sempliċi. Ħafna drabi sentenza qasira u xotta tħallik mdendel. Iġġiegħlek tħammem u tgerfex fil-qorriegħa ta' rasek x'tista' tfisser u jekk tinħtieġ xi tweġiba.**

F'dan il-qawl nara nofs verità, 'k mhux inqas! Iż-żwieġ kaxxa magħluqa għax il-futur ma jafu ħadd. S'hawn naqbel. Imma!? Irrid naf jekk il-kaxxa hix vojta jew mimlija. Għiduli fejn insib il-muftieħ jew ċavetta. Se niftaħ is-suġġett fuq xi ftit esperjenzi li għbart tul ħamsin sena fl-istat taż-żwieġ.

Għalija l-kaxxa tkun vojta daqs bir mingħajr qatra ilma. Kull ħoss jirbombja. Aħseb u ara xi battibekk jew tmasħin! Iridu jkunu s-sieħeb u s-sieħba li jimlew dik il-kaxxa flimkien, skond gostihom. Il-ħwejjeġ li jpoġġu fiha jeħtieġ ikunu maħsula, mgħoddija u mitwija tajjeb. Hawn ma nistax ma niftaħx l-ittri ta' San Pawl, għax dak li qal lir-Rumani, lill-Korintin u lill-Galatin, għadu qisu bil-linka ċċappas. Jien ma nafx Pawlu x'linka uża. Naf biss li dak li nkiteb elfejn sena ilu, tant jgħodd għalina llum! Il-linka ta' San Pawl baqgħet u tibqa' ċara!

Il-kaxxa taż-żwieġ tagħna jeħtieġ tkun mimlija mħabba nadifa u maħsula fis-sabar u fil-ħniena kull meta jinqala' l-għawġ, speċjalment mard kiefer. L-imseħbin m'għandhom qatt jitkabbru bihom infushom għax jonqos ir-rispett. Jeħtieġ ixammru idejhom flok mneħirhom biex l-għira tagħti lok għall-mogħdrija. Naqbdu l-problemi mill-qrun, nwittu u nitwu minflok li minn skoll nibnu muntanja. Ikun hawn min jgħid: "Altru tgħid u altru taġixxi!" Ngħid li hawn tidħol il-grazzja tas-Sagrament, jekk wieħed tassew jemmen u ma jirrendix kollox qisha kummiedja jew teatrin tal-ħajja.

**Fit-Tieġ ta' Kana, Kristu, bil-preżenza Tiegħu, għolla d-dinjità taż-żwieġ għal sagrament. Jeħtieġ li anki aħna jkollna lil Kristu f'nofsna fil-ħajja miżżewġa biex fiż-żwieġ "ma tagħmilx dak li mhux xieraq!" X'qed jiġri llum? Lid-dielja qaċċatnielha l-friegħi bir-rampili b'kollox. Tant żbarnieha, li ħallejna zokk li għad li hu b'saħħtu, hu għeri. Kristu m'għadux jista' jħaddanna Miegħu.** Mingħajru ma nistgħux nsawru għeneb għall-għasir li jibqa' jagħtina nbid tajjeb sa l-aħħar! M'għadx baqagħlna ħin ta' ġabra. Bil-ftit il-ftit warrabna t-talb mill-familja. Qtilna l-għajnuna tas-Sagrament biex bdilnieha ma għajnuna iktar ta' żmienna.Qed nafdaw iktar f'ħilitna. Qed nieħdu tkaxkira waħda, f'waħda. Sirna niġru biss wara l-materjali. Bdejna t-teatrini!

Dan iwassalni għal dik is-silta ta' Shakespeare, mingħalija minn *"As You Like It"*, fejn ipinġi lid-dinja bħala palk u lilna, n-nies kollha, bħala atturi. Il-ħmerija hi li lkoll irridu naħdmu l-parti ta' prim attur. Irridu li kollox idur fuqna u madwarna! Għalhekk jiddomina l-egoiżmu. Għalhekk jidħlu l-kompetizzjoni, l-għira u t-tilwim. Kull wieħed jew waħda jrid ikun fl-ispotlajt tal-palk.

Fiż-żwieġ din l-attenzjoni ta' il-'Jien' tibda tgħawwar fir- rabta bħas-susa fl-injam. Qatt flejtu ċintorin maħdum malja? L-ispag jitberfel waħda ma' l-oħra biex joħloq kannizzata ta' disinni. Kull disinn iżomm l-għamla tiegħu bis-saħħa ta' għoqod marbuta għal darba, tnejn. L-istess tiżżewwaq l-għaqda fiż-żwieġ! Mhux b'xi rabta ċoff, bil-ħsieb li jekk jien jew int ma nieħdux li rridu, niġbdu tarf u jinħall kollox. Hekk nibdew insiru egoisti. Ma nibqgħux lesti li nagħtu mħabba iktar milli nirċievu u inqas u inqas mhux lesti li nservu. Irridu biss nieħdu! Ma nissaportux nigdmu lsienna u nisblu għall-kelma sagrifiċċju.





Biex nilgħabuha tal-primi nfittxu ngħixu fil-lussu. Inqisu li ma jonqosna xejn: dar mill-aqwa, mgħammra sa ruħ ommha, karozza, għal waħda, tnejn, u forsi ukoll xi opra tal-baħar. Safra ta' kull sena ma tonqosx. Jekk hemm mnejn, f'ħajjet Alla, imma jekk kollox mibni fuq id-dejn, qed norbtu ngassa li llum jew għada toħnoqna. Nibdew ma nlaħħqux. Niġru minn xogħol għal ieħor bla ebda ħin għalina nfusna. Tidħol l-għeja u naqgħu fil-bruda. Jibdew jintfew id-dwal u l-palk bl-atturi ta' fuqu jieħu xejra ta' bla kulur. Kollox jibda jsir b'nofs kedda. **Jekk l-imħabba ma tibqax issuqna, jinżel is-siparju u jispiċċa t-teatrin. Nibdew noħolmu bit-tluq il-barra! Separazzjoni!**

Biex tagħqad, issib min jixtieq ikun prim attur f'xi reċta ġdida. Għalih jew għaliha, erbgħa u erbgħa, tmienja. Ma jimportax li familja titkisser, li ma ssirx ħniena ma' dawk li ġabu fid-dinja. Ma jagħtux kas kemm familjari u qraba se jisfgħu mweġġa', b'qalbhom maqsuma. L-aqwa li l-kummiedja tkompli. Bħal f'kaxxa nfernali! Jieħdu pjaċir bil-ħruq ta' stoppini ta' kull kulur, bla qatt jirriflettu kemm ħin, ħsieb, taħbit u periklu titlob sengħa ta' xogħol sinkronizzat. Biex żwieġ jinbena bis-sengħa jeħtieġ jinbena fuq l-istess passi. Hekk, mbagħad, koppja tgawdi. Il-bqija jsir kollox duħħan u rmied; u jkollna diżastru għax il-kummiedja tinbidel fi traġedja!

**Nemmen li nżidu d-diżastru jekk f'pajjiżna jidħol id-divorzju. Għad nisimgħu tidwi l-istess twiddiba li Ġesù għamel lil Lhud meta qalulu kif Mosè kien daħħal din il-liġi: "Kienet il-qalb iebsa tagħkom li ġiegħlet lil Mosè jagħmel dan. Fil-bidu ma kienx hekk." Imma llum hawn ħafna li jiġu jaqgħu u jqumu minn x'ried u jrid Alla; minn x'qal Ġesù; u fuq kollox, mill-istess ġurament li ħadu fuq l-altar! Għalihom iż-żwieġ ta' darba kien biss...teatrin!**



Nhar il-Ħadd, 14 ta' Diċembru 2008, tħabbret il-mewt ta' **Horace Mercieca,** kontributur regolari ta' din il-Rivista dwar il-qasam ta' l-edukazzjoni.

Id-Direzzjoni ta' *"Il-Ħajja f'Għawdex"* tagħti l-kondoljanzi lil martu Salvina, lil uliedu Alec, Sunta, Joyce u Franco u lill-familjari l-oħra tiegħu.

Il-ħidma ta' Horace tibqa' sejra u l-memorja tiegħu tibqa' f'qalbna u f'talbna. Jistrieħ fis-sliem!

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Żagħżugħ mill-Birgu maħtur bħala "Iż-Żagħżugħ tas-Sena 2008"*

*"F'soċjetà fejn il-valuri intrinsiċi bħar-rispett, il-karità u s-solidarjetà qegħdin jitwarrbu a vantaġġ ta' l-egoiżmu u l-ġid materjali, ż-żgħażagħ impenjati f'attivitajiet filantropiċi huma t-tama għall-futur. Huma ta'eżempju mhux biss għal sħabhom imma ukoll għal dawk akbar minnhom".*



*Arthur Demarco ngħata personalment is-shield ta' "Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2008" minn idejn il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Dun Manwel Cordina, Direttur ta' l-OASI jidher fuq il-lemin.*

Dan huwa parti mid-diskors li bih in-Nutar Dr. Enzo Refalo, president tal- Kumitat ta' l-Għażla ħabbar ir-rebbieħ ta' din is-sena, Arthur Demarco mill-Birgu, tar-Rikonoxximent liż-żgħażagħ, imniedi u imtella' mill-Fondazzjoni OASI. Demarco ġie nnominat għal dan il-premju mis-Sindku tal-Birgu John Boxall ghax-xogħol volontarju tiegħu fil-komunità.

Fl-assenza ta' l-E.T. Dr. Edward Fenech Adami li taħt il-patroċinju tiegħu kien organizzat dan l-avveniment u li minħabba l-kundizzjonijiet tal-baħar imqalleb bejn il-gżejjer ma setax ikun preżenti, dan ir-rikonoxximent ingħata mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Ta' min jgħid li dan l-avveniment huwa differenti minn premijiet simili, għaliex fih ma jintagħżilx rebbieħ jew rebbieħa, iżda dawk kollha nominati jiġu onorati u rikonoxxuti, għad li fl-aħħarnett jintagħżel minn fosthom xi ħadd biex ikun l-ambaxxatur jew ambaxxatriċi taż-żgħażagħ kollha quddiem is-soċjetà għal sena sħiħa.



*Uħud miż-żgħażagħ nominati għall-premju "Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2008" Mix-xellug għal-lemin jidhru: Dun Manwel Cordina, Clint Micallef, Joanna Grech, Victoria Sultana, Arthur Demarco, Saviour Deguara, Franklin Farrugia u Daniel Grech.*

Fl-edizzjoni ta' din is-sena li kienet s-sittax-il waħda, fis-serata finali li saret nhar is-Sibt 22 ta' Novembru filgħaxija fil-Lukanda Kempinksi, f'San Lawrenz, kien hemm disa' nominazzjonijiet minn diversi organizzazzjonijiet madwar Malta u Għawdex. Kif titlob it-tradizzjoni ta' din iċ-ċerimonja, Dun Manwel Cordina, Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI, mgħejjun minn Melvin Attard, iż-Żagħżugħ tas-Sena ta' l-aħħar edizzjoni li għaddiet, ippreżenta lil kull nominat u nominata ċertifikat u trofew ta' rikonoxximent, bħala apprezzament u tifkira.

F'indirizz qasir iżda sinifikattiv ħafna, id-Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni Dun Manwel Cordina, tkellem dwar l-importanza li tingħata lill-ġenerazzjoni żagħżugħa l-mertu tal-ġid li jagħmlu ħalli huma jrawmu fihom infushom sens ta' aċċettazzjoni u b'hekk ikollhom stima għolja tagħhom infushom. Tkellem ukoll dwar il-ħsara li ġġib magħha bidla fiż-żgħażagħ mingħajr riċerka adegwata dwar dak li vera għandhom bżonn għall-iżvilupp personali tagħhom.

## *Wirja ta' ritratti ta' proġetti infrastrutturali u ambjentali*

Fis-sala tal-wirjiet, fil-Ministeru għal Għawdex, ittellgħet esebizzjoni b'informazzjoni lill-pubbliku dwar il-proġetti li twettqu madwar Malta u Għawdex matul dawn l-aħħar erba' snin bis-saħħa ta' ko-finanzjament taħt il-Programm ta' Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għal Malta 2004-2006. Għawdex flimkien ma' Malta bbenefika minn ħames Fondi strutturali li jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew tal-

Gwida u l-Garanzija Agrikola (Taqsima Gwida), l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd u mill-Fond ta' Koeżjoni. Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono żaret din l-esebizzjoni fejn kien hemm għal wiri ritratti ta' proġetti li saru f'Għawdex bl-għajnuna ta' dan il-programm ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Ministru spjegat kif is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kienet ta' benefiċċju sostanzjali għall-gżira ta' Għawdex b'mod speċjali fis-setturi ta' l-ambjent, l-agrikoltura, l-infrastruttura u t-turiżmu. Barra minn hekk ġiet ukoll mogħtija importanza lir-riżorsi umani fejn ġew offruti bosta korsijiet li tejbu l-ħiliet tal-parteċipanti u taw aktar opportunitajiet ta' tagħlim lill-poplu Għawdxi.



*Il-Wirja li ttellgħet f'waħda mis-swali tal-bini tal-Ministeru għal Għawdex.*

## *Siġra tal-Milied naturali u presepju uniku fil-pjazza ewlenija ta' San Lawrenz*



*Il-presepju bis-siġra tal-Milied jiddominaw il-pjazza tar-raħal ta' San Lawrenz.*

Diċembru għall-lokalità ta' San Lawrenz, fil-punent tal-Gżira Għawdxija, kien ifisser ħafna. Ta' kull sena dan ir-raħal jara x'jivvinta biex dan l-ispirtu jinħass fost l-abitanti tiegħu u joħloq atmosfera sabiħa kemm għall-komunità kif ukoll għal dawk li jżuruh.

San Lawrenz huwa magħruf għall-*Pageant* Tradizzjonali tal-Milied liema *pageant* ilu jsir għal dawn l-aħħar disgħa u tletin sena. *Pageant* li involva fih nofs il-popolazzjoni tar-raħal li maż-żmien baqa' jikber u jittrasforma ruħu għal dak li rajna f'dawn l-aħħar ġimgħat.

Apparti l-*pageant* din is-sena l-Kunsill Lokali u l-Parroċċa reġgħu għal darb'oħra ngħaqdu flimkien sabiex fil-ġranet sbieħ tal-Milied ir-raħal seta' jkun attrezzat kif xieraq, b'mod oriġinali u uniku. Is-Siġra tal-Milied, oriġinali bil-ponsjetti, li kienet tintrema fil-pjazza għal dawn l-aħħar snin għamlet wisgħa għal waħda naturali, għolja madwar 33 pied. Din intbagħtet bħala rigal mir-raħal ġemellat ma' San Lawrenz, dak ta' Colle Umberto. Taħt din is-Siġra intrama presepju ġdid u oriġinali fuq disinn ta' Joseph Cauchi, li kien jirrappreżenta l-ikona tal-Milied.

Kienu diversi dawk iż-żgħażagħ li ltaqgħu flimkien fil-maħżen ta' l-armar tal-festa sabiex ippreparaw dan il-presepju li flimkien mas-Siġra tal-Milied kienu ta' attrazzjoni għal dawk kollha li żaru dan ir-raħal ċkejken.

## *Bandisti mogħtija Ġieħ mill-Banda "La Stella"*

Sitt bandisti anzjani tas-Soċ. Filar. La Stella tal-belt Victoria ġew uffiċjalment dikjarati Bandisti Onorarji tas-Soċjetà bħala għarfien tas-servizz twil u diżinteressat li taw għal bosta snin. Il-bandisti, M'Angelo Formosa, Sunny Galea, George Mercieca, Saviour Fenech, M'Angelo Saliba u George Farrugia, ingħataw dan il-ġieħ flimkien ma' rigal, mill-President tas-Soċjetà, Dr Joseph Grech, waqt il-Kunċert Sinfoniku annwali tal-Banda La Stella li sar fit-Teatru Astra.

Tlett bandisti oħra, Nazzareno Galea, John Farrugia u John Cauchi, ukoll ġew ippremjati u mogħtija rigal kull wieħed minn Dr Grech. It-tliet bandisti għadhom kif għalqu 50 sena jdoqqu mal-Banda Ċittadina La Stella.



*Dr Joseph Grech, President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella jidher jippreżenta rigal lil wieħed mill-Bandisti, Nazzareno Galea. Jidhru wkoll, mix-xellug għal-lemin, John Cauchi, John Farrugia u Mro Joseph Vella .*

## *Il-Wirja Annwali tal-Presepji u Grotti maħduma mill-Għawdxin*

Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2008, fis-6.00 ta' filgħaxija, sar il-ftuħ uffiċjali ta' l-24 Wirja Annwali tal-Presepji u Grotti. Din il-Wirja magħrufa bħala "Wirja Milied 2008" mtella' f'waħda mis-swali tal-bini tal-Ministeru għal Għawdex, ġiet miftuħa uffiċjalment mill-Ministru Giovanna Debono u mbierka mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex.



*Anton Galea s-Segretarju tal-Għaqda juri u jispjega fid-dettall lill-Ministru Giovanna Debono, ix-xogħol li sar fuq il-Presepju esebit ta' Victor Agius, li hu l-president tal-Għaqda "Il-Milied fix-Xagħra".*



*Mons. Isqof Nikol Cauchi jifli l-presepji esebiti fil-preżenza tas-Segretarju tal-Għaqda, Anton Galea.*

Il-Kav. Joe M. Attard, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi ta' l-Għaqda, fisser kif l-"Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta" xerrdet u ppropogat l-idea ta' Presepju f'kull dar permezz ta' *lectures* u dimostrazzjonijiet dwar kif jinbena l-Presepju f'diversi lokalitajiet. Hu semma wkoll kif l-Għaqda kienet mistiedna għat-38 *Convegno* Nazzjonali Taljan tal-Presepju li nżamm f'Cuneo f'Settembru li għadda. Anton Galea, Segretarju, ta l-messaġġ tiegħu flok il-President Joseph Galea li kien jinsab indispost.

Il-Ministru Debono għal darb'oħra faħħret il-ħila kbira li l-esibituri, fosthom it-tfal ta' l-iskola, wrew fix-xogħol tagħhom. Spikka x-xogħol tat-tafal u t-terrakotta.

Interessanti ħafna kienet il-wirja ta' bolli ta' Malta tal-*First Day Cover* , li għandhom x'jaqsmu mal-Milied, minn meta bdew sal-lum. Il-wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sal-1 ta' Jannar 2009.

## *Il-Kunċert tal-Milied mill-"Chorus Urbanus" fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

Il-*Chorus Urbanus* ippreżenta l-ħdax-il edizzjoni tal-*Kunċert tal-Milied*, nhar is-Sibt, 20 ta' Diċembru 2008, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat. Il-kunċert kien qed jiġi organizzat bil-kollaborazzjoni tar-Reverendissimu kapitlu tal-Bażilika kif ukoll tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Għall-kunċert ta' din is-sena ġiet mistiedna l-*Orchestra dell-Universita 'Kore di Enna* (direttur mużikali: Mro. Massimo Leonardi) biex takkumpanja lill-kor. Din hija l-ewwel darba li orkestra barranija pparteċipat f'dan il-kunċert natalizju. Fl-edizzjonijiet passati, il-*Chorus Urbanus* kien qed ikun akkumpanjat mill-Orkestra Nazzjonali. Il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea, surmast directtur tal-*Chorus Urbanus*.



*Il-Kunċert tal-Milied fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

Il-kunċert fetaħ b'żewġ biċċiet orkestrali, *Andante Religiosa*, ta' Charles Camilleri, u *Canticum for Strings* ta' John Galea. Pero' il-qofol tal-kunċert kienet l-esekuzzjoni premiere għal Malta ta' *Pastoralmesse in G* ta' Karl Kempter. Il-kor ippreżenta il-*Kyrie, Gloria, Credo, Sanctus, Benedictus* u *Agnus Dei,* bil-parteċipazzjoni tas-solisti Yvonne Galea, Antonella Mercieca, Mario Portelli u Noel Galea. Din il-quddiesa melodjuża għall-aħħar, tant adattata fl-istil tagħha għal dan iż-żmien tas-sena, kienet milqugħha tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti. Evidenza ta' dan kien l-applaws kaloruż li ngħataw il-kor u l-orkestra wara l-aħħar noti ta' l-*Agnus Dei.*

Bħalma issa saret tradizzjoni, it-tieni parti tal-kunċert kienet iddedikata totalment għal għanjiet tal-Milied. Fil-fatt, il-kor, akkumpanjat mill-orkestra, ppreżenta diversi għanjiet li kienu jinkludu *Stille Nacht, Jesus Jot of Man Desiring, O Holy Night* u interpretazzjoni *a capella* tal-għanja *While Shepherds Watched.* L-inklużjoni ta' l-għanja tradizzjonali Maltija *Ninni La Tibkix Iżjed* kienet apprezzata ħafna mill-udjenza. L-adattament orkestrali ta' John Galea kif ukoll l-interpretazzjoni sempliċi mill-kor, ħarġu s-sbuħija ta' din l-għanja tant popolari, sbuħija li toħroġ propju mis-sempliċità tal-melodija. B'talba ġenerali. l-kunċert għalaq bil-*Ukrainian Bell Carol* u *Adeste Fideles.* Bħala gran finale, il-kor ppreżenta *Hallelujah Chorus* minn *The Messiah* ta' Handel li ġab fi tmiemu dan il-kunċert memorabbli. Wara din is-silta, l-kor ingħata *standing ovation* mill-udjenza preżenti li mliet lil-Bażilika

Bħal fil-każ ta' l-edizzjonijiet preċedenti, dan il-kunċert sar biex igħin lill-*Arka Respite Centre.* Fil-fatt, bejn l-ewwel u t-tieni parti tal-kunċert, saret ġabra b'risq din l-istituzzjoni. Matul l-interval, il-Kav. Joe M Attard qara żewġ

poeżiji b'tema tal-Milied, waħda xogħol il-mibki l-Kanonku Joe Meilak, li ħalla dan il-wied ta' dmugħ jumejn biss qabel dan il-kunċert u poeżija oħra ta' l-istess Kav. Attard.

L-għada, 21 ta' Diċembru, dan il-kunċert reġgħa ttella din id-darba fil-Knisja ta' San Ġużepp fil-Kalkara. Dan il-kunċert sar bil-kollaborazzjoni tal-Presbiterju ta' l-istess parroċċa kif ukoll bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Dan il-kunċert sar b'risq *Id-Dar tal-Providenza.*

## *Wirja Milied 2008: Xogħolijiet u Passatempi Folkloristiċi*



Madwar tletin kompetitur ħadu sehem fis-seba' edizzjoni tal-wirja annwali tal-Milied, imtella' mis-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali, f'waħda mis-swali tal-bini tal-Ministeru għal Għawdex, f'Misraħ San Franġisk.

Għall-wirja li saret bejn is-6 u t-8 ta' Diċembru, ddaħħlu madwar 150 oġġett, fosthom wieħed seta' jinnota arranġamenti bi fjuri niexfa; xogħol tal-parċmina; stampi bi fjuri pressati; xogħol tal-ganutell; xogħol tal-monastier; xogħol tal-*macrame'* tal-Milied; xogħol tal-*macrame'* iċħor; xogħol tan-newl tal-Milied; xogħol tar-rakkmu tal-Milied u xogħol tax-xama' tal-Milied.

Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet saret nhar it-Tnejn 8 ta' Diċembru, mill-Ministru għal Ghawdex, Giovanna Debono, fil-5.30 ta' filgħaxija, fis-Sala tal-Esebizzjonijiet. Ippreżentat madwar 45 trofew lill-parteċipanti.

*Uħud mix-xogħlijiet esebiti fil-Wirja Annwali tal-Milied, maħduma bħala passatemp.*






## *Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà... Konferenza f'Għawdex*

Bħala parti minn ġimgħa ta' attivitajiet iddedikata lill-persuni b'diżabilità, il-Federazzjoni Għawdxija Persuni b'Diżabilità organizzat konferenza bit-tema 'Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità', f'waħda mis-swali fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex.



*Waqt il-Konferenza bit-tema 'Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità'. Jidhru mix-xellug għal-lemin Joe Camilleri, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, Mary Rose Attard u l-Avukat Kevin Cutajar.*

Il-konferenza nfetħet b'diskors ta' l-okkażjoni mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono fejn fost affarijiet oħra aċċennat għall-ftehim li ġie ffirmat bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Federazzjoni Għawdxija Persuni b'Diżabilità, fejn iż-żewġ entitajiet qablu li se *jagħmlu l-ħila tagħhom biex flimkien jippromwovu 'l quddiem il-qasam tad-diżabilità f'Għawdex.* Dan wassal għal żvilupp sinifikanti bit-twaqqif tal-*one-stop-shop* li qed jagħti s-servizzi tiegħu mill-*Adult Training Centre* f'Għajnsielem. Żiedet tgħid li fl-ATC il-ġdid, li jinsab fil-limiti tar-Rabat, dan il-*one-stop-shop* ġie allokat spazju attraenti u prominenti fir-*reception area.*

Joe Camilleri, *chairperson* tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) ta ħarsa lejn il-kontenut tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda Dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, li Malta qiegħda fil-proċess biex tirratifika. L-avukat żagħżugħ mix-Xagħra, Kevin Cutajar, President tal-Federazzjoni fuq imsemmija, tkellem imbagħad dwar il-liġijiet ta' Malta li jirrigwardaw il-persuni b'diżabilità, partikolarment il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni

b'Diżabilità) tas-sena 2000. Aktar tard, Alfred Bezzina, direttur eżekuttiv tal-KNPD, spjega x'miżuri qed tieħu Malta biex il-Konvenzjoni msemmija, tkun tista' tiġi ratifikata.

Il-konferenza kompliet b'diskussjoni fost dawk preżenti dwar it-temi trattati mill-kelliema. L-Eċċ. Tiegħu l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech għamel id-diskors ta' l-għeluq.

## *'Id-Dawl tal-Paċi' jasal Għawdex minn Bethlehem*



Għadd imdaqqas ta' tfal ġejjin mill-iskejjel primarji u sekondarji minn madwar Għawdex inġabru fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għal 'erimonja b'differenza, fejn minbarra l-attività tal-Community Chest Fund li ssir ta' kull sena, it-tfal Għawdxin kellhom l-opportunita' li jilqgħu bi ħġarhom 'id-dawl tal-paċi'. Il-fjamma mkebbsa f'lanterna ta' kull sena titwassal mill-belt ta' Betlem lejn diversi pajjiżi madwar id-dinja. Għal dawn l-aħħar 22 sena, din it-tradizzjoni ġiet miżmuma wara li kienet bdiet bħala inizjattiva ta' l-ORF Austrian Television bħala proġett ta' għajnuna lill-persuni b'diżabilità.

Din il-lanterna bil-fjamma tal-paċi waslet Għawdex fuq ħelikopter tal-Missjoni Militari Taljana f'Malta, il-Ġimgħa filgħodu b'koordinazzjoni bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kurja ta' l-Isqof f'Għawdex, wara li jumejn qabel waslet Malta fuq titjira minn Vjenna, fl-Awstrija.

L-attività f'Għawdex, li għaliha attendew fost l-oħrajn il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, sindki u kappillani Għawdxin, bdiet bil-wasla tal-fjamma bid-dawl tal-paċi fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, fejn sitt itfal Għawdxin, wasslu messaġġ qasir b'sitt lingwi differenti: bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ispanjol. Il-messaġġ sar b'sitt lingwi hekk kif din is-sena qed niċċelebraw is-sena tad-Djalogu Interkulturali.

Wara ġiet iċċelebrata quddiesa mill-Isqof Emeritus Nikol Cauchi fejn matulha tfal minn diversi skejjel Għawdxin taw il-flus li nġabru għall-*Community Chest Fund* lis-Sinjura Mary Fenech Adami, filwaqt li tfal oħra bix-xemgħat ħadu d-dawl tal-paċi mill-fjamma, biex imbagħad, meta marru lura l-iskola, poġġewha mal-presepju.

Ta' kull sena, dan id-dawl jitwassal minn Betlem f'bosta djar madwar l-Ewropa, bħala tifkira tal-Milied, fejn jitwassal messaġġ ta' paċi. Kull sena, tifel jew tifla Awstrijaka jivvjaġġaw lejn Betlem biex ifittxu din il-lanterna li tkun mixgħula fil-grotta tan-nativitá f'Betlem, fejn imbagħad din tittieħed l-ajruport ta' Telaviv f'Iżrael, u tittella' f'ajruplan lejn l-Awstrija. Matul il-vjaġġ il-fjamma tingħata l-ossiġnu biex tibqa' tnemnem. Fost postijiet prominenti din il-fjamma tiġi wkoll mixgħula fil-Parlament Ewropew u f'istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Din il-fjamma kienet simbolu ta' paċi hekk kif waqa' l-komuniżmu fil-pajjiżi Ewropej tal-Lvant. Fil-Milied tal-1989, madwar għaxart elef persuna nġabru fiċ-ċentru Ċek ta' Budweis, biex jiċċelebraw din il-paċi, u fl-istess sena nxtegħlet l-ewwel lanterna tal-paċi f'Betlem.

## *Il-Festi ta' Jum ir-Repubblika fir-Rabat*

Il-Ministru Giovanna Debono, nhar is-Sibt, 13 Diċembru, mexxiet il-festi li saru f'Għawdex għall-okkażjoni ta' l-34 anniversarju ta' Jum ir-Repubblika.



*Il-Ministru Giovanna Debono hekk kif poġġiet il-bukkett tal-fjuri quddiem l-irkama komemorattiva, issellem lil Malta Repubblika.*

Il-Banda tal-Pulizija mmarċjat minn Pjazza Savina sa Pjazza Indipendenza, fejn tat programm mużikali. Wara l-Ministru Debono poġġiet bukkett fjuri taħt il-lapida li hemm imwaħħla mal-faċċata tal-*Banca Giuratale* u li tfakkar il-ġrajja ta' Malta Repubblika. Hekk kif spiċċat iċ-ċerimonja fi Pjazza Indipendenza, il-Banda tal-Pulizija ħarġet minn Pjazza Indipendenza u mmarċjat għal Triq ir-Repubblika, Triq Putirjal sa Pjazza San Franġisk. Fi Pjazza San Franġisk, il-Banda daqqet diversi siltiet. Mal-wasla tal-President ta' Malta, l-E.T. Dr Edward Fenech Adami, indaqq l-Innu Nazzjonali. Wara f'waħda mis-swali tal-wirjiet, fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, ittella' Kunċert Korali mill-Kor Għawdxi, *Chorus Urbanus*, taħt id-direzzjoni tad-Direttur Muzikali Mro. John Galea, segwit minn Riċeviment Uffiċjali.



*Il-Banda tal-Pulizija fi Pjazza Indipendenza.*

## *Anton Tabone onorat. Nifirħulu!*

Fl-okkażjoni ta' Jum ir-Repubblika, li tfakkar nhar is-Sibt 13 ta' Diċembru, filgħodu, l-President ta' Malta Edward Fenech Adami, f'isem il-Gvern u l-poplu Malti ta ġieħ lil numru ta' ċittadini Maltin li ddistingwew ruħhom f'diversi oqsma tal-ħajja. Fost dawn kien hemm l-ex-*Speaker* tal-Parlament, ex Membru Parlamentari għal snin twal u l-ewwel Ministru għal Għawdex, Anton Tabone, li ngħata l-grad ta' Kumpann tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu. Iċ-ċerimonja saret fil Palazz il Belt.

Fir-ritratt Anton Tabone jidher jitkellem mal-President ta' Malta waqt ir-riċeviment li l-istess President ta nhar Jum ir-Repubblika filgħaxija f'Għawdex. Jidhru wkoll mix-xellug għal-lemin, il-Ministru Giovanna Debono u s-Sindku tal-Belt Victoria, Robert Tabone.



## *Pellegrinaġġ tradizzjonali minn Ta' Pinu għall-Qala nhar il-Kunċizzjoni*



Fl-okkażjoni tal-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, nhar it-Tnejn 8 ta' Diċembru, il-Parroċċa tal-Qala organizzat il-54 edizzjoni tal-pellegrinaġġ tradizzjonali tal-muturi, roti u karozzi, mill-pjazza tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, fis-1.30 ta' wara nofsinhar. Mijiet ta' *drivers* ħadu sehem.

Mal-wasla tal-pellegrinaġġ fil-pjazza tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni, sar it-tberik tal-vetturi u tqassmu rikordji lis-sewwieqa.





## *"Pet Neutering" u vann ġdid għal SPCA f'Għawdex*

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said ħa sehem f'attività tal-*"Pet Animal Neutering Project"*. Dan il-proġett twettaq bil-fondi tal- *Blue Cross* u l-*Gozo SPCA* ipprovdew servizz bla ħlas għall-klieb u qtates tad-dar fil-lokalità. Chris Said inawgura vann ġdida sponsorjata mill-Ministeru għar-Risorsi u Affarijiet Rurali u mill-*Pet charity* Ingliża, *"il-Blue Cross"*.




Sizzlers

A La Carte • Take Away

Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo

Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*

# Fil-Bidu... Ejjew naħsbu ftit!



Spiċċajna s-sena 2008 u bdejna waħda ġdida. Ngħid għalija mill-ewwel ninduna b'dan il-fatt għalkemm minn mindu rtirajt mix-xogħol ta' kultant nitlef il-kalendarju. Iżda jien twelidt fl-1 tas-sena u allura kif qatt nista' ninsa dan il-jum! Anke jekk qatt ninsa, għadd ta' ħbieb iċempluli u oħrajn jiktbuli waqt li oħrajn jibagħtuli xi SMS u marti tagħmel ħilitha biex tixtrili xi rigal ċkejken! U allura wara l-festi tal-Milied ikun fadalli festa oħra – dik ta' għeluq snini! Bla dubju ċert li bħali ħafna jagħmlu xi proponimenti fil-bidu tas-sena ġdida. U hekk għandu jkun. Importanti li nżommuhom u mhux inħalluhom biss fuq il-karta. Naturalment 'il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi.' Ħafna kienu dawk li bdew is-sena u ma spiċċawhiex. U allura wieħed mill-proponimenti jrid ikun li ngħixu ħajja tajba, dejjem bil-bagalji lesti, biex meta l-Imgħallem isejħilna, isibna lesti. Imma dment li għadna hawn irridu nagħtu sehemna; ma nistgħux noqogħdu b'idejna fuq żaqqna nistennew il-bajtra taqa' f'ħalqna.

Ħafna jkunu qegħdin jippjanaw li matul din is-sena se jilħqu l-qofol ta' xi attività; ngħidu aħna jtemmu xi kors ta' studju u jibdew karriera; oħrajn jaħsbu biex jieħdu l-istat taż-żwieġ; imisshom jieħdu xi promozzjoni fuq ix-xogħol; jibdew kors l-Università jew fis-Seminarju; jilħqu saċerdoti. L-importanti li wieħed ikun għal qalbu għax fil-ħajja ma hemmx isbaħ mis-serħan tal-moħħ u l-kuntentizza. Bla dubju jrid ikun hemm thejjija xierqa u bil-għaqal għal kwalunkwe' triq li wieħed ikun ser jaqbad. Ikun żball kbir li wieħed jieqaf nofs triq ħtija ta' nuqqas ta' preparazzjoni adegwata. Dan narawh jiġri ta' spiss f'ħafna oqsma tal-ħajja.

*"Mighty things from small beginnings grow!"* jgħid l-awtur Dryden. U allura sewwa li fil-bidu tas-sena ġdida naħsbu u nirriflettu sew qabel ngħaddu għal xi deċiżjoni importanti fil-ħajja tagħna. Palazz kbir u sabiħ jibda mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Irridu nkunu konsistenti u nafu dejjem x'aħna nagħmlu u fejn ma nafux, nirrikorru għal parir m'għand min jista' jagħtihulna. Inħarsu lejn mudelli li jistgħu jgħallmuna u nitfgħu anke ħarsitna fuq l-imgħoddi għax bosta drabi l-passat huwa l-mera tal-futur. Irridu nieħdu l-affarijiet bis-serjetà; ma ngħaġġlux, ma nfexfxux u ma nitfixklux. Irridu naraw li nħaddnu ċerti valuri u ma naqalbuhomx ta' taħt fuq. *"Putting the cart before the horse!"* din il-frażi tismagħha ta' spiss u ħafna drabi tivverifika ruħha; mbagħad, '*we have to face the music!*'

Ejjew mela, ħbieb, matul dis-sena li għadha qed tibda ngħarblu sewwa minn xhiex għaddejna s-sena li għaddiet u nitgħallmu mill-iżbalji tagħna stess u nieħdu azzjoni. Ħafna drabi, ħadd mhu ser jaħsillek wiċċek biex tkun isbaħ minnu! Jalla nkunu aħna maturi biżżejjed biex nitgħallmu mill-iżbalji u nfittxu l-għajnuna fejn ma nistgħux naslu weħidna. *'Where there is a will there is a way'*, jgħidu l-Ingliżi u l-qwiel ta' missirijietna ta' min jixtarrhom u jagħti kashom għax fil-ħajja, x'hemm isbaħ milli ssaqsi lill-imgarrab! L-esperjenza għallmitni li fil-ħajja mhemm xejn isbaħ milli tgħix il-ġurnata b'dak kollu li jibgħat l-Imgħallem, li Hu biss jaf x'inhu għal ġid tagħna!

Minn qalbi nawguralkom Sena Ġdida mimlija risq u barka u jalla nibqgħu niltaqgħu flimkien permezz tal-kitba tiegħi li minn żmien għal żmien inperreċ fuq il-ġurnali u r-rivisti! Jiena nemmen li *'the pen is mightier than the sword'* u għalhekk se nkompli nikteb u ngħaddi kelma ta' ġid kull meta jiġini ċ-ċans! Paċi u Ġid lil kulħadd!

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Ir-responsabbiltà qabel id-drittijiet!***

"Tarbija Għawdxija ta' 12-il siegħa li kienet qed tmut rat l-att uman u professjonali ta' infermiera li għażlet li tinjora direttiva ta' l-MUMN biex setgħet issalva ħajjet it-tarbija. Minkejja d-direttiva li ma tippermettix infermiera Għawdxin jitilgħu fuq ħelikopter ma' pazjenti, il-mara għażlet li xorta titla' fuq it-titjira ta' emerġenza... Madankollu, din il-ġrajja rat ukoll il-burokrazija u l-pika minn uħud mill-ħaddiema ta' l-ambulanzi li rrifjutaw li jwasslu lill infermiera Għawdxija lura lejn il-vapur ta' Għawdex".

**Julia Farrugia**, *Illum, 14 ta' Diċembru 2008*

***Ser jiżdiedu l-impiegi!***

"Il-*Malta Enterprise* approvat proġett b'investiment inizjali ta' 4.4miljun ewro biex kumpanija li timmanifattura *security plastic cards* – ibbażata fl-Italja – tagħmel rilokazzjoni mill-Italja lejn Għawdex... B'dan il-proġett, li issa ġie approvat, (il-*Bryvarc Trading Company SRL*) se tkun qed toħloq mas-sittin impjieg ġdid f'Għawdex fuq firxa ta' tliet snin".

**Nathaniel Attard,**
*MaltaRightNow.com, 17 ta' Diċembru 2008*

***U hekk xieraq!***

*In Malta the registered unemployed amounted to 5,869 persons, whereas in Gozo these amounted to 731. In the 12 months to November 2008, Malta experienced a decline in unemployment, whereas Gozo has seen a rise (- 47 in Malta and 24 in Gozo).*

**Mir-Rapport ta' l-NSO,**
*The Malta Independent, 23 ta' Diċembru 2008*

***Ir-regola* de minimis *tal-UE kemm tgħodd għal Għawdex?***

*"... aid under the de minimis rule is not restricted to an underdeveloped or permanently handicapped region or island like Gozo. Businesses in the most advanced regions of Europe are also eligible for it! One thus wonders if there are prize fools in Malta or around Europe to come to and invest in Gozo just to be granted this aid when they can get it without any hassle or worry at home".*

**Frank J. Psaila,**
*The Times, 23rd December 2008*

***Chambray: 4 fażijiet***

*"Phase 1, which has recently been approved, is in respect of the outermost side of the fort. Phase 2 which, along with the master plan, is still being processed, contains the historic core of the fort, the Knights' barracks, the magazine and the polverista. Phase 3 – the reason for the (MEPA) hearing – changed what previously was to be a large olive grove in the middle of the fort to a large swimming pool... Phase 4, which is still being processed, will see big changes in the application. It concerns the British-built barracks*




*and may also include an application for a hotel".*

*Rapport,* **The Malta Independent**, *21st December 2008*

***Kemm żdiedu l-Għawdxin, u kemm żiedu l-Maltin?***

*" 'When we raised Gozo ferry fares for the Maltese and lowered them for the Gozitans, there was a significant increase in the use of the service,' Minister Gatt argued. "This is because a balanced system was put in place, and yes, service has also generally improved'".*

*Rapport,* **David Darmanin,**
*Malta Today, 7th December 2008*

***Salus infirmorum !***

*"2008 has been a notable year for the Gozo Critical Care Foundation (CCU Foundation). The aim of the Foundation is to improve facilities at the CCU at the Gozo General Hospital. The provision of vital machinery in this unit receives no governmemt funding but Gozitans and foreign residents in Gozo, are not deterred! ... On 29 November the CCU Foundation organized a Winter Interlude to raise money for this very worthy cause. Chairman Carmen Bellamy, was delighted to announce that the last three monitors and the nurse's central station have now been ordered and were due to be installed in the next few weeks".*

*Rapport,* **The Malta Independent**, *9th December 2008*

**State of the *art jew* state of the *saqaf?***

*"Around 120 students aged 5 to 10 of Nadur primary were evacuated from their classrooms last Thursday following an architect's warning that the building's roof was in danger of collapsing".*

**Karl Schembri**, *Malta Today, 30th November 2008*

***Papri* versus *għekierex***

*"Nothing gets rid of snails like a pair of ducks and the only by-product is fertilizer for the garden... Can I therefore suggest that Minister Giovanna Debono takes the bull by the horns, or ducks by the wings, with regard to this eco-island initiative and immediately organize annual duck hiring fairs? I've even found the perfect location for the breeding of these ducks. We could cut down all the bamboo in the old quarry at Ħondoq and revert it back to the way it was in 1951 and form a large duck pond".*

**James A. Tyrrell,**
*The Malta Independent, 11 November 2008*

## MILL-PARLAMENT

*Għawdex - Programm għall-bini ta' ħitan tas-sejjiegħ*

**3103. L-Onor. ANTON REFALO** staqsa lill-Onorevoli **GIOVANNA DEBONO** (Ministru għal Għawdex): Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, l-programm għal bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjiegħ f'Għawdex? Min approva dan il-programm? Tista' tgħid kemm metri tul u metri kwadri ta' ħitan tas-sejjiegħ inbnew mill-ġdid fl-egħlieqi tal-bdiewa Għawdxin kull sena f'dawn l-aħħar sentejn? Kemm kienet l-ispiża kull sena? X'inhuma l-proċeduri u l-kriterji li fuqhom issir l-prijoritizzazzjoni u l-għażla ta' liema ħitan jinbnew mill-gdid? Min jivverifika u japprova x-xogħlijiet li jsiru? *13/10/2008*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex jirċievi diversi talbiet biex jinbnew ħitan tas-sejjiegħ li jiġu evalwati, u x-xogħol relatat isir fuq mertu prijoritarju li jieħu in kunsiderazzjoni s-sigurta' u l-ħarsien tal-ħamrija u l-ambjent.

Jiena nfurmata li matul is-sena 2007 ħaddiema tal-Gvern bnew 1090 metru (2138 metri kwadri) ta' ħitan tas-sejjiegħ bi spiża ta' 2618 Ewro u fis-sena 2008 sa issa nbnew 1250 metri (2355 metri kwadri) ta' ħitan tas-sejjiegħ bi spiża ta' 806.36 Ewro. L-ispejjeż ikkwotati ma jinkludux il-pagi tal-ħaddiema li ħafna drabi jużaw materjal li jkun jinsab fuq il-post stess. *10/11/2008*

*Għawdex, Biċċerija - Sejħa għall-offerti*

**4559. L-Onor. ANTON REFALO** staqsa lill-Onorevoli **GIOVANNA DEBONO** (Ministru għal Għawdex): Tista' l-Ministru tgħid għaliex l-aħħar sejħa għall-offerti għall-provvista, installazzjoni, ittestjar u kummissjunar ta' apparat u servizz anċillari tal-biċċerija ta' Għawdex ħarġet fit-26 ta' Ottubru, 2007 u ma ħarġet l ebda sejħa oħra minn dakinhar 'l hawn? Hemm xi problemi jew diffikultajiet biex terġa' toħroġ l-offerta? Tista' l-Ministru tgħid meta hu mistenni li terġa' toħroġ is-sejħa? Tista' tagħti assigurazzjoni lill-Kamra li l-biċċerija ta' Għawdex se terġa' tiftaħ? Jekk fl-affermattiv, meta mistennija titfaħ? *03/12/2008*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata li s-sejħa għall-offerti għall-Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Apparat u Servizz Anċillari tal-Biċċerija ta' Għawdex li nħarġet fis-26 ta' Ottubru 2007 ġiet aġġudikata mill-parti amministrattiva u teknika, iżda saru appelli minn xi kuntratturi li għadhom iridu jinstemgħu mill-Bord ta' l-Appelli tal-Kuntratti Pubbliċi. Ninforma l-Onorevoli Nterpellant li l-Ministeru għal Għawdex huwa kommess li jerġa' jiftaħ il-Biċċerija u d-data tiddependi mill-programm ta' xogħol li jkun determinat meta tiġi mogħtija *t-tender.* *10/12/2008*

*Tender għall-privatizzazzjoni tas-servizz tal-baħar*

**4427. L-Onor. ANTON REFALO** staqsa lill-Onorevoli **TONIO FENECH** (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment): Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet/negozjati mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-privatizzazzjoni tas-servizz tal-baħar bejn Malta u Għawdex? Meta mistennija toħroġ *it-tender* għall-privatizzazzjoni ta' dan is-servizz? *26/11/2008*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li ma hemmx negozjati mal-Kummissjoni Ewropea dwar xi privatizzazzjoni fis-sens kif qed jiġi indikat fl-interpellanza. Il-proċess miexi kif kien ippjanat u hu mistenni li, kmieni s-sena d-dieħla, tinħareġ is-sejħa għall-offerti għall-kuntratt ta' servizz pubbliku għall-vjaġġi bejn Malta u Għawdex kif mitlub mir-regolamentazzjoni tal-Unjoni Ewropea. *09/12/2008*

*Vapur t'Għawdex - Ġarr ta' bowsers*

**3006. L-Onor. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Onorevoli **AUSTIN GATT** (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni): Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' materjal qed jinġarr fuq il vapur bejn Għawdex u Malta ġo *bowsers* li jkunu ġejjin mill-impjant tat-trattament tad-drenaġġ f'Għawdex? *08/10/2008*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li l-materjal li qed jinġarr huwa prinċipalment *sludge* solidu, qisu ħamrija. Dan l-*isludge* huwa stabbilizzat fil-proċess u b'hekk jista' jinġarr fuq il-vapur, mingħajr restrizzjoni. Il-ġarr qed isir permezz ta' kontenituri issiġġillati, sabiex tiġi assikurata li ma jkun hemm l-ebda inkonvenjent ta' rwejjaħ waqt it-traġitt. *15/11/2008*

*Servizz ta' l-ajru bejn Malta u Għawdex*

**3297. L-Onor. ANTON REFALO** staqsa lill-Onorevoli **TONIO FENECH** (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment): Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern dwar servizz ta' l-ajru mill-ajruport internazzjonali ta' Malta għal Għawdex? *16/10/2008*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant illi l-*pre-Budget Document*, li ħareġ f'Lulju li għadda, qed jagħmel riferenza għal dan is-suġġett u hemm qed jiġi proprju propost li għandu jsir studju biex jinstabu modi effettivi li jipprovdu servizz bl-ajru li hu ta' min joqgħod fuqu. Fil-fatt, irid ikun servizz vijabli u sostenibbli biex ma jkunx servizz li jopera bl-iskossi. *15/11/2008*

*Skejjel f'Għawdex - counsellors*

**4442. L-Onor. ANTON REFALO** staqsa lill-Onorevoli **GIOVANNA DEBONO** (Ministru għal Għawdex): Tista' l-Ministru tgħid għaliex ma jiġux impjegati aktar *counsellors* għall-iskejjel f'Għawdex meta hemm bżonn kbir ta' aktar servizz ta' *counselling* għat-tfal? *26/11/2008*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant illi għalkemm għandna *Counsellor*, għandna wkoll *Educational Psychologist* u *SPLD teacher* assenjati l-aktar għal Għawdex. Bħalissa qed joħorġu applikazzjonijiet għal *personnel trainee* li jista' jgħin f'dan il-qasam, applikazzjonijiet fuq bażi nazzjonali. *09/12/2008*

*Programm għal wara l-ħin tal-iskola*

**4440. L-Onor. ANTON REFALO** staqsa lill-Onorevoli **GIOVANNA DEBONO** (Ministru għal Għawdex): Tista' l-Ministru tgħid għaliex il-Programm għal Wara l-Ħin ta' l-Iskola fejn it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu l-*homework* u jieħdu sehem f'attivitajiet ta' *crafts*, *drama*, mużika u edukazzjoni fiżika ma ddaħħalx fl-iskejjel primarji f'Għawdex? *26/11/2008*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata illi l-Programm għal Wara l-Ħin ta' l-Iskola kienet inizjattiva tal-*Gozo College*. Fil-fatt diġà saru l-preparazzjonijiet kollha meħtieġa u huwa ppjanat li jibda fil-bidu ta' Jannar 2009. *03/12/2008*

*Kummentarju (2)*

# 2008 - Ħarsa Finanzjarja Lura (1)



*kitba ta'* MICHAEL GRECH

**Għaddiet is-sena 2008 li fl-istorja ser tibqa' mniżżla bħala waħda mill-agħar snin għad-dinja, speċjalment mil-lat finanzjarju. Fil-fatt din is-sena qegħda titqies bħala agħar minn dawk tas-snin tletin fejn kien hemm dik li baqgħet tissemma' bħala "*The Great Depression*".**

Din kienet vera sena partikolari għaliex fejn jidħlu investimenti, kwalunkwe tip ta' investiment mar lura. Hekk per eżempju jekk wieħed jieħu s-swieq tal-ishma, s-swieq prominenti fl-Ingilterra, l-Amerika, l-Ewropa u l-Ġappun kollha niżlu bejn 35% sa 45% fil-mija. Is-swieq tal-*Bonds* ukoll marru lura speċjalment fejn jidħlu *bonds* tal-banek u ta' kumpaniji żgħar. Suq ieħor li wkoll mar lura kien is-suq tal-propjetà, fejn f'pajjiżi bħal l-Ingilterra, l-Amerika, u Spanja, l-prezzijiet spiċċaw niżlu bejn 30% u 50%. Fis-swieq tal "*Commodities*" (dawk l-affarijiet u minerali li d-dinja teħtieġ, bħal per eżempju żejt, il-ħadid, id-deheb, u affarijiet ta' l-ikel bħal kafè, zokkor, qamħ, etc) hawn ukoll dawn marru lura. Hekk per eżempju l-prezz taż-żejt matul 2008 kien tela' għal kważi US$150 kull barmil biex għalaq is-sena madwar US$40 kull barmil. Anke fis-swieq tal-kambju nsibu li l-muniti l-kbar bħal ma huma d-dollaru Amerikan, Awstraljan, Kanadiż u l-Lira Sterlina, dawn ukoll marru lura meta mqabbla ma' l-Ewro.

Hawn toħroġ il-mistoqsija: **Imma x'kienet il-kawża ta' dan id-diżastru kollu? Ir-risposta mhix sempliċi għaliex kien hemm diversi raġunijiet għal dan kollu. Ħalli nibdew nanalizzaw il-kawżi waħda waħda.**

**Il-punt kruċjali ta' ħafna minn dawn il-problemi kienu l-banek. Dawn fi ftit kliem kellhom regħba kbira biex jaqilgħu il-flus u spiċċaw jisilfu biljuni kbar ta' flus lil ħafna nies li ma kinux kapaċi jaslu biex iħallsuhom lura.** Kawża ta' hekk kien hemm ħafna proprjetajiet li spiċċaw f'idejn il-banek biex jerġgħu jinbigħu. Sadanttant ħafna żviluppaturi baqgħu għaddejjin bi żvilupp sfrenat ta' proprjetà u għalhekk is-suq safa mifqugħ u l-prezzijiet kellhom bilfors jinżlu l-isfel.

Kawża ta' dan, ħafna banek barranin sabu ruħhom f'diffikultajiet kbar u li kieku ma kinux il-gvernijiet li daħlu jgħinuhom, ħafna minn dawn il-banek kienu jfallu. Fil-fatt bank wieħed Amerikan, il-Lehman Brothers, spiċċa falla għaliex il-gvern ma daħalx biex jgħinu. **Kagun ta' dawn il-problemi, d-dinja bdiet dieħla f'riċessjoni li magħha din iġġib telfien ta' impjiegi u għalhekk ikun hemm inqas flus fil-but tan-nies.** Kawża ta' dan, mbagħad, ikun hemm inqas domanda għal ħafna affarijiet fosthom anke dawk meqjusa essenzjali u għalhekk il-prezzijiet ta' ħafna



"*Commodities*" niżlu l-isfel. **Dan huwa meqjus bħala ċirku vizjuż perfett li jkollu dak li jissejjaħ "*Domino Effect*".**

Parti kbira mill-ħtija ta' dan id-diżastru hija tal-gvernijiet jew regolaturi konċernati għaliex ħafna drabi ma kinux effettivi fuq il-banek u istituzjonijiet simili fejn jidħlu l-investimenti. Meta, mbagħad, dawn iddeċidew li jintervjenu kien kważi tard wisq. Hawnhekk sirna nafu li **ħafna mid-diriġenti ewlenin ta' banek u istituzjoniet oħra kienu qegħdin jitħallsu miljuni kbar ta' flus f'*bonuses* talli dawn kienu qegħdin iġibu ħafna negozju u profitti lejn il-kumpanija tagħhom.**

Hawnhekk jiena nagħti tort kbir ukoll lis-soċjetà tal-lum għaliex **Alla jbierek kulħadd dara jgħix qisu miljunarju f'ħajja ta' lussu li biex akkwistajniha spiċċajna nagħmlu djun kbar li issa ma għandniex biex inħallsuhom lura.** Bil-mod kif konna qegħdin ngħixu, spiċċajna li anke nfaqna dak li suppost ħallejna għall-ġenerazzjoni li jmiss. Niftakar tajjeb lill-gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, Michael Bonello, xi ftit żmien ilu jwiddeb li l-pajjiż qiegħed "*Living Beyond its Means*".

**Il-biċċa hija li għadna ma sibniex soluzzjoni għal dawn il-problemi. Fil-ħarġa li jmiss sejrin nagħtu ħarsa lejn kif wieħed jista' jilqa' għall-futur u x'tista' ġġib magħha is-sena l-ġdida.** Minn hawn jiena nixtieq nawgura sena ġdida mimlija saħħa, hena u ġid lill-qarrejja kollha ta' din ir-rivista.

# STUDENTI GĦAWDXIN FL-UNIVERSITÀ: 900



*Joseph W. Psaila jintervista lil Marsette Xerri, PRO tal-"Gozo University Group"*

L-INTERVISTA

*L-istudenti Għawdxin fl-Università, għandhom xi karatteristika fl-imġiba tagħhom, waħda jew aktar, li tiddistingwihom mill-istudenti l-oħra, kemm Maltin kif ukoll barranin? Għandhom xi identità partikolari?*

Ma teżisti l-ebda forma ta' identifikazzjoni esterna fejn jidħlu studenti Għawdxin *vis a' vis* il-bqija ta' l-istudenti fi ħdan l-Università, tant li hemm sens ta' inklużjoni qawwi bejn l-Għawdxin u sħabhom l-oħra, kemm fil-qasam akkademiku u anke dak soċjali.

*L-istudenti Għawdxin fl-Università jgħixu, ftit jew wisq, stil ta' ħajja indipendenti mill-familja. Dan l-istil ta' ħajja għandu xi vantaġġi?*

Din l-indipendenza trawwem fl-istudent Għawdxi sens ikbar ta' responsabbiltà, kemm fejn tidħol il-ħajja domestika, dik akkademika u ovvjament aspetti finanzjarji.

*Dan l-istil ta' ħajja indipendenti 'l bogħod mid-dar iġib miegħu xi żvantaġġi. Liema huma?*

Ħafna drabi din l-indipendenza tkun ta' għajnuna kbira għall-individwi meta dawn joħorġu għad-dinja tax-xogħol, li titlob maturità u responsabbiltà li jkunu diġà trawmu fl-istudent Għawdxi.

*Mil-lat finanzjarju, kif iħossuhom l-istudenti Għawdxin f'Malta?*

L-istudent Għawdxi jrid jaħseb għal diversi affarijiet li l-istudent Malti jibqa' jiġi mogħti fi ħdan familtu. Dawn jinkludu ikel, kontijiet tad-dawl u l-ilma u sorsi ta' enerġija oħra, *internet*, u diversi servizzi li l-ħajja ta' llum ma tippermettix li student jgħaddi mingħajrhom. Filwaqt li napprezzaw il-fatt li qed niġu mogħtija sussidji rigward akkomodazzjoni u vapur, huwa fatt li l-għoli fl-istandard tal-ħajja jolqot ukoll dik studenteska.

*Din is-sena kemm hu n-numru totali ta' l-istudenti Għawdxin li qed isegwu xi kors l-Università? Kemm minnhom huma membri tal-GUG? Tassew li l-inħawi ta' l-Università saru żona fejn jgħixu ħafna Għawdxin, almenu mit-Tnejn sal-Ġimgħa, - żona li saret speċi ta' "Little Gozo"?*

B'ton pożittiv ngħidu li n-numru ta' studenti Għawdxin preżentament jilħaq id-900, wieħed minn kull għaxra tal-popolazzjoni Universitarja, u li tliet kwarti minnhom huma membri tal-GUG.

Bla dubju ta' xejn, fl-Imsida sar hemm ftit jew wisq komunità ġdida ta' Għawdxin, bid-densità tagħha f'Tal-Qroqq, qrib l-Università, iżda li tinfirex ukoll lejn il-Gżira, Ħamrun u Swatar. L-impenji li titlob il-ħajja ta' student ma tagħmilhiex vijabbli għall-maġġoranza li jivvjaġġaw bejn iż-żewġ gżejjer fuq bażi kwotidjana.

*Ikun hemm okkażjonijiet fejn l-istudenti jinqabdu Għawdex minħabba l-maltemp u għaldaqstant jitilfu l-"lectures". X'taħseb il-GUG li jista' jsir dwar din is-sitwazzjoni?*

Dan il-punt il-GUG qajmitu kemm-il darba f'diversi laqgħat li kellha, fosthom mal-Ministru għal Għawdex u anke mal-pro-Rettur. Nemmnu li ċ-Ċentru ta' l-Università ta' Għawdex għandu jservi bħala estensjoni ta' l-Università, u għaldaqstant ikun vijabbli li jibdew jintużaw is-sistemi ta' *live conferencing* li huma gà stabbiliti fuq iż-żewġ naħat. Filwaqt li aħna konxji tal-limitazzjoni ta' spazju, naħseb li jkun għaqli li nużaw is-servizzi provduti bl-iktar mod effiċjenti.

*F'intervista li r-rivista ta' l-istudenti universitarji,* 'the insiter', *għamlet ma' xi studenti Għawdxin, kien hemm il-mistoqsija jekk kinux qatt iltaqgħu ma' diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom. Inti xi tgħid dwar dan?*

Ma nara l-ebda raġuni valida għaliex l-istudenti Għawdxin għandhom isofru xi tip ta' diskriminazzjoni f'post li jippromovi d-diversità. Fuq kollox kemm l-istudent Għawdxi u kemm dak Malti iħaddnu l-istess identità nazzjonali u jirċievu l-edukazzjoni tagħhom fuq bażi ta' ugwaljanza meritokratika.

*Il-GUG kif qed tgħin lill-istudenti Għawdxin fl-Università ta' Malta?*

Il-GUG mhix għaqda li qiegħda hemm biex tħares u tippromovi interessi personali, imma biex twassal il-vuċi ta' l-istudent Għawdxi. L-eżekuttiv jemmen li l-edukazzjoni hi ċ-ċavetta għas-suċċess fl-oqsma l-oħra kollha tal-ħajja, u għalhekk tħoss li l-istudenti flimkien għandhom jaħdmu biex l-edukazzjoni terzjarja tkun waħda pożittiva fil-mod ħolistiku tagħha. Hu propju għalhekk li l-GUG tagħmel enfasi fuq l-iktar aspetti importanti, bħalma huma l-eżamijiet, sussidji, u attivitajiet li jgħinu lill-istudent jiżviluppa l-personalità tiegħu fit-totalità tagħha.

## L-IDENTITÀ TA' GĦAWDEX

**Fil-kuntest ta' l-artikli tiegħu dwar L-IDENTITÀ TA' GĦAWDEX, aħna staqsejna lil ANTON TABONE dwar kif IĊ-ĊENTRU TA' L-UNIVERSITÀ F'GĦAWDEX ikkontribwixxa lejn din l-identità matul is-snin li ilu mwaqqaf u kif jista' jkompli jagħmel dan.**

# L-EDUKAZZJONI TERZJARJA

*Iwieġeb*
ANTON
TABONE



**Iċ-Ċentru ta' l-Università f'Għawdex, illum il-ġurnata jista' jitqies li qiegħed jagħti hu ukoll identità lil Għawdex, imma importanti li nirrealizzaw li dan seta' jseħħ għaliex Għawdex kellu il-kredenzjali u allura ikkwalifika li jħaddan fih Ċentru ta' l-ogħla istituzzjoni edukattiva tal-pajjiż li hija propju l-Università.** Wieħed irid jikkunsidra li ċ-Ċentru m'ilux tant snin jiffunzjona fil-gżira. Infakkar li kien infetaħ uffiċjalment fil-post fejn jinsab illum f'Mejju 1996, għalkemm beda jopera minn erba' snin qabel sa mis-sajf tal-1992. Fi Frar 1993 ingħata bidu ta' l-ewwel kors li wassal għall-Baċellerat fl-Arti (B.A.) f'sala ta' l-Iskola Sekondarja Sir M.A. Refalo fir-Rabat. Dak kien post temporanju sakemm ġie rinnovat u kkonvertit b'sengħa kbira l-bini ta' Lazzaret, kif insibuh hawn Għawdex, fi Triq Rabat/Mġarr. Ta' min isemmi ukoll li qabel Lazzaret, kien hemm żewġ postijiet oħra li ġew esplorati biex iservu ta' Ċentru. Wieħed kien il-Kunvent ta' Sant'Wistin u l-ieħor il-Konservatorju fejn illum hemm Skola Sekondarja tal Bniet. Għalhekk b'kollox l Università ta' Malta ilha involuta direttament f'Għawdex għal dawn l-aħħar 17 il-sena.

Iċ-Ċentru għandu l-istatut tiegħu li tfassal fl-ewwel xhur tal-1993 u li llum hu regolat permezz ta' Avviż Legali. L-iskop ta' dan iċ-Ċentru skond




dan l-Avviż hu li jassisti fil-loġistika u f'aspetti simili korsijiet fl-ekwivalent ta' Grad, ta' Diploma jew ta' Ċertifikat li minn żmien għal ieħor ikunu organizzati f'Għawdex. Jorganizza konferenzi, seminarji u attivitajiet simili fil-gżira. Jippromwovi riċerki f'affarijiet Għawdxin u jiżviluppa rabtiet ma' Għaqdiet lokali biex magħhom ikun jista' jorganizza attivitajiet varji. U jmexxi attivitajiet anċillari ma' l-iskopijiet msemmija hawn fuq. L-Avviż Legali jikkontempla li ċ-Ċentru għandu jitmexxa permezz ta' *Board* biċ-*Chairman* tiegħu ikun ir-Rettur ta' l-Università jew rappreżentant tiegħu.

Naħseb li hu fid-dover tiegħi li hawn insemmi t-tentattiv li kien sar għat-tarf tas-snin sittin biex titwaqqaf dik li kienet tissejjaħ *'University of the Air'*. Dan kien esperiment li kien beda fl-Ingilterra li permezz tiegħu student seta' jsegwi kors universitarju fuq ir-radju mingħajr ma jattendi, ħlief biex joqgħod għall-eżamijiet. Speċi ta' *video conferencing* ta' llum. Dak it-tentattiv ried jikkopja l-esperiment Ingliż billi joħloq l-opportunità biex studenti Għawdxin jibdew jew jissuktaw l-istudji universitarji tagħhom minn Għawdex filwaqt li jisimgħu l-*lectures* minn fuq ir-radju. Dak it-tentattiv nibet b'kollaborazzjoni bejn l-Università, l-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u sa ċertu punt mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Fuq quddiem nett minn naħa ta' l-Università kien hemm il-Professur Ġużè Aquilina, Għawdxi bħalna li dak iż-żmien kien ViċiRettur, u missieri bħala l-President tal-Kunsill Ċiviku. Iżda dak it-tentattiv kien destinat li jfalli għax nifhem jien, ma kienx hemm biżżejjed ħeġġa minn kullimkien, u anki għaliex iċ-ċirkostanzi tbiddlu mal-bidla tal-gvern. Xorta waħda nsellem lil dawk in-nies involuti f'dak it-tentattiv. Imma tajjeb li jiġi reġistrat ukoll li propju f'dak iż-żmien, jiġifieri fl-1969 għall-ewwel darba l-Gvern beda jagħti *allowance* lil kull student Għawdxi li jidħol fl-Università f'Malta biex b'hekk jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ Għawdxin isiru studenti universitarji. Dan kien prinċipju ġdid li ddaħħal u kompla jiġi segwit sal-ġurnata mqaddsa tal-lum. Jiġifieri li l-Gvern hu obbligat li jwieżen lill-istudenti ġejjin minn Għawdex biex itaffilhom l-ispejjeż addizzjonali li jesperjenzaw, u b'hekk l-Università ssir ukoll ta' l-Għawdxin.

Kellhom jgħaddu kważi erbgħin sena sabiex jerġa' jsir tentattiv ieħor għal ftuħ ta' Ċentru f'Għawdex li fortunatament din id-darba rnexxa. Irnexxa għax iż-żminijiet jitbiddlu kif ukoll iċ-ċirkostanzi. Definittivament il-klima kienet wisq iżjed akkoljenti u konduċenti għal proposti ta' din in-natura. Għawdex kien stmat iktar u aħjar, imma fuq kollox kien beda jgawdi minn doża ta' awtonomija bis-





saħħa tal-Ministeru tiegħu u għalih, li kien akkwista ftit ta' snin qabel. Il-proposta ġiet varata fil-Kabinett u bl-arti jew bis-saħħa tal-persważjoni ġiet navigata għal ġol-port. Irrid ngħid li l-proposta kellha alleat qawwi fir-Rettur Fr Peter Serracino Inglott, li fih sibt spalla żonqrija. Kelli l-fortuna ukoll li ċ-Ċentru sab f'min imexxih, bniedem li għalija waqa' mis-sema, sakemm sirt naf li kien avviċinat mir-Rettur. Qed nirriferi għal Professur Lino Briguglio li fehem mill-ewwel l-eżiġenzi reġjonali tal-proġett kollu u ħass fih is-sens ta' l-istorja qed titwettaq fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-edukazzjoni terzjarja ġo Għawdex.

Fil-jum ta' l-inawgurazzjoni tal-post il-ġdid, niftakarni ngħid fid-diskors li għamilt, li dik iċ-ċerimonja kienet verament ħolma li twettqet f'realtà. Komplejt li dak li konna qed nassistu għalih f'dik l-għodwa kien akkwist ta' dak li hu sew li jsir, għax jixraq li jsir u jista' jsir. Tennejt imma, li jrid ta' bilfors ikollok fidi kbira f'dak li temmen fih b'konvinzjoni totali u assoluta, għaliex żgur li tiltaqa' ma' ħafna Tumasijiet fi triqtek, speċjalment jekk dik it-triq twasslek Għawdex. Issuktajt ngħid li l-proposta ta' *Gozo Centre* ta' l-Università setgħet fil-bidu dehret bħala waħda pretenzjuża jekk mhux ukoll prużuntuża għal min lil Għawdex ma jafux, jew ma jafux biżżejjed. Imma għal darb'oħra ġie ppruvat li f'Għawdex hemm wisa' għall-inizjattivi ġodda u kuraġġużi li huma sostenibbli, anzi li f'ħafna każi jifilħu jsostnu lilhom infushom.

Argumentajt li l-involviment ta' l-Università fl-affarijiet ta' Għawdex kien pass mill-iktar importanti u sinifikattiv għall-emanċipazzjoni tal-gżira Għawdxija fil-ħajja nazzjonali. Anzi bl-involviment tagħha, l-Università tat sinjal lill-Istituzzjonijiet u Organizzazzjonijiet Nazzjonali biex huma ukoll jagħmlu kuraġġ u jmiddu riġlejhom fuq Għawdex tagħna ħa jagħmluh tagħhom ukoll.

Illum fil-bidu ta' sena ġdida nistgħu nħarsu lura b'sodisfazzjon sħiħ u nsellmu lill-mijiet ta' studenti Għawdxin li gradwaw, kisbu diploma jew ċertifikat jew segwew korsijiet fiċ-Ċentru matul is-snin li dan iċ-Ċentru u l-arranġamenti ta' qablu ilhom jiffunzjonaw f'Għawdex. J'alla jkompli jitkattar l-għadd ta' studenti u ta' korsijiet, anki kif diġà qed isir, permezz ta' programmi ko-finanzjati mill-UE. Nieħu l-opportunità biex insellem minn qalbi lill-kollaboraturi kollha u lil kull min b'xi mod ikkontribwixxa biex jagħmel din il-ħolma sabiħa ssir realtà isbaħ.

**L-awgurju tiegħi hu li l-Bord jiltaqa' iktar ta' spiss u jsegwi mill-qrib il-ħames skopijiet li għalih twaqqaf, jiġifieri li jkompli jassisti fil-programmar tal-korsijiet; li jorganizza konferenzi, seminarji u attivitajiet simili; jippromwovi riċerka f'affarijiet t'Għawdex; jiżviluppa rabtiet ma' Għaqdiet Għawdxin biex jorganizzaw attivitajiet flimkien u biex imexxi attivitajiet anċillari ma' dawn l-istess għanijiet. Fl-aħħar l-awgurju tiegħi hu li ċ-Ċentru jieħu promozzjoni u jsir *Campus*. Il-*campus* ta' l-Università ta' Malta f'Għawdex. Hekk jixraqlu.**

*anton.tabone@onvol.net*


**Peter's Butcher Shop**

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**



**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 7*

# L-Eskatoloġija fit-Tagħlim ta' San Pawl (3)



*kitba ta'* MONS. ISQOF EMERITU NIKOL G. CAUCHI

### *Il-Ġudizzju Universali*

**Fit-tieni Ittra lit-Tessalonkin *(II Tess. 1 :7-8)* San Pawl jiddeskrivi d-dehra ta' Kristu mħallef, fl-aħħar tad-dinja, "dakinhar, il-Mulej Ġesù jfeġġ mis-smewwiet, imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħrfux lil Alla u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu".**

**San Pawl isejjaħ il-Ġudizzju Universali b'ismijiet diversi, per eżempju, "Jum il-Mulej" meta jikteb: "Intom tafu li Jum il-Mulej jiġi għal għarrieda bħal ħalliel bil-lejl". *(II Tess. 5:2)* "Toqgħodux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot". *(II Tess. 2:2)* "Jum il-Mulej Ġesù Kristu,""Dak li beda din l-opra tajba fikom iwassalha għat-tmiem tagħha, sa ma jasal il-Jum ta' Kristu Ġesù." *(Fil.1:6)* Isejjaħlu wkoll "Jum il-Fidwa": "L-Ispirtu s-Santu t'Alla li fih intom issiġillati għal jum il-fidwa." *(Efes. 4:30)***

### *Karatteristiċi tal-ġudizzju universali*

(a) Is-setgħa li jagħmel ħaqq mill-bnedmin tmiss lil Kristu mhux biss bħala Alla, iżda wkoll bħala Bin il-Bniedem, jiġifieri, l-Messija. L-Appostli kellhom ordni minn Kristu li jxandru li huwa dak li ġie maħtur minn Alla u mqiegħed bħala mħallef tat-tajbin u tal-ħżiena, kif stqarr San Pietru: "Lilna ordnalna biex inxandruh lill-poplu u nixhdu li dan huwa Dak li Alla għamlu mħallef tal-ħajjin u tal-mejtin" *(Atti 10:42).*

(b) Il-bnedmin kollha, bla eċċezzjoni, jiġu ġġudikati fl-aħħar ħaqq, kif jingħad fit-tieni ittra lil Timotju: "Quddiem Alla u Ġesù Kristu, li għad jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin" *(II Tim.4:1)*; li kulħadd irid jidher quddiemu: "Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skont it-tajjeb u l-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem" *(II Kor.5:10).* "Aħna lkoll għad nidhru quddiem it-tribunal ta' Alla... għalhekk kull wieħed minna għad jagħti kont tiegħu nnifsu lil Alla" *(Rum.14: 10-12).*

(c) L-oġġett tal-ħaqq ikunu l-ħsibijiet, ix-xewqat u kull għemil liberu tal-bniedem saħansitra l-għemejjel l-iktar moħbija: "Dan għad jidher, dakinhar li fih Alla jagħmel ħaqq mill-għemejjel moħbija tal-bnedmin" *(Rum2:16),* u jinkixfu l-intenzjonijiet tal-bnedmin: "Il-Mulej għad joħroġ għad-dawl dak li hemm moħbi fid-dlam u jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub" *(II Kor.4:5).*

(d) Huwa ġudizzju mingħajr ebda preferenzi jew favuri lejn ħadd, skont it-tajjeb u l-ħażin li jkun għamel kull wieħed "għax Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ".*(Rum.2:11)* u jkun ġudizzju rettissimu, mingħajr l-ebda żball: "Alla għad jirrivela l-Ġudizzju rett tiegħu u jħallas lil kulħadd skont ma' jkun għamel" *(Rum.2:5-6)*; "Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzju tiegħu" *(Rum.11:33).*

(e) Fl-aħħar Alla jkun magħruf bħala Sid ta' kulħadd: "Meta kollox ikun mqiegħed taħtu, mbagħad l-Iben stess jitqiegħed taħt Alla, u jkun qiegħed kollox taħtu, sabiex Alla jkun kollox f'kollox" fis-Saltna ta' dejjem *(I Kor. 15:28).*

### *X'jiġri wara l-ġudizzju*

Wara l-ġudizzju universali, l-bnedmin kollha, bil-ġisem u bir-ruħ tagħhom jidħlu fl-eternità tat-tgawdija jew tat-tbatija skont il-ħajja li kienu għaddew fid-dinja, u skont is-sentenza li tingħatalhom mill-Imħallef Divin: "U dawn (l-ikkundannati) imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem". *(Mt.25:46)*

**L-Appostlu Missierna fl-Ittra lir-Rumani jitkellem dwar il-ġudizzju u dak li jiġi wara: "Alla jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk li jipperseveraw sa l-aħħar fl-għemil it-tajjeb, imma jerfa' l-korla u l-qilla għal dawk li ma jridu jisimgħu b'xejn u jirvellaw kontra l-verità biex mbagħad joqogħdu għall-ħażen" *(Rum.2:7-8).***

Kif insibu fl-Ittra lil-Lhud, il-qawmien mill-mewt u l-ġudizzju etern, l-insara tajbin għandhom jistennewhom bit-tama li jseħħu fihom il-wegħdiet ta' Alla u li jiksbu l-premju tiegħu: "Din it-tama hija għalina bħal ankra tar-



*Il-Ġudizzju Universali ta' Michelangelo (1541) - Cappella Sistina*

ruħ, sħiħa u qawwija, li biha nidħlu l-ġewwa mill-velu, fejn qabilna daħal Ġesù" *(6:19-20),* iżda l-ġudizzju ma jkunx ħieni għal dawk li naqsu mill-fedeltà tagħhom lejn Alla: "Jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità, nidinbu minn rajna... jibqagħlna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-għedewwa ta' Alla" *(10:26-27).*

**L-Appostlu, fi ftit kliem, juri liema hu l-kastig li jieħdu l-ħżiena, fil-ġudizzju ta' l-aħħar, u liema hu l-premju li jirbħu t-tajbin, fejn jgħid:"għax il-ħlas tad-dnub hu l-mewt, imma d-don li tana Alla hu l-ħajja ta' dejjem fi Kristu Ġesù Sidna" *(Rum.6:23).***

Għalina li nemmnu fi Kristu, il-ġenna tfisser li nkunu għand il-Mulej għal dejjem: "Aħna qalbna qawwija u persważi, li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej" *(II Kor.5:8).* San Pawl jirriferi għall-ġenna xħin isemmi l-premju jew "il-kuruna tal-ġustizzja" li qed jittama mingħand Alla: "Mill-bqija, hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux biss lili, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-dehra tiegħu" *(II Tim. 4:6-8).*

Dwar il-premju li jingħata lit-tajbin, San Pawl ikompli jgħid: "Aħna nħabbru dak li l-għajn qatt ma rat,u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb ta' bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh" *(I Kor. 2:9).*

B'riferenza għall-piena li tingħata lill-ħżiena, San Pawl isejjaħ l-ġudizzju ta' l-aħħar, "nar" fejn jgħid li "Ix-xogħol ta' kulħadd għad jidher, il-Jum għad jurih u n-nar għad jikxfu u jipprova x'jiswa x-xogħol ta' kull wieħed" *(I Kor 2:9)* u l-mument li fih isir il-ġudizzju, jsejjaħlu "Jum il-korla": "Inti qiegħed tiġma' għalik innifsek il-korla għall-Jum il-korla, meta Alla għad jirrivela l-ġudizzju rett tiegħu u jħallas lil kulħadd skont ma jkun għamel *(Rum. 2:5).*

L-Appostlu tal-Ġnus, aktar minn darba, jagħti lista ta' dawk li ma jkollhomx sehem fis-Saltna t'Alla, jigifieri dawk li jintilfu: "Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-Saltna t'Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effemminati, la omosesswali, la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna t'Alla *(IKor6:9-10);* "L-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrit, u ħwejjeġ bħal dawn. Inwissikom, bħal ma wissejtkom qabel, min jagħmel dawn il-ħwejjeġ ma jiritx is-saltna t'Alla" *(Gal. 5:19-21).*

Fl-ewwel ittra lil Timotju, San Pawl iqis bħala "ħżiena u midinbin dawk li huma sagrilegi, qattiela ta' missirijiethom u ommijiethom, qattiela, żienja,, omosesswali, negozjanti ta' l-ilsiera, giddieba, dawk li jaħilfu falz" *(I Tim. 1:9-10).*

**"L-għedewwa tas-salib ta' Kristu huma kkundannati għall-qerda, hekk ukoll il-ħżiena l-oħra kollha" *(Kol.2:19)*; "Dawn għad jitħallew bil-piena tat-telfien ta' dejjem 'il bogħod minn wiċċ il-Mulej" *(2 Tess.5:8).* Twiddiba serja hi dik li nsibu fl-ittra lil-Lhud, "Ħaġa tal-biża' li taqa' f'idejn Alla l-ħaj" *(Lhud 10:31).***

***Twissijiet***

Twissijiet rigward il-ġudizzju u l-ħlas li jieħdu t-tajbin u li bih titwettaq is-sentenza li tingħata mill-Imħallef Divin:

- San Pawl iwissi lill-insara biex ikunu mħejjija b'ħajja moralment tajba, għaż-żjara ta' Kristu: " Dwar Jum il-Mulej, la darba aħna l-insara ma aħniex ulied il-lejl u lanqas ulied id-dlam iżda aħna wlied il-jum, ejjew ngħixu bil-qies, nilbsu l-kurazza tal-fidi u l-imħabba u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni" *(I Tess.5:8).*
- Peress li Kristu rriserva l-ġudizzju għalih innifsu, ħadd ma għandu jagħmilha ta' mħallef u jiddisprezza lil ħutu: "Imma int għax għandek tagħmel ħaqq minn ħuk? Jew lil ħuk għaliex għandek tmaqdru?" *(Rum.14:10).* "Għalhekk tiġġudikawx qabel il-waqt sa ma jiġi l-Mulej... imbagħad kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu" *(I Kor.4:5).*

**L-insara għandhom jistennew l-aħħar ħaqq, bit-tama u l-fiduċja, li jkun jistħoqqilhom il-premju tat-tajbin: "Aħna qalbna qawwija u persważi li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej. Għalhekk fuq kollox għandna nfittxu li nogħġbu lilu, sew jekk nibqgħu hawn u sew jekk noħorġu minn dan il-ġisem" *(II Kor.5:8-9).* Għalih innifsu kien jgħid ukoll: "Nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija" *(Fil.1:23).***

LETTERATURA GĦAWDXIJA — *Poeżiji*

# IL-GANDLORA

*minn* **Francis Sultana**



Hareġ l-ors biex ibill sebgħu
imma għadira mkien ma sab,
xewa għarqbejh sa fl-għar mar lura,
ebda sħab xita ma ġab!

F'dan il-jum minn tal-Gandlora,
sewwasew fit-tnejn ta' Frar,
jekk ix-xita mank biss tqattar,
l-istaġun, għid, għadda u mar.

Hareġ l-ors sab ibill sebgħu,
sa l-għarqub niżżel fl-għadajjar,
raxxet xita, l-art infaqgħet,
joħroġ barra ħadd ma tħajjar.

Ġa la darba x-xita niżlet,
kemm jekk ħafna, kemm jekk ftit,
għid li x-xitwa għadha ġejja,
sajjar sħun, iftaħ l-aptit.

Hrejjef hekk kienu jtennulna
ta' kull sena n-nanniet,
waqt li jfakkru li Marija
b'Ġesù żgħir fit-Tempju ġiet.

Par ħamiem offra Ġużeppi,
kif lil Xmun ippreżentatu;
dan daq l-hena tal-Messija,
u x-xwejħa Anna b'għożża ratu!

Illum għandna d-drawwa l-oħra,
iż-żjarat tal-Kabinett,
tal-membri parlamentari
lill-Arċisqof, quddiem nett.

Biex fix-xemgħa tal-Gandlora,
jagħrfu d-dawl li huwa Kristu;
hekk flimkien lill-poplu jmexxu
u għas-Sliem f'kull waqt jirsistu.

---

# LIL ĦABIBI JOE MEJLAK, POETA *

## (F'għeluq is-sittin sena tiegħu)

*minn* **Carm C. Cachia**

Iż-żmien,
li jgħaddi bla ma jsellem,
jgħaddi bla jitkellem,
min se jħabbatha miegħu
jew jegħleb qawwet driegħu?
Lil dak ma jirbħu ħadd!

Muntanji li f'żgħożithom
werwru 'l kulħadd b'ħarsithom
inbidlu f'ġebla mmermra;
iż-żmien qered saħħithom!

Hu biss min hu poeta
liż-żmien lest jisfidah,
għax ħsiebu jgħix għal dejjem
għal min lest li jaqrah,

Hsieb nobbli mimli ħlewwa
ta' min jithenna bih;
għax fih għaxqa dejjiema
dak kollu l'hu sabiħ.

* *Fr. Joe Mejlak ħalliena nhar il-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2008*

# MIN JISTA'

*minn* **J. W. Psaila**

Min jista' jħażżeż fulstop
għal vers
li jqanqal ħsieb lebbiet
... lilhinn mill-univers.
u liema tikka sewda
sa twaqqaf nebħ
maħluq għad-diwi fl-eternità
... bħal dak bejnietna.

# IN-NIFS

*minn* **J. W. Psaila**

Il-flawt ivvibra Vivaldi vivaċi
u mela b'ħlew ta' ħajja l-ħoss
min-nifs f'fomm bniedem....
U fhimt
li l-misteru fl-Għeden
ma kien misteru xejn.

*Nota Editorjali:*
*Dawk li jixtiequ jippubblikaw xi poeżija li kitbu,għandhom jibgħatuha:*
*Lill-Editur Joe W. Psaila,*
*Paġna Letterarja - "Il-Ħajja f'Għawdex"*
*Lumen Christi, Victoria VCT 2579.*

## KOTBA



Minn Għawdex

# PAWLU, L-EWWEL MISSJUNARJU TA' L-EWROPA

**Carm C. Cachia / Dun Anton Sultana; Lumen Christi Publications; Sensiela Katekiżmu għaċ-Ċkejknin, nru.10; B.C.D. Printing, Victoria; Ottubru 2008; prezz € 2.00. Skont speċjali ta' 40% għal kwantità kbira fil-parroċċi.**




Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina 2008/2009, il *Lumen Christi Publications* ta' Triq Fortunato Mizzi, Victoria, għadha kemm stampat żewġ kotba dwar l-Appostlu tal-Ġnus Missierna San Pawl. Dan l-ewwel xogħol jismu '*Pawlu, l-Ewwel Missjunarju ta'l-Ewropa*', u huwa addattat ħafna għall-familja b'mod speċjali għat-tfal. It-test dwar il-ħajja tad-dixxiplu minn Tarsu huwa addattat mill-Atti ta' l-Appostli minn Carmel C. Cachia u huwa mżewwaq tajjeb ħafna bi produzzjoni ta' l-affreski bil-kulur li nsibu fil-Bażilka ta' *San Paolo Fuor Le Mura* f'Ruma. Cachia għaraf jirrakkonta l-episodji ewlenin fil-ħajja ta' San Pawl b'Malti ħafif u mexxej u beda mill-Martirju ta' San Stiefnu, fejn kien preżenti ż-żagħżugħ Sawlu li żamm il-ħwejjeġ ta' dawk li kienu qed iħaġġru l-ewwel martri tal-Knisja. Mal-konverżjoni tiegħu fit-triq ta' Damasku, Sawlu sar jismu Pawlu u minn hawn 'l quddiem insegwu diversi episodji interessanti fil-ħajja ta' San Pawl li jwasslu sal-Martirju tiegħu f'Ruma.

Tolqtok il-qoxra ta' quddiem tal-ktieb li turi parti mill-istatwa titulari ta' San Pawl fil-Munxar, xogħol l-istatwarju Għawdxi l-Komm. Wistin Camilleri, waqt li fuq il-qoxra ta' wara, nilmħu parti mill-faċċata tal-Bażilka ta' *San Paolo Fuor Le Mura* f'Ruma fejn jinsab midfun dan l-Appostlu, Missier il-Maltin u l-Għawdxin.

Fil-fehma tiegħi ħadd m'għandu jitlef iċ-ċans li jikseb kopja ta' dal-ktejjeb sempliċi dwar il-ħajja ta' San Pawl fil-qosor, ipprezentat tassew b'mod attraenti u li jiswa biss żewġ ewro. It-tieni ktieb f'din is sensiela, '*Pawlu – l-Appostlu tal-Ġnus, Missier il-Maltin*', ta' Mons. Lawrenz Sciberras, huwa studju mill-aqwa dwar San Pawl, u qed jinbiegħ għall-prezz ta' seba' ewro, waqt li jagħlaq din is-sensiela l-ktieb *'Il-Vanġelu ta' San Pawl – Meditazzjonijiet'*, tal-Biblista famuż Ingliż, Ronald Knox, li mistenni jkun mitbugħ lejn il-bidu ta' Frar 2009. Se jkun jiswa ħames ewro.

Prosit tassew lil *Lumen Christi Media Centre* tal-Belt Victoria li ħarġet b'din l-idea li tipprovdi daqstant materjal interessanti dwar San Pawl matul din is-Sena Pawlina, fi tliet kotba mill-isbaħ.

***Kav. Joe M. Attard***

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

***Siltiet mid-diskorsi ta' Mons. Isqof meħudin mill-ktieb tiegħu "Oħorġu fil-Pjazez"***

# IL-VANĠELU TAL-FAMI

## 1 ĦTIEĠA FUNDAMENTALI

IL-FAMILJA hi fundamentali mhux biss għall-Knisja imma wkoll għas-soċjetà tagħna.

Għax jekk għandna **familja b'saħħitha**

- għandna Knisja b'saħħitha
- għandna pajjiż b'saħħtu

Imma jekk għandna **familja marida**

- allura għandna Knisja marida
- għandna pajjiż marid. *(p.87)*

## 2 IL-FAMILJA HI SEMINARJU

Seminarju huwa dak il-post fejn il-bniedem jitrawwem ħalli jagħraf x'inhi s-sejħa ta' Alla.

- U allura l-familja hija Seminarju żgħir. *(p.88)*

## 3 NGĦOŻŻU L-MATERNITÀ

...Għeżież ommijiet, nixtieq li intom tapprezzaw aktar dan id-don tal-maternità u tgħożżu din is-sejħa li għamlilkom Alla, biex flimkien ma' żwiegħkom tikkoperaw ma' Alla fil-ġenerazzjoni ta' wlied ġodda. *(p.73)*

**Il-maternità tiftiehem biss jekk...**

Il-maternità tiftiehem biss jekk hemm is-sieħeb li hu missier.

Ngħid għalija, hija weġgħa ta' qalb nisma' li f'pajjiżna wieħed minn kull ħamsa minn dawk li jitwieldu, huwa minn omm li m'għandhiex sieħeb, jiġifieri mhux miżżewġa. *(p.73)*

## 4 RISPETT: IL-LIĠI NATURALI DWAR IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA

Sfortunatament, anke d-diskors li jsir illum fostna u barra minn xtutna u li lilna jeffettwana wkoll, mhux dejjem hu diskors, jien ma ngħidx li jirrifletti l-Vanġelu, imma lanqas l-Liġi Naturali, jiġifieri dik il-Liġi li Alla ta lil kull bniedem, hu x'inhu t-twemmin tiegħu.

- **Raġel ma' Mara**
- **Rabta Dejjiema**

Dawn huma l-veritajiet li joħorġu mid-Dritt Naturali, li mbagħad Kristu jqaddishom u jagħmilhom parti mill ideja, mill-kunċett taż-żwieġ nisrani. *(p.90)*

## 5 L-GĦEDEWWA TAL-FAMILJA

**Iż-Żina u l-Adulterju**

San Pawl x'jifhem aktar b'żina?

- jifhem dawk ir-relazzjonijiet bejn persuni, relazzjonijiet stabbli imma immorali, jiġifieri qed jifhem:
  - relazzjonijiet intimi bejn tnejn mhumiex miżżewġin
  - relazzjonijiet sesswali bejn raġel u raġel
  - relazzjonijiet sesswali bejn mara u mara.

U dawn, nerġa' ngħid, **mhux biss imorru kontra t-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja, imma jmorru kontra d-dinjità tal- persuna umana.**

Hawn min qed irewħilhom kemm f'pajjiżna u anke lil hinn minn pajjiżna. U jien nibża' li min qed irewwaħ barra, għad iwassal dan ir-riħ anke fostna. U qed ngħidu biex inkunu ppreparati. *(p.91)*

**Attakki kontra l-ħajja tal-Familja**

Dawn il-jiem smajna b'wieħed ġej minn Spanja, ġenekologu, li għamlilna proposta:

Qalilna li lil dawk li jridu joqtlu lit-trabi tagħhom, qed joffrilhom servizz b'xejn!

**Ma setax ikun hemm oltraġġ aktar serju lejn in-nazzjon tagħna, lejn il-poplu tagħna, milli nipproponu għajnuna lil min irid jagħmel omiċidju!**

X'inhi l-pożizzjoni tagħna quddiem ġrajja bħal din? Qisu ma ġara xejn? *(p.105)*

## 6 IL-VANĠELU TAL-FAMILJA

Quddiem il-frakass tal-familji, ma jidhrilkomx li huwa mument, li aħna lkoll kemm aħna, nxandru l-Vanġelu tal-familja? *(p.106)*

**Il-Ġenituri : L-Ewwel Katekisti**

Jekk irridu nitkellmu dwar il-ħajja nisranija, l-ewwel esperjenza ta' Knisja tagħmluha intom, fid-dar tagħkom, għeżież ġenituri.

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# LJA TASSEW NISRANIJA



**L-ewwel Katekist ta' wliedna mhuwiex l-Isqof, il-Kappillan jew il-Katekisti taċ-Ċentri, imma huma intom, għeżież ġenituri.**

Min huma l-ewwel għalliema tat-talb? Forsi mhux intom, għeżież ġenituri?! *(p.135)*

### Il-Valur Fundamentali tal-Familja

Noqogħdu attenti biex **ma nibqgħux nagħmlu esperimenti fuq il-familja.**

Ħarsa lejn is-snin li għaddew malajr tagħtina prova ta' kif issarrfu l-esperimenti li għamilna fuq din l-istituzzjoni li hija bażi vitali għal kull bniedem u għas-soċjetà.

**Ma nisgħux nilagħbu bil-familja.** *(p.167)*

### L-Embrijun hu Persuna

... Smajna illi fl-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll f'pajjiżna, hemm min qed jinnamra ma' l-idea li għandu jkun hemm liċenzja biex jintużaw dawk li jissejħu **ċelluli staminali** meħudin mill-embrijun uman, biex jintużaw għal skopijiet ta' terapija u ta' mediċina.

L-iskop kieku, huwa wieħed tajjeb, imma intom taħsbu li wasalna fi żmien meta l-fini jiġġustifika l-mezzi?

Taħsbu li nistgħu **nittraffikaw, ninnegozjaw, nimmanipulaw u nisfruttaw** il-persuna ta' bniedem biex infejqu ieħor?

Hekk inkunu nagħmlu meta nfittxu li niksbu dawn iċ-ċelluli staminali mill-embrijun uman.

Hemm diversi prinċipji etiċi illi jgħidu li n'għandna qatt nirrikorru għal dawn iċ-ċelluli meħudin mill-embrijun.

**L-embrijun hu persuna.** *(p.144)*

### Id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem

U meta nitkellmu minn drittijiet, **ma nivvintawx drittijiet, għax id-drittijiet huma miktuba fin-natura tagħna l-bnedmin.**

Meta n-Nazzjonijiet Uniti taw lid-dinja din il-Karta tad-Drittijiet, huma kienu biss qegħdin jagħrfu dak il-patrimonju tal-ġeneru uman, patrimonju illi r-raġuni, meta mħaddma tajjeb, tgħinek biex faċli tiskoprih. *(p.142)*

## 7 "MA NIVVINTAWX DRITTIJIET"

Għaliex qed ngħid "ma nivvintawx drittijiet"?

**Għax faċli ssib, anke fostna, min faċilment jagħmel xi affermazzjoni u jiddiskriviha bħala xi "dritt ċivili" tagħna; bħal meta per eżempju, ġie li tkellmu dwar id-divorzju bħala dritt tal-bniedem.**

**Sa fejn naf jien, id-dritt li huwa definit fil-Karta tad-Drittijiet Umani huwa d-dritt għaż-żwieġ u mhux għad-divorzju.** *(p.142)*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (71)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(ID-DSATAX-IL PARTI)*

## *IL-MEMBRI TAL-KNISJA KATTOLIKA*

*Min hu fil-Knisja?*

**Il-membri tal-Knisja Kattolika fid-dinja huma l-bnedmin li rċivew il-magħmudija, u li jżommu t-twemmin ta' l-Evanġelju ta' Kristu, kif twassal lilhom fit-Tradizzjoni Mqaddsa ( D.V.n. 8-10 ).**

Fl-enċiklika *"Mystici Corporis"* (Dz. 2286) il-Papa Piju XII, jgħallimna li "jistgħu jitqiesu verament membri tal-Knisja, dawk biss li twieldu mill-ġdid mill-ilma tal-magħmudija, u jistqarru l-fidi vera u ma nqatgħux huma stess mill-istruttura tal-Ġisem tagħha, b'xi għemil indenn tagħhom jew ġew maqtugħin minnha mill-awtorità leġittima, minħabba delitti gravi li jkunu għamlu".

Il-kostituzzjoni *"Lumen Gentium"* (n.14) tagħtina din id-definizzjoni: "Għandhom sħubija sħiħa fis-soċjetà li hi l-Knisja, dawk li għandhom l-Ispirtu ta' Kristu, li aċċettaw l-istruttura kollha tagħha u l-mezzi ta' salvazzjoni li hija tagħti, u li huma magħqudin fil-ġisem viżibbli tagħha ma' Kristu - li jmexxih permezz tal-Papa u ta' l-isqfijiet - bir-rabtiet ta' l-istqarrija tal-fidi, tas-Sagramenti, tat-Tmexxija Ekkleżjastika u tal-komunjoni ekkleżjali".

**Il-Kattoliċi huma l-insara mgħammdin u li jemmnu fi Kristu, bħala Mulej u Feddej tagħhom. Huma dawk li f'unjoni mal-Papa u ma' l-isqfijiet jaċċettaw is-sistema kollha u l-mezzi tas-salvazzjoni li Kristu ħalla, f'idejn il-Knisja, bħalma huma s-seba' sagramenti (*Lumen Gentium*, 14; *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 837). Barra minnhekk il-membri tal-Knisja jimpenjaw ruħhom skont l-istat (sitwazzjoni) tal-ħajja tagħhom, biex ikomplu l-ħidma ta' Kristu għas-salvazzjoni tal-bnedmin.**

Biex in-nisrani jkun jagħmel sehem mir-ruħ tal-Knisja, jeħtieġ mhux biss li jemmen, iżda wkoll li jkun fl-istat tal-grazzja t'Alla. Għalhekk il-bniedem ġust li jkun mgħammed u jistqarr il-fidi kattolika, jappartjieni għall-ġisem u għar-ruħ tal-Knisja, fil-waqt li dak li għandu l-fidi, mingħajr ma jkun fl-istat tal-grazzja, dment li jibqa' hekk, jappartjieni biss għall-gisem tal-Knisja.

Il-Konċilju Vatikan II, jfisser fit-tul (Lumen Gentium, n 10) it-tliet ufficċji jew aspetti tal-missjoni ta' Kristu. Huwa ġie ikkonsagrat mill-Ispirtu s-Santu, bħala saċerdot, profeta u sultan (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 783,436). Kull wieħed mill-membri tal-Knisja, kulħadd skont is-sejħa tiegħu, għandu sehem mit-tliet ufficċji ta' Kristu.

Il-Kattoliċi jaqdu lil Alla fil-Knisja, b'modi differenti skont is-sejħa li jkollhom u skont il-kariżmi li jkunu mżejnin bihom għax kif jgħidilna San Pawl: "Jaqaw ilkoll appostli? Ilkoll profeti? Ilkoll għalliema? Ilkoll bid-don tal-mirakli? Ilkoll għandhom id-don tal-fejqan? Ilkoll jitkellmu fl-ilsna? Ilkoll ifissru?" (*1 Kor* 12,29) jiġifieri mhux kull nisrani għandu l-istess sejħa u l-istess doni. Kull persuna hija msejħa biex tgħix u taqdi lil Alla f'waħda minn dawn it-tliet kategoriji jew modi ta' tisħib fil-Knisja li tħaddan fiha: (a) il-Ġerarkija (b) persuni kkonsagrati (ċ) il-lajċi.

*Il-Knisja Ġerarkika*

**Il-Ġerarkija li Kristu waqqaf fuq l-appostli u s-suċċessuri tagħhom, huma l-bnedmin li lilhom Hu fdalhom it-tmexxija tal-Knisja. Il-ġerarkija tinkludi l-ministri ordnati, jiġifieri l-isqfijiet, u l-kollaboraturi tagħhom li huma l-qassisin u d-djakni.**

Il-Ġerarkija tal-Knisja għandha r-rwol essenzjali li tgħallem lil-insara dak kollu li għandhom jemmnu u jagħmlu għas-salvazzjoni, li tqaddes il-membri tal-Knisja, speċjalment bis-sagramenti, u li tmexxi l-Knisja, biex tilħaq il-għan tagħha li huma l-glorja t'Alla u s-salvazzjoni tal-bnedmin.

Permezz tas-Sagrament ta' l-Ordni Sagri, li ħadu l-ministri li jifformaw il-ġerarkija tal-Knisja, jipparteċipaw b'mod speċjali fis-saċerdozju ta' Kristu. Huma mhux biss jirrappreżentaw il-komunità nisranija afdata f'idejhom, iżda wkoll jgħallmuha, iqaddsuha u jmexxuha.

**Kemm il-presbiteri kif ukoll l-insara l-oħra għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu. Iżda s-saċerdozju tal-ministri sagri, għad li huwa marbut mas-saċerdozju komuni ta' dawk kollha li rċivew il-magħmudija, huwa essenzjalment differenti minnu, peress li għandu l-għan speċifiku li jibni l-Knisja. Kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II: "Is-saċerdozju komuni tal-fidili u s-saċerdozju ministerjali jew ġerarkiku, għalkemm differenti minn xulxin fl-essenza u mhux biss fil-grad, madankollu huma maħsuba għal xulxin, għaliex it-tnejn, kull wieħed bil-mod tiegħu, jipparteċipaw mis-saċerdozju ta' Kristu (*Lumen Gentium*, 10).**

Il-Konċilju Vatikan II, fil-kostituzzjoni *"Lumen Gentium"* jagħti tagħlim mhux biss dwar il-membri tal-Ġerarkija (*Lumen Gentium*, 18-29) iżda wkoll dwar ir-reliġjużi (*Lumen Gentium*, 43-47) u

dwar il-Lajċi (*Lumen Gentium*, 30-38). Wara li fit-taqsimiet ta' qabel tkellimna dwar il-Papa u l-isqfijiet, issa jmiss li nagħtu xi tagħrif dwar il-presbiteri u d-djakni.

### *Il-presbiteri*

**Il-presbiteri huma ministri tal-Knisja, li ġew magħżula biex jaħdmu id f'id ma' l-isqof fil-ħidma tax-xandir tal-kelma t'Alla, u fl-amministrazzjoni tas-sagramenti (*Presbyterorum Oridinis*).** Skont it-tagħlim tal-Konċilju (*Lumen Gentium*, 28) "għalkemm ma jilħqux il-quċċata tas-saċerdozju, u jiddependu mill-isqfijiet fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħhom, il-presbiteri huma madankollu magħqudin magħhom fid-dinjità saċerdotali. Bis-saħħa tas-sagrament ta' l-Ordni, fi xbieha ta' Kristu, il-qassis il-kbir u etern, **huma kkonsagrati biex jippritkaw l-Evanġelju, jirgħu l-fidili u jiċċelebraw il-kult divin bħala saċerdoti veri tat-Testment il-Ġdid.**

### *Id-djakni*

**Id-djakni huma l-ministri maħturin biex jikkoperaw ma' l-isqof u mal-presbiteri, fil-predikazzjoni, fil-Liturġija u fl-organizzazzjoni tat-tqassim tal-karità u tal-ħidma soċjali tal-Knisja (*Lumen Gentium*, 29).**

Id-djakni għandhom l-obbligu li jirreċitaw il-Liturġija tas-Sigħat, u huma marbutin bil-vot taċ-ċelibat. Permezz tad-djakonat, in-nisrani jidħol fl-istat klerikali u jinkardina ma' djoċesi determinata, jiġifieri jagħti kelma li jaqdi l-Knisja taħt it-tmexxija ta' l-isqof tiegħu.

**Il-Konċilju Vatikan II, barra milli ta tifsira ġdida lid-djakonat, bħala tħejjija għall-presbiterat, reġa' waqqaf id-djakonat permanenti, li jista' jingħata wkoll lill-irġiel miżżewġin. Wara l-Konċilju, s-setgħat ewlenin tad-djaknu huma dawn: ixandar il-vanġelu, jqassam l-Ewkaristija, jmexxi l-laqgħat ta' l-insara, jwassal il-messaġġ nisrani, jgħammed, jassisti għaż-żwieġ ta' l-insara u jbierku, iwassal il-vjatku lill-moribondi u jmexxi l-liturġija tal-funerali (*Lumen Gentium*, 29).**

Il-Papa Pawlu VI fil-*Motu Proprio* tat-18 ta' Ġunju 1967 fejn isemmi wkoll id-djakonat permanenti jgħidilna li "sa mill-bidu taż-żminijiet appostoliċi, il-Knisja Kattolika żammet f'ġieħ għoli l-ordni sagru tad-djakonat, kif jagħti xhieda l-Appostlu tal-Ġnus innifsu. Huwa espressament jibgħat it-tislijiet tiegħu lid-djakni flimkien ma' l-isqfijiet (Ċfr *Fil* 1,1,), u jagħti direttivi lil Timotju dwar liema virtujiet u kwalitajiet għandu jfittex fihom, sabiex ikunu jistgħu jitqiesu li jistħoqqilhom il-ministeru tagħhom (*I Tim* 3, 8-13).

Barra minn dawk li jifformaw il-Ġerarkija fil-Knisja Kattolika, hemm ukoll l-insara l-oħra u għalhekk xi teoloġi jitkellmu, dwar l-"*Ecclesia congregans*", "il-Knisja li tiġma", jiġifieri dawk il-membri tal-Knisja, li huma responsabbli għat-tmexxija spiritwali u għall-ħajja tal-fidi fil-komunità u l "*ecclesia congregata*" - Knisja miġmugħa, jew il-komunità li toqgħod għat-tmexxija tar-ragħajja spiritwali tagħha (*Sintesi della Teologia Dogmatica,* Edizione Studio Domenicano, Bologna 1998, 173).

### *Ir-Reliġjużi*

Dak li fil-Knisja jagħżel lil dawk li ħaddnu l-istat reliġjuż mill-insara l-oħra, kemm kjeriċi u kemm lajċi, huwa l-osservanza tal-kunsilli evanġeliċi; difatti **r-reliġjużi rġiel u nisa jikkonsagraw ruħhom lil Alla, permezz tal-voti jew wegħdiet tal-faqar, tal-kastità u ta' l-ubbidjenza.** Sa minn żminijiet bikrin fl-istorja tagħha, l-Knisja żammet b'għożża kbira l-familji jew ordnijiet u kongregazzjonijiet reliġjużi, ħadet ħsieb ukoll li tinterpreta l-kunsilli tal-Vanġelu u permezz ta' liġijiet għaqlin tirregola t-twettiq tagħhom fil-prattika, skont il-ħtieġa taż-żminijiet.

**Il-ħajja kkonsagrata li jagħżlu għalihom ir-reliġjużi, hija "tweġiba ħielsa għas-sejħa partikolari minn Kristu, li biha l-persuni kkonsagrati jingħataw lil Alla b'mod sħiħ, waqt li jfittxu l-perfezzjoni ta' l-imħabba mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. Kompendju*, n. 192).**

Il-ħajja reliġjuża għandha valur kbir fil-Knisja, għaliex barra milli tgħin għas-salvazzjoni ta' dawk li jgħixuha, hija wkoll sinjal b'tifsira importanti għall-insara l-oħra. Difatti din l-għamla ta' ħajja ta' dawk li jaqsmu flimkien ħajja ta' talb u ta' penitenza, tfakkar f'realtà oħra li ma tintemm qatt. Ir-reliġjużi jiċċaħdu mill-ġid materjali u mill-pjaċiri ta' din id-dinja, biex jiksbu iktar bil-ħeffa l-ġid u l-hena tal-belt ta' dejjem. **Ir-reliġjużi għalhekk huma sinjal tal-ġid spiritwali li ma jidherx, li Alla jwiegħed lil dawk li jħobbuh. Għalhekk il-Konċilju fil-*Lumen Gentium* (n. 44) jgħidilna li l-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, "tidher bħal sinjal li jista' u għandu jiġbed b'mod effikaċi lill-membri kollha tal-Knisja, biex jaqdu b'ħeġġa d-dmirijiet reliġjużi tagħhom.**

Barra minn hekk il-ħajja reliġjuża toffri lill-insara nkoraġġiment u eżempju sabiħ biex jimitaw lil Kristu li kien fqir, verġni u ubbidjenti sal-mewt tas-salib (*Fil* 2.8).

### *Il-Lajċi*

**"Bl-isem ta' lajċi - kif jgħallimna l-Konċilju fil-*Lumen Gentium* (n 31) - nifhmu l-fidili kollha minbarra dawk li huma membri ta' l-Ordni Sagri u ta' l-istat reliġjuż magħruf mill-Knisja, jiġifieri l-fidili li wara li saru jagħmlu sehem mill-ġisem ta' Kristu bil-magħmudija, u miġbura f'poplu t'Alla, jipparteċipaw fil-qies tagħhom mill-uffiċċju saċerdotali, profetiku u regali ta' Kristu u kulħadd, skont il-parti tiegħu, jtemmu fil-Knisja u fid-dinja l-missjoni propja tal-poplu nisrani kollu".**

Dak li jgħallem il-Konċilju dwar il-fidi u l-ħajja ta' l-insara, jgħodd għal dawk kollha li huma mgħammdin, u għalhekk ngħiduh ukoll dwar il-Lajċi. Huma jieħdu sehem mill-uffiċċju saċerdotali ta' Kristu l-ewwelnet billi jieħdu sehem fis-sagrifiċċju ewkaristiku kif ukoll billi joffru sagrifiċċji spiritwali li "jogħġbu lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu" (*I Pt* 2,3) li jikkonsistu fit-talb, appostolat, il-ħajja tal-familja, s-sabar u għemejjel oħra ta' ħajjithom.

**Il-Lajċi jieħdu sehem fil-missjoni profetika ta' Kristu, billi jilqgħu bil-fidi t-tagħlim ta' Kristu, jissaħħu fih u jxandruh bix-xhieda ta' ħajjithom u bil-kelma fil-ħidmiet ta' evanġelizzazzjoni u ta' katekeżi.**

Fl-aħħarnett huma jieħdu sehem fil-missjoni regali ta' Kristu Sultan "għax rċivew minn għandu l-qawwa li jirbħu d-dnub fihom infushom u fid-dinja, biċ-ċaħda tagħhom infushom u bil-qdusija ta' ħajjithom. Huma jaqdu diversi ministeri fil-komunità u jdaħħlu valuri morali fl-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum tal-bniedem u fl-istituzzjonijiet tas-soċjetà" (*Katekiżmu tal Knisja Kattolika. Kompendju*, n. 191).

**Imbagħad dwar ir-rwol partikolari tal-Lajċi, il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jagħmel enfasi fuq il-missjoni tagħhom fid-dinja, ċioè fl-ordni temporali fejn jgħid li huma għandhom "idawlu u jmexxu l-ħwejjeġ kollha tad-dinja, li magħhom huma għandhom rabta liema bħalha, biex isiru kif irid Kristu" (*Katekiżmu tal-Knisja* Kattolika, 898).**




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sittax-il Parti )*

## *IL-PRODUZZJONI TAL-MELĦ*

**Fil-gżira ċkejkna ta' Għawdex minbarra diversi tipi ta' blat li jagħtuna ġebel differenti, it-tafal li jerfgħalna l-ħażna ta' l-ilma, il-ħamrija li tkabbar l-uċuħ u s-siġar tal-frott, għandna wkoll il-baħar li jagħtina l-melħ. Imma l-melħ hu prodott komuni u f'ċerti pajjiżi jista' jinkiseb bl-irħis mill-minjieri. Għarem ta' melħ jinsabu fin-nofsinhar tal-Baħar il-Mejjet magħruf ukoll bħala Baħar il-Lhud, fejn il-mara ta' Lot saret statwa tal-melħ. It-Turkija hemm saħansitra għadira tal-melħ f'nofs l-inħawi ta' Anatolja.**

**Il-gżira ċkejkna tagħna ta' Għawdex tipproduċi wkoll il-melħ, dari fi kwantitajiet akbar mil-lum. L-idea ta' kif jittieħed il-melħ mill-baħar għandna mnejn tgħallimnieha mill-istess natura. Fl-inħawi tad-Dwejra u tax-Xlendi nsibu ħofor ċatti mħaffrin b'mod naturali li jimtlew bl-ilma baħar meta l-mewġ ikun iħabbat bil-qawwi mal-blat. Imbagħad l-ilma jinxef bix-xemx u f'qiegħ il-ħofra jibqa' ż-żlieġa bajda tal-melħ. Minn hawn għandhom imnejn l-ewwel bnedmin ħadu l-idea li jħaffru s-salini fuq wiċċ il-blat tal-franka biex jimlewhom bl-ilma baħar ħalli jieħdu l-melħ.**



### *Is-salini tal-melħ*

Minn dawn is-salini nsibu l-aktar fl-inħawi tal-Qbajjar, iż-żewġ naħat tal-bajja, fl-inħawi tax-Xwejni u l-kosta li tieħu lejn Wied il-Għasri, u s-Salina leġġendarja ta' l-Arluġġar, li ħafna minnha m'hix tajba għax il-blat kien puruż iżżejjed. Kien hemm salina Għar Qawqla u salina oħra jew mellieħa tinsab lejn l-inħawi tax-Xlendi. Hemm oħra fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini u mhux bogħod wisq mix-Xatt l-Aħmar. L-aħħar salina li se nsemmu tinsab taħt il-Qala, sewwa sew taċċata tal-Ġebla tal-Ħalfa. Dwar il-purużità fil-blat, tajjeb li jingħad li l-blat tal-gżejjer Maltin hu kollu puruż. Għalhekk salina jew mellieħa ma tkunx tajba wisq qabel ma trabbi ż-żlieġa jew l-iskorċa li żżomm l-ilma milli jibqa' jinxtorob fil-blat.

Il-melħ minn dejjem kien preġjuż u fl-antik kien isir il-ħlas bih għax ma jeħżienx, u sakemm ma jinħallx jibqa' tajjeb. Il-kelma salarju, li tfisser paga, ġejja mill-kelma Latina '*sal, salis*', li tfisser melħ. Fl-imgħoddi l-melħ kien prerogattiva tal-Gvern. Għalhekk dawn is-salini kienu jingħataw b'ċens jew kera mill-Gvern b'kundizzjoni li min jieħu l-art irid jirranġahom, iħaffirhom jekk ikun se jżid u jieħu ħsiebhom billi jżommhom fi stat tajjeb.

**Is-salina jew mellieħa jkollha żewġ tipi ta' ħofor jew skandlori. Ħafna skandlori jkunu żgħar, u f'dawn l-ilma baħar jevapora u jsir melħ. Fil-qrib ikun hemm ukoll skandlora kbira fejn l-ilma baħar jittella' għal ġo fiha u jħalluh jevapora hemm qabel ma jqassmuh fl-iskandlori ż-żgħar jew isaqquhom. Dari l-ilma baħar kienu jtellgħuh bil-barmil, illum jużaw il-mutur. Dik ta' Wied il-Għasri saħansitra kellha sienja li kienet ittella' l-ilma baħar bid-dawrien tal-bagħal li kien idawwar is-sienja, mbagħad l-ilma jaqleb waħdu lejn l-iskandlora l-kbira u anki għaż-żgħar.**



### *Kif isir il-melħ*

Il-melħ isir aktar malajr fl-inxufa u fir-riħ fuq. Il-melħ li jsir fir-riħ fuq huwa isbaħ minn dak li jsir fir-riħ isfel. Dak li jsir fir-riħ fuq isir qxur qxur filwaqt li dak tar-riħ isfel ikun imfarrak. Fil-bidu tas-sajf inaddfu sewwa s-salini u mbagħad jimlewhom meta x-xemx tieħu sewwa. Fir-riħ isfel u ħafna nida u umdità, ix-xogħol tal-melħ jista' jisfratta kollu. **Meta jinxef il-melħ jikinsuh u jgeddsuh b'imselħa jew xkupa apposta, gozz żgħir ġo kull skandlora. Imbagħad jiġbruh f'gozz kbir u jħalluh jinxef ftit ieħor. Fl-aħħar, u jekk tkun riesqa xi maltempata, jdaħħluh fil-għar. Dan il-għar fil-qiegħ ikollu kanal biex minnu jissaffa l-ilma tas-salmura.**

### *Kif jinbiegħ il-melħ*

Il-melħ jinbiegħ bil-kejl skont il-bżonnijiet ta' dak li jkun: l-aktar bit-tomna u bis-siegħ. Għal dar normali siegħ jew sigħajn melħ kienu biżżejjed u jservu sena. Djar oħra fejn kienu jippreservaw il-ħut u l-laħam tal-majjal, allura kienu jixtru tomna jew tnejn. Ħafna melħ dari kien jinxtara wkoll mill-bdiewa li kienu jagħmlu l-ġbejniet, iqaddu t-tadam u għas-salmura taż-żebbuġ u tal-kappar. Hawn ta' min igħid ukoll li l-melħ jintuża' wkoll miż-żebbiegħa tad-drappijiet, dawk li dari fid-dokumenti kienu jissejħu **tintori**. Iż-żebbiegħa kienu jieħdu l-melħ il-maħmuġ, li kien jitħammeġ b'xi maltempata tat-trab, li kien jinbiegħ bir-rħis. Tal-melħ jaqbillu għax ma jarmi xejn, u ż-żebbiegħa jaqblilhom għax jeħduh bir-rħis. Waqt l-użu, t-trab u r-ramel li bih kien ikun maħmuġ il-melħ jinżel fil-qiegħ u ż-żebbiegħ juża l-ilma mielaħ safi li jkun hemm fil-wiċċ. Minn dan naraw li dari l-melħ kellu wisq aktar importanza mill-lum għall-ħajja ta' kuljum tal-poplu Għawdxi.

Illum il-melħ jiġi ppakkjat bil-magna fil-boroż tal-plastik. L-eżiġenzi tal-ħwienet il-kbar u s-*supermarkets* jitolbu wkoll li fuq il-borża jkun hemm il-*barcode*. **Ħafna nisa Għawdxin jemmnu li l-melħ ta' Għawdex hu itjeb mill-melħ li jiġi minn barra u jippreferuh għat-tisjir. Jista' jkun li veru. Il-melħ ta' barra jkun melħ komuni pur. Imma l-melħ tal-baħar fih taħlita ta' mlieħ, jiġifieri tipi ta' melħ differenti, li jkun hemm fil-baħar li jagħti palat aħjar.**

*(Ħajr lil Toni Calleja tal-Għasri*
*taż-żidiet li għamilli mal-kitba oriġinali).*






*Letteratura Għawdxija* — *Esej*

# Ħidmet Għawdex mas-Sebħ



*Is-sebħ fir-Ramla*

*Kitba ta'* **PATRI REMIGIO GALEA O.F.M.,Kapp.**

Għawdex fil-popolazzjoni tiegħu jixbah lil raħal imdaqqas ta' Malta. Min-naħa l-oħra Għawdex hu reġjun għalih, gżira mdawra bil-baħar u mkennen bil-blat għoli ta' Ta' Ċenċ li jibqa' jdur miegħu sad-Dwejra. Hu reġjun għalih bl-għoljiet iħaddru u bil-widien sbieħ u pittoreski jfuħu bil-pjanti u jlewnu bil-fjuri selvaġġi. F'riġlejn l-għoljiet u fis-sinet mimli għelieqi li għadhom iħaddru bl-għelejjel u kull prodott staġjonali li jaf ixettel il-bidwi bieżel u ħabrieki. Bit-tagħlim tal-lum fl-industrija u fl-agrikoltura għandu l-mezzi u ħidma sfiqa biex mis-sebħ tal-jum ibakkar għax-xogħol u l-ħidma li jistennewh mas-sebħ f'Għawdex, x'ħin tkun għadha ma ntfietx il-kewkba leqqiena tas-sebħ.

Kif jibda jiċċarrat il-velu taċ-ċpar u jidhru l-istrixxi ta' kull lewn fis-sħab mixgħulin mid-dijiet moħbija tax-xemx, ħosbiena wara x-xefaq tal-lvant, kollox jibda jitħarrek u jiddistingwi ruħu. Bejn ħajta dawl u oħra dlam jersaq iż-żerniq li jġib u jżid ma kull ħin, ħidma wara oħra fin-nies.



*Is-sebħ fix-Xlendi*

Il-ħsejjes tal-karozzi jiżdiedu u jħaffu lejn fejn jibda ċ-ċaqlieq tal-vapuri li jifthu l-bibien tagħhom għal ħaddiema ta' kull sengħa. Studenti u żgħażagħ ta' kull kategorija malajr isibu posthom sejrin fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Il-baħar jibda jifrex mal-medda tiegħu 'biċ-ċafċifa ta' merħba biex iressaq il-gżejjer ma' xulxin. Xi ħlewwa wkoll mill-għoli tal-kampnari, ħiereġ bħal dawl inemnem ifakkarna ukoll fit-talb ħerqieni fil-knejjes fejn jinġemgħu oħrajn li marru biex jiftħu qalbhom mal-Mulej, li jrodd is-saħħa u s-sliem fil-qalb tal-bnedmin u jniżżel kull barka fuq ix-xogħol tal-jum.

Is-sebħ jifrex id-dawl tiegħu ma' kullimkien. Jagħti tnehida ġdida lill-pazjent fid-djar u fl-isptarijiet li sebaħ aħjar. Il-mument tas-sebħ hu jum aħjar għalih, tama li jista' jegħleb il-mard u d-dgħufija tiegħu. M'hemmx isbaħ mis-sebħ li jġarrab liż-żagħżugħ wara lejl ta' mistrieħ. Kemm traġedji ta' niket jiġru lil dawk li jgħaddu l-lejl imqajmin mal-mużika tal-metall li tħerrihom u ma tħalli l-ebda saħħa f'ġisimhom! Huma u jerġgħu lura, ħafna żgħażagħ jiltaqgħu ma' diżgrazzji fis-sewqan l-aktar minħabba l-għejja u n-nuqqas ta' mistrieħ u x-xorb bla rażan ta' lejl sħiħ. Għalihom is-sebħ iġib ħsara u niket u mewt. J'Alla l-kuxjenza komunitarja tal-ġustizzja tinfetaħ ukoll għas-sebħ sabiħ li jeħtieġu dawn iż-żgħażagħ. Kemm ikun għelm ta' tama u ġid għas-soċjetà! Iż-żgħażagħ huma r-riżorsi tal-futur. L-intelliġenza żagħżugħa toffri sfida għal kull min jistenna jew ifittex it-tamiet soċjali tal-ġejjieni.

Dawl u raġġi sbieħ jixirfu mix-xemx li issa bħal globu aħmar fuq l-ilmijiet, 'l fuq mix-xefaq ixxerred dawl ma kullimkien. L-istess toroq bdew jimtlew bil-passi ħfief tan-nies sejrin 'l hawn u 'l hinn. Kull wieħed sejjer għall-qadi fil-ħwienet biex ilesti x-xirja ta' sebħ il-jum, għal dawk l-ewwel ħtiġijiet li jridu jsiru għat-tfal li kmieni jitilqu lejn l-iskola jew għal dawk ikbar, impjegati fl-uffiċini tas-servizz. Oħrajn jippreparaw biex iżuru l-morda u l-pazjenti fl-isptarijiet. Kulħadd ifittex bil-għaġġla u l-ħeffa dak li jeħtieġ u jfassal il-jum ġdid. L-istess natura ta' madwarna tistenbaħ u tittawwal lejn id-dawl sabiħ tax-xemx. Kollox jieħu l-ħajja. L-għoljiet ta' madwarna jnisslu fina tama ġdida bl-għelejjel sbieħ. Għawdex mal-ħarsa


Is-sebħ f'Ras il-Qala - l-Blata tal-Ħalfa

tiegħu f'jum sabiħ iġagħlek titpaxxa u tistrieħ bil-kwiet li tħoss fih. Is-sbuħija tiegħu f'jum sabiħ iżid nifs ta' ħajja mlewna u miżgħuda b'kull ħjiel ta' ferħ. Ħafna nies jixtiequ u jħossu l-istess mument ta' ferħ. Jiġu hawn f'Għawdex f'dawn il-waqtiet biex jinsew it-toqol tal-ħajja u jimtlew b'ħeġġa ġdida. Id-dmir tagħna hu li nżommu din il-gżira tagħna fis-safa u l-indafa u f'ambjent ferrieħi. Dan ir-rigal sabiħ li xerred il-Mulej, għandna nħarsuh u nżommuh u niddefenduh biex jibqa' jkun post ta' kenn u paċi għal min hu inqas ixxurtjat. Iddoqq u tinstema' tajjeb u tinżel fil-qalb bħal l-għasel l-għanja tal-poeta Pisani:

*Gżira sabiħa art il-ħlewwa u l-għana*
*Saltna tal-għasel, tal-bżulija xehda,*
*Ġawhra ta' tieba, sebħ u ġieħ ta' ġensna*
*Ħolma mixtieqa taż-żgħożija mbegħda.*

*Fik ried iwaqqaf il-Ħolqien daħkani*
*l-isbaħ għerejjex tal-għamara tiegħu,*
*lilek ħatar Alla, x'ħin fuq ġbinek biesek*
*kbira neddejja tal-qawwiet ta' driegħu.*


Is-sebħ fl-Imġarr


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**



*SFIDI TA' ŻMIENNA - 5*

# GĦALIEX KNISJA? GĦALIEX KOMUNITÀ?

*kitba ta'* **JOE RAPA**

**Kull Nisrani huwa kuljum imsejjaħ għall-konverżjoni. Min-natura tagħha, l-Magħmudija li huwa rċieva bħala tarbija hi xi ħaġa li għandha bżonn tikber; mhix statika, wieqfa. Meta l-ilma tal-Magħmudija jieqaf jiġri u jgelgel u jsejjaħ kuljum għall-konverżjoni, isir ilma qiegħed, ilma mejjet li minnu ma tista' titwieled l-ebda ħajja. Għalhekk in-Nisrani adult huwa dejjem mimli b'ħerqa ġewwa fih sabiex jikber minn fidi għal fidi billi min daq lil Kristu dejjem għandu ġuħ u għatx għal iktar.**

Malli dan il-proċess jibda jseħħ bis-serjetà f'persuna, dan jibda jinduna li l-ikbar għana li jista' jakkumula fuq din l-art hu għarfien dejjem ikbar ta' Kristu. Jibqa' mistgħaġeb quddiem il-fatt li l-esperjenzi kollha tal-ħajja li xtaq jagħmel ħallewh vojt, ma laħaqx il-milja tal-mistrieħ li għalih tħabat tant. Il-flus, is-saħħa, il-karriera, il-familja, il-fama tajba... kollha rigali sbieħ, ma kissrulux iċ-ċirku tal-biża' tal-mewt li fuqu titkellem l-Ittra lil-Lhud. Kull kantuniera tal-ħajja tippreżenta t-theddid tagħha, żagħżugħ mod, anzjan ieħor.

Għall-bniedem li jfittex is-sens tal-ħajja, dan kollu hu pożittiv. Anzi, d-diżappunti u l-fallimenti tal-ħajja, li għall-grazzja t'Alla lkoll kemm aħna għandna minnhom, jibnu fil-bniedem għatx għal dak li hu veru, għal dak li tassew jiswa, għal dak li għandu l-ħila jimlilu l-ħofra li għandu f'qalbu li hi bla qies, li għandha l-qies t'Alla. Anzi l-kobor tal-bniedem hu appuntu dan: il-vojt tiegħu hu bla qies u Alla biss jista' jimlihulu. L-annimal jimtela bil-ġandar u saħansitra ħafna nies jintelqu jehdew bil-knis; il-bnedem veru Alla biss jista' jimlih.

Minn hawn ġejja t-tfittxija għal Kristu, it-tfittxija għall-għarfien ta' l-Imħabba li hi l-unika milja għat-tħannin tal-bniedem. Din hi l-konverżjoni vera. Mhux li wieħed ifittex li jobdi l-Liġi mbuttat mill-biża' reliġjuż ta' l-ilsir, iżda li jgħarrex bi stennija u tama f'qalbu li se jiltaqa' ma' dak in-namur li għalih kien maħluq u li hu biss jista' jissodisfalu t-tħannin ta' qalbu. Għaliex il-Kristjaneżmu hu xi ħaġa lil hemm mir-reliġjon u l-liġi. **Il-Kristjaneżmu hu namur. U dan in-namur ma' Kristu għandu s-saħħa jitfi l-biża' ta' kull tip ta' mewt għax Kristu rebaħ il-mewt.**

Il-konverżjoni lejn din is-sbuħija tressaqna lejn il-bżonn li l-bniedem għandu tal-Knisja. M'hemmx konverżjoni mingħajr il-Knisja. Fejn se nfittex lil Kristu jekk Kristu hu fil-Knisja? Il-konverżjoni qatt m'hi individwalista, qatt m'hi azzjoni ta' bniedem waħdu. Jekk il-konverżjoni hija mxebbha ma' wieħed li jaqsam id-deżert minn pajjiż il-jasar għall-Art Imwegħda, huwa ċar li din il-biċċa xogħol ma jistax jagħmilha waħdu. Ħadd ma jaqsam id-deżert waħdu. Għandu bżonn karovana li tħarsu u tgħinu. **Mingħajr Knisja m'hemmx konverżjoni.**

Iżda din it-tendenza li wieħed jispiċċa waħdu, speċjalment fid-dinja tal-lum meta kulħadd għaddej mgħaġġel aljenat fi triqtu, tolqot ukoll lill-bniedem li jħossu mitluf fil-massa tal-Knisja. Iħossu mitluf u waħdu fil-massa miġbura għal-Liturġija u bla ma jrid jaħseb li t-tfittxija għal Kristu hi xi ħaġa personali ta' bejnu u bejn Alla. Jitlef il-qies għani ta' Knisja: li hu wieħed minn ġemgħa miexja fl-istess direzzjoni. U hekk jingħalaq fl-individwaliżmu, kunċett tant għal qalb id-dinja materjalista. Iħossu waħdu u emarġinat meta jkun mhedded mill-problemi tiegħu. Is-solitudni dejjem kienet għadu sieket għall-bniedem, iżda qatt daqs fid-dinja tal-lum. **Il-Knisja nnifisha tista' ssir baħar li fih il-bniedem, miġrugħ mill-ħajja, jintilef. Dan hu periklu li qed jhedded lill-Knisja llum: li għall-bniedem imdejjaq ma tibqax relevanti; li ma jara lilu nnifsu mkien fir-riti u l-użanzi tagħha. Jinqata' ħelu ħelu u jfittex is-soluzzjoni u l-għajnuna band' oħra.**

Huwa gwaj li fil-Knisja li ġiet maħluqa biex ma tħallix lill-bniedem waħdu ssib ħafna li huma waħedhom. Għalhekk illum hu ferm interessanti l-iskoperta li qed tagħmel il-Knisja tal-mudell tal-komunità li wara kollox hu fl-għeruq tal-Knisja kif jixhdu l-Atti ta' l-Appostli. Dan xeħed għalih ukoll l-Arċisqof fis-Sinodu fuq l-Iskrittura u anke l-Papa Ġwanni Pawlu II meta fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Toronto qal li mill-bogħod qed jilmaħ il-parroċċa bħala komunità kbira ta' komunitajiet.

Fuq komunità jingħad ħafna diskors iżda minn barra ftit li xejn tista' tikkummenta fuqha. Komunità trid tgħixha; trid li jkollok esperjenza tagħha. Komunità ta' 30, 40 jew l-aktar 50 ruħ hija l-iktar ambjent san fejn tista' timxi mixja serja ta' konverżjoni. **Huwa f'Komunità fejn l-oħrajn isiru jafuk tassew u juruk il-verità fuqek innifsek. Din hija għajnuna kbira għax ħafna drabi kull bniedem huwa ngannat fuqu**

**nnifsu. Fil-Komunità tinduna kemm hi ċkejkna l-imħabba tiegħek għall-ieħor meta l-ieħor huwa differenti minn dak li tixtiequ jkun. Il-Komunità tgħinek tħott l-idea żbaljata li għandek fuqek innifsek u tgħinek tikber fl-umiltà. Kif se jiġri dan f'parroċċa-massa fejn ħadd ma jmiss miegħek bis-serjetà? Hu faċli timmaġina li tħobb lil kulħadd meta ma jkollok x'taqsam ma' ħadd.**

Tant hi serja u kultant xejn faċli l-ħajja f'komunità li wara ftit żmien wieħed jista' jistgħaġeb kif jibqgħu jiltaqgħu għal-laqgħat tagħhom flimkien. Normalment f'assoċjazzjonijiet profani meta wieħed ma jaqbilx ma' l ieħor, jagħti daqqa ta' sieq lil kollox u jitlaq. Kif jibqgħu dawn ma' xulxin? Raġuni waħda. Għax il-Komunità Nisranija hija msejsa fuq il-Kelma t'Alla. Hija l-Kelma t'Alla, l-Aħbar it-Tajba ta' Sidna Ġesu' Kristu, li żżommhom flimkien, anzi bil-mod il-mod twelled bejniethom *koinonia*, għaqda. Tibda tinduna li l-oħrajn jibdew iħobbuk u jaċċettawk mhux minħabba l-bravuri tiegħek iżda għax jindunaw li int dgħajjef bħalhom. Id-dgħufija ta' kulħadd tinkixef fil-Komunità u hu Kristu li jgħaqqad lil kulħadd flimkien. Waqt li d-dgħufija tiskandalizza d-dinja, hi l-mezz ta' qdusija fil-Knisja.

**Dak li hemm bżonn jidher ċar fil-Knisja, u li ħafna drabi hu mtappan, hu s-sens ta' direzzjoni. Il-Knisja hi l-poplu li hu f'mixja ta' konverżjoni! Kull ħaġa oħra hi aljenazzjoni. Il-Knisja hi l-poplu li qed ifittex għarfien dejjem ikbar ta' Ġesu' Kristu li hu ċ-ċentru tas-sbuħija li trid issalva l-bniedem.** Il-Knisja hi magħmula minn nies li huma dejjem imħassba fuq il-konverżjoni tagħhom u li jafu li huma mpediment għall-Ispirtu s-Santu (S. Injazju ta' Loyola). F'Komunità dan jidher ċar għax l-unika ħaġa li laqqgħethom flimkien fil-bidu kien il-falliment li ħassew fil-ħajja u l-għatx li 'jippruvaw' lil Kristu. **Alla ma jħallikx tiegħu l-Komunità bħala '*hobby*'; jekk m'intix tfittex lil Kristu, waħdek titlaq.**

F'dinja li fiha l-Knisja qed terġa', bil-mod il-mod, issib ruħha fl-ambjent li fih twieldet fi żmien l-Imperu Ruman, huma importanti s-sinjali li hi tagħti. Il-pagani kkonvertew għax raw l-għaqda u l-imħabba fil-komunitajiet nsara. Dawn iridu jidhru b'mod qawwi. **M'hemmx evanġelizzazzjoni mingħajr sinjali. Jekk in-nies ma jarawx ma jemmnux. Għalhekk fiż-żminijiet tal-lum mhux daqstant importanti li jkollok Knisja/parroċċa organizzata ħafna bil-quddiesa kull siegħa ecc. Minflok huwa importanti li jkollok gruppi ta' nies li flimkien qed jindunaw li għandhom bżonn konverżjoni; li jiċċelebraw flimkien il-Kelma t'Alla li tgħinhom jgħixu b'iktar qawwa l-Ewkaristija; li għalihom l-Iskrittura ssir xi ħaġa li mingħajrha ma jgħaddux, il-ħabiba intima tagħhom li fiha jsibu miktuba l-ħajja tagħhom; li jiġu bil-mod imdaħħla fit talb tas-salmi u jiskopru fihom it-teżor li l-Knisja dejjem kellha iżda li għal tant nies sfortunatament ma jeżistix;** nies li għalihom velja bħas-Sahra Qaddisa ta' l-Għid issir iċ-ċentru tas-sena, festa li qatt m'huma lesti li jitilfuha u mhux ħmar il-lejl bħalma hi għal ħafna.

Dawk li huma kontra l-idea ta' komunitajiet jattakkawhom għax jgħidu li jistgħu joħolqu Knisja ġo



Knisja, joħolqu paralelliżmu fil-Knisja. Dan jiġri għax il-Knisja qed tgħix fi żmien ta' tensjoni, *"watershed"*, żmien li titlaq ħabel li qed jinqata' biex taħtaf ieħor, żmien meta f'pajjiżna l-Knisja għadha tgawdi minn strutturi li dejjem qdewha u għadhom xi ftit jaqduha, iżda li m'humiex se jaqduha 'l quddiem. "Nostalġija għall-passat" (mill-ġdid l-Arċisqof). Din in-nostalġija mhix mill-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu dejjem iġedded. Huwa l-bniedem li ma jinbidilx u ma jibdilx l-istrutturi tiegħu jekk ma jkunx imġiegħel miċ-ċirkostanzi. **Alla jġiegħel il-Knisja ġġedded lilha nnifisha permezz tas-sinjali taż-żminijiet għax minnha nnifisha l-Knisja ma tiġġeddidx. Iżrael sab is-sinagoga u l-istudju tal-Kelma t'Alla minħabba l-Eżilju; it-tiġdid ta' Trentu seħħ għax deher Luteru ecc. Ninsabu f'fażi simili.**

Ħafna jibqgħu jemmnu sa l-aħħar li pastorali sagramentali waħedha hi biżżejjed bħalma dejjem kienet fil-passat. Is-sinjali taż-żminijiet jgħidulna li l-pastorali sagramentali tiegħu l-ħajja u tagħti l-frott illum jekk kull parroċċa jkollha l-istruttura tagħha ta' evanġelizzazzjoni, predikazzjoni persistenti ta' l-Aħbar it-Tajba, katekeżi progressiva li ddaħħlek dejjem iktar fil-maturità nisranija. Dawn m'humiex ħwejjeġ tal-massa għax l-iktar li huma effettivi huma fi spirtu komunitarju. L-għan ta' dan huwa li l-ftit, ħelu ħelu, jdakkru l-kotra bħalma dejjem ġara fil-Knisja.

**Wieħed jista' jintelaq quddiem l-għażliet serji li trid tagħmel il-Knisja fi żmien ta' bidla. Għall-kuntrarju kollox jixhed għall-meravilja li hu l-Ispirtu Qaddis t'Alla li għall-kuntrarju ta' dak li jaħsbu ħafna huwa pass quddiem l-Istorja, mhux warajha. Huwa hu s-Sid ta' l-Istorja u ma jaġixxix b'risposta għal dak li jiġri iżda jmexxi Hu l-Istorja b'risq il-Knisja tiegħU u jippreparaha (lill-Knisja) minn qabel biex f'kull ġenerazzjoni titwieled mill-ġdid dejjem żagħżugħa u mġedda.**

Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (7)



# Dun Jimmy Xerri

## Tagħrif u Riflessjonijiet mill-Brażil

### *(1) Kollox "beda" meta diġà kollox kien qadim*

Kif jaf kulħadd, x'ħin tiġi biex titħaddet fuq l-istorja, hemm il-fatti tan-numri u d-dati u hemm il-fatti ta' kif ninterpretaw il-ġrajjiet. Li l-Ewropej ġew għall-ewwel darba fil-Brażil fix-xahar ta' April ta' l-1500, ftit jillatikaw dwaru. Qabel ma l-Ewropej meddew l-ewwel pass fuq l-art Brażiljana, diġà kien hawn madwar 7 miljun Indjan, jimirħu, jiġru, jikkaċċjaw, jiġġieldu, jaduraw u jissieltu biex jgħixu u jgħajxu. Il-Portugiżi li waslu hawn sabu erba' gruppi lingwistiċi Indjani u mijiet ta' djaletti. L-ewwel laqgħa bejn il-Portugiż u l-Amerindjo kienet pacifika, bil-Portugiz imsaħħar bis-sbuħija ta' l-indiġeni; l-Indjani baqgħu msaħħrin bl-effiċjenza tal-mannara u s-sikkina tal-ħadid li ġab miegħu l-Portugiż. L-Indjani hawnhekk fil-Brażil kienu ta' żmien il-ħaġar; ma kinux jafu la b'ħadid u lanqas b'deheb u fidda.

Il-messaġġ nisrani wasal u daħal fil-qalb ta' ħafna nies Indjani. Mill-banda l-oħra l-Portugiżi kienu ġew biex jisfruttaw l-art u niesha. Deheb ma sabux u minflok ħadu l-injam lejn l-Ewropa. Imbagħad ġabu l-kannamieli għal nofs is-seklu XVI. Ippruvaw jassru lill-Indjani u xħin ma rnexxilhomx qatluhom u llikwidawhom, anke bil-mard li ġab il-Portugiż. L-Indjan lill-Portugiż għallmu li l-art hija omm u s-siġar li hemm fil-foresti huma bħal ġilda sabiħa tal-bniedem.Għallmu lill-abjad li mhux sewwa toqtol annimal għalxejn imma biss biex tieklu. Kellna tribujiet hawnhekkk li meta kienu jaqtgħu siġra biex jibnu xi ħaġa, kienu litteralment jitolbu skuża lis-siġra. Fil-kultura tribali Indjana, l-kaċċa titqassam bejn kulħadd, il-familja tiġi rispettata, t-tfal huma l-ġawhra tal-familja. Ix-xogħol kienu jagħmluh f'*mutirão*, jiġifieri organizzat fi grupp, wieħed jgħin lill-ieħor.



### *(2) Il-Brażil kontemporanju*

Illum il-Brażil hu ġens imsawwar bid-demm u l-kulturi tal-Portugiżi, Indios, Afrikani li ġabuhom hawn fuq medda ta' erba' mitt sena, u bid-dixxendenti ta' immigranti li ġew fl-aħħar 100-120 sena. Din id-diversità ta' razez iffurmat poplu estetikament sabiħ u kulturalment varjat. Naturalment it-televiżjoni u l-kultura artifiċjali u kummerċjalizzata, qed jheddu r-reġjonaliżmu.

Minn nofs is-seklu sittax sal-1888, l-istorja tal-Brażil hija taħlita ta' ġid bl-evanġelizzazzjoni u fl-istess waqt ta' jasar ta' ħaddiema Afrikani fix-xogħol tar-raba'. L-Indjani llum ilaħħqu nofs miljun. Fl-1888, il-Brażil ipprojbixxa l-jasar u sena wara sar repubblika federattiva, bit-tneħħija ta' l-imperatur. Fin-naħa tal-grigal, fejn noqgħod jien, għandna madwar ħamsa u erbgħin miljun ruħ. Fl-ekonomija u fit-tqassim tal-ġid, in-nies għadhom iħossu l-effett tal-latifundariżmu. L-art agrikola hija kważi kollha kemm hi f'idejn ftit familji li fl-imgħoddi kienu l-privileġġjati tal-monarkija Portugiża. Biex nagħtikom eżempju, fil-parroċċa fejn qiegħed jien, in-nies jgħixu fi

djar li normalment ikunu mibnijin fuq art żgħira. Mbagħad, is-sidien ta' l-art jgħixu fuq artijiet li xi drabi jkunu jwasslu għal 50-60 elf ettaru. L-inġustizzja ma tibqax biss fuq kwistjoni ta' l-art. Il-pagi jvarjaw minn 78 lira għal għalliem, għal elf lira Maltija għal sindku, fix-xahar. Vista medika għand speċjalista tiswa ta' lanqas 9 liri Maltin. Il-problema l-kbira tal-Brażil mhix in-nuqqas ta' riżorsi imma nuqqas ta' etika u tqassim ġust tal-ġid.

***(3) F'Ottubru kellna l-elezzjoni***

Il-kampanja elettorali ġġib magħha l-istorbju tas-soltu bil-karozzi jiġru mat-triqat bis-sistema tas-*sound* fuq is-saqaf, isemmgħu kanzunetti favur xi kandidata jew kandidat fil-kontestazzjoni għal sindku. Il-kampanja politika hawnhekk iddur fuq l-individwi u l-familji tradizjonali li jalternaw fil-poter. Il-partit, u konsegwentament l-ideoloġija, ma jissemmewx u faċli ssib nies li jivvutaw għal persuna bla ma jkunu jafu ta' liema partit hi.



Fil-5 ta' Ottubru kellna l-elezzjonijiet muniċipali. Fil-Brażil għandna 5561 muniċipji, b'elf u ħames mija minnhom b'iktar minn ħamsin elf ruħ fihom. Is-sindku jissejjaħ *prefeito*, u dan jamministra kważi l-finanzi kollha li jiġu għall-muniċipju mill-gvern federali.

Ħafna jistaqsu: Imma kif daqshekk faqar f'pajjiż b'daqshekk ġid? Il-Brażil illum huwa meqjus bħala *emerging economy*, u fl-istess ħin għandek qasma netta bejn żewġ gruppi. Xħin nirriflettu fuq is-sitwazzjoni fid-dawl tad-duttrina soċjali tal-Knisja, bil-fatti f'idejna li jidhru stampati fil-*media* u f'dak li naraw, nifhmu għaliex is-sitwazzjoni hi hekk prekarja. Hi sitwazzjoni li tfakkarni fir-riflessjoni dwar id-demokrazija li jagħmel Aristotile fl-"Etika ta' Nikomaku": "*Democracy is found chiefly in masterless dwellings, (for here everyone is on an equality), and in those in which the ruler is weak and everyone has licence to do as he pleases.*" (N.E. Bk.VIII, 1161a,5) Aristotile ma tantx hu favur id-demokrazija, għax skont hu f'din is-sistema kulħadd jagħmel li jrid. Id-demokrazija taħdem favur il-poplu meta jkollok nies ippreparati, iffurmati u li għandhom sens tal-ġid komuni.

U fil-Brażil, allaħares xi ħadd jgħid kelma kontra d-demokrazija għax jaħsbuh li jrid il-pajjiż jerġa' lura għal żmien ir-reġim, meta għal għoxrin sena sħaħ, il-poplu ma setax jivvota u ma setax jesprimi fehmtu bil-libertà. Fl-istess waqt, irridu nammettu li d-demokrazija ma taħdimx b'mod sħiħ meta x-xibka ta' l-edukazzjoni ma ddaħħalx fiha t-tfal u l-adulti kollha, bil-konsegwenza ta' tagħlim defiċjenti. Ħafna, hawnhekk, mhumiex fil-pożizzjoni li jivvotaw skont kuxjenza ffurmata. Il-foqra miżerabbli jaslu litteralment li jbigħu l-vot għall-flus. Il-korruzzjoni fost il-politiċi hija proverbjali.

***(4) Il-Knisja***

Ta' min isemmi, fuq fuq, l-affarijiet l-aktar importanti li qed iseħħu fil-ħajja ekkleżjali Brażiljana.

- It-392 djoċesi li għandna kollha għandhom proġett pastorali li qed jitwettaq skont l-aħħar dokument ippreparat għall-Amerika Latina kollha. F'Mejju tas-sena l-oħra, f'Aparecida, fejn hemm santwarju mill-isbaħ iddedikat lill-Madonna tħejja dokument fuq il-ħajja pastorali tal-Knisja fis-snin li ġejjin. L-enfasi hi dwar li għandna nkunu nafu lil Ġesù, nimxu warajh bħala dixxipli tiegħu u nxandruh lill-oħrajn bħala obbligu tagħna lkoll.
- Fir-Randan u fl-Avvent issir riflessjoni u jingħata tagħlim fuq temi speċifiċi li jintagħżlu għall-Knisja kollha fil-pajjiż.
- Issa għandna direttorju nazzjonali tal-katekeżi li qed iservi għat-tagħlim tad-duttrina lill-adulti, b'rabta mal-ħajja liturġika u ċivili. Per eżempju, għall-elezzjonijiet ta' Ottubru, id-djoċesi tagħna ħarġet librett biex jorjenta lin-nies dwar kif għandhom jivvutaw b'mod kuxjenzjuż.
- Fuq livell djoċesan u parrokkjali kontinwament intambru fuq il-fatt li n-nisrani hu missjunarju. Għalhekk l-insara lajċi qed jitħejjew u jintbagħtu biex ikunu missjunarji fil-parroċċa tagħhom.

***(5) Konklużjoni***

Il-Brażiljan huwa emottiv, qalbu f'idejh u storbjuż, anki fil-liturġija. Imma din l-emottività ma nistgħux ninterpretawha bħala xi ħaġa effimera u bla qalba. Ħafna drabi hi espressjoni ta' poplu, li filwaqt li jsoffri, jaf jifraħ b'dak li hu uman f'kull bniedem. In-nuqqas ta' perseveranza u l-prekarjetà ta' dak li jsir fuq livell ċivili u etiku, huwa kompensat mis-sentimenti reliġjużi qawwija.

**Bħalissa qed naħdem f'parroċċa ddedikata lil San Bastjan, ngħallem fis-Seminarju u qed ngħin fil-katekeżi fuq livell djoċesan. Lill-qarrejja kollha ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" nixtieqilhom minn qalbi sena ġdida ta' sliem fil-Mulej. U nitolbu għal xulxin.**

## Passiġġata Biblika - 42

*"Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda" (Efesin 4:3-5).*

# IL-KNISJA BĦALA L-ĠISEM TA' KRISTU

### Ħarsa lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin

**minn Fr. Charles Buttigieg**

*L-Ittra lill-Efesin*

**Il-belt ta' Efesu tinsab fuq il-kosta tal-punent ta' l-Asja Minuri, illum fit-Turkija. Kienet il-belt kapitali tal-Provinċja Rumana ta' l-Asja Minuri. Il-belt kienet magħrufa ħafna fl-antikità bħala ċentru kbir tal-maġija, fil-fatt meta kien hemm San Pawl u n-nies bdew jaraw il-mirakli tiegħu, ħafna minn dawk li kienu jagħmlu s-sħarijiet ġiebu l-kotba tal-maġija u ħarquhom (ara Atti 19:19). Hawnhekk San Pawl għamel madwar tliet snin bħala parti kbira mill-ministeru ta' evanġelizzazzjoni matul it-tielet vjaġġ missjunarju, kif insibu tajjeb fil-kapitlu 19 ta' l-Atti ta' l-Appostli; kien għamel żjara qasira hawnhekk wara Korintu, qabel ma temm it-tieni vjaġġ missjunarju, lura lejn Antijokja (ara Atti 18:18-22). F'Efesu nerġgħu niltaqgħu ma' Akwila u Priska (Prixxilla) u ma' Apollo, Lhudi għaref minn Lixandra (ara Atti 18:23-28). Minħabba dan iż-żmien twil ta' San Pawl f'Efesu xi studjużi jsostnu li xi ittri ta' San Pawl għandhom rabta ma' din il-belt. Minn hawnhekk kiteb żgur l-Ewwel Ittra lill-Korintin. Hawnhekk San Pawl jaħtar lil Timotju bħala ragħaj spiritwali ta' din il-belt ferm importanti.**



*It-teatru antik f'Efesu ta' żmien San Pawl*

L-ittra lill-Efesin, flimkien ma' l-ittri lill-Filippin, lill-Kolossin u lil Filemon jissejħu l-'ittri mill-ħabs', għaliex aktarx inkitbu meta San Pawl kien miżmum taħt arrest domiċiljari, ġewwa Ruma. Xi studjużi bħal Lincoln, Schnackenberg, Lindemann, Mitton u oħrajn jaraw xebh kbir ta' din l-ittra ma' l-Ittra tal-Kolossin. L-ittra kienet mibgħuta ma' Tikiku bħal fil każ tal Kolossin (ara Ef 6:21-22). F'din l-ittra San Pawl jitkellem l-iktar dwar il-Knisja bħala l-poplu magħżul ta' Alla u l-Ġisem ta' Kristu. Din it-teoloġija li nsibu dwar il-Knisja f'San Pawl insejħulha 'Ekkleżjoloġija Pawlina'. Għal xi studjużi din it-tema tal-knisja tagħmilha bħala ittra ċirkolari importanti għall-knejjes l-oħra tal-qrib ta' l-Asja Minuri. Dan ir-rapport li naraw tal-Knisja ma' Kristu, jagħmel minn din l-ittra ta' San Pawl bħala waħda mill-iktar favorita, anke ma' dawk ħutna nsara li m'humiex kattoliċi. Infatti Kalvinu kien jikkunsidraha bħala l-iktar ktieb ippreferut fil-Ġdid Testment.

*Kristu, r-Ras tal-Knisja*

F'din l-ittra nsibu qabel kollox l-eżaltazzjoni ta' Kristu: "li wera fi Kristu meta qajmu mill-imwiet fil-lemin tiegħu fis-smewwiet, il' fuq minn kull saltna u setgħa, minn kull qawwa u ħakma, 'il fuq minn kull Isem li jissemma, qiegħed kollox taħt riglejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox" (Ef 1:20-22). Ta' min isemmi l-espressjonijiet bhal 'fi, bi jew ma' Kristu' li nsibuhom madwar 34 darba f'din l-ittra: "Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li tkunu għalih ulied addottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (Ef 1:4-5); "Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa ta' l-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu, bi grazzja intom salvi" (Ef 2:4-5).

Kristu bħala l-kap tal-ħolqien u tal-Knisja huwa dak li jġib ir-rikonċiljazzjoni: "Kristu huwa s-sliem tagħna hu li minna t-tnejn għamel poplu wieħed billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna' (Ef 2:14).

*Il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu*

Kristu huwa r-Ras tal-Knisja u l-Knisja hija l-Ġisem Tiegħu. Hawnhekk naraw ir-rabta li hemm bejn il-kristoloġija u l-ekkleżjoloġija pawlina. Il-Knisja għalhekk narawha tinbena fil-Ġisem ta' Kristu li tagħha huwa r-Ras: "Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju


It-triq prinċipali ta' Efesu l-antika, msejħa "Arkadiana"


Parti mill-"agora" (suq bil-ħwienet) ta' Efesu antika

qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn igħammar Alla'' (Ef 2:21-22); "imma ngħixu skond is-sewwa fl-imħabba, nikbru f'kollox lejn Dak li hu r-Ras, Kristu, li minnu l-ġisem kollu, magħqud u msaħħaħ bl-irbit kollu li jagħti l-għajnuna skond il-ħidma ta' kull biċċa, jaħdem il-kobor tiegħu għall-bini tiegħu fl-imħabba" (Ef 4:15-16).

Bħalma fil-ġisem hemm membri differenti li lkoll huma f'ġisem wieħed, hekk ukoll fil-Knisja ta' Kristu hemm diversi ministeri: "Li xi uħud ikunu appostli, xi uħud profeti. Xi uħud evanġelizzaturi, xi uħud mexxejja, xi uħud għalliema sabiex ikunu mal-qaddisin, għall-qadi tal-ministeru għall-binja tal-Ġisem ta' Kristu" (Ef 4:11-12). Fil-Knisja magħquda ma' Kristu kulħadd huwa msejjaħ għall-għaqda u għall-imħabba: "biex skont il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz ta' l-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tnizżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu; tgħarfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Ef 3:16-19); "Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda" (Ef 4:3-5).

### *Konklużjoni*

San Pawl juri mela f'din il-ittra, il-kobor ta' Kristu u tal-familja tal-Knisja u għalhekk fl-aħħar ta' l-ittra jħeġġeġ il-għaqda fil-familja (ara l-kodiċi tal-familja f'Ef 5:22-23) u l-qawwa quddiem it-tfixkil: "Kunu mela weqfin, ġenbejkom imħażżmin bil-ħżiem tas-sewwa u lebsin il-kurazza tal-ġustizzja, riġlejkom mixdudin bil-qorq tal-ħeġġa ta' l-Evanġelju tal-paċi, bit-tarka tal-fidi dejjem f'idejkom, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ tan-nar tal-Ħażin, aqbdu l-elmu tar-rebħa u s-sejf ta' l-Ispirtu, li hu l-Kelma ta' Alla" (Ef 6:14-17). Nitolbu b'dan l-istess spirtu, ħalli l-familji tagħna li qed ikunu evanġelizzati permezz ta' diversi missjunarji f'din il-Missjoni Djoċesana taħt il-protezzjoni tal-Kap tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, San Ġużepp u Marija Santissima; ikunu dejjem imsaħħa permezz tal-Kelma ta' Alla u mħarsa mit-tnassis tal-għedewwa ta' kull ħażen li jridu jkissru l-ordni veru u l-armonija tal-familja.

*Biblijografija*


Arnold, C.E., "Lettera agli Efesini", in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 488-504.

Bouttier, M., *L'epitre de Saint Paul aux Ephesiens*, Geneve 1991

Buckley, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

Donfried, K.P., "Rethinking Paul: On the Way Toward a Revised Paradigm", *Biblica* 87/4 (2006) 582-594.

Giordani, I., *St. Paul. Apostle and Martyr*, Boston (MA) 1981.

Gnilka J., *Der Epheserbief*, HTKNT X/2, Freiburg 1971.

Hadjifoti, L.I., *Saint Paul. His Life and Work*, Athens 2004.

Moreschini, C. – Norelli, E., "The Letters of Paul and of the Pauline Tradition", in *Early Christian Greek and Latin Literature: A Literary History*, Peabody (MA) 2005.



LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 10.00pm



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

Għawdex Qabel ir-Ritratti (11) — *minn* **JOHN CREMONA**

# *Jissograw ħajjithom biex jgħajxu lil uliedhom*

Sa ftit tas-snin ilu, l-ħajja tal-parti l-kbira ta' l-Għawdxin kienet tiddependi fuq il-biedja u s-sajd. Il-livell ta' għixien kien wieħed baxx ħafna u bosta familji raw u sofrew il-ġuħ.

Fatt li ġibed l-attenzjoni tal-kittieb u artist Jean Houel meta żar lil Għawdex u ppubblika r-rakkont u stampi tal-vjaġġi tiegħu fl-1786 huwa l-mod kif bosta rġiel Għawdxin kienu jissugraw ħajjithom ta' kuljum biex jaqilgħu l-għixien għall-familji tagħhom. Huwa jirrakkonta kif dawn l-irġiel kienu jinżlu mal-blat għoli ta' Ċenċ u tad-Dwejra permezz ta' qatgħat żgħar fil-blat kemm kemm wieħed jista' jqabbad saqajh u jibqgħu neżlin l-isfel kemm jistgħu sakemm jintrabtu bil-ħbula u jinżlu jistadu xi għoxrin pied 'il fuq minn wiċċ il-baħar. Houel tant impressjona ruħu b'dawn in-nies li kiteb parti sew fuqhom fix-xogħol tiegħu fejn kiteb; *"Għadni sal-lum nitriegħed meta naħseb li jekk wieħed minn dawn is-sajjieda jmidd pass ħażin żgur li jispiċċa mgħarraq. Il-blat għoli u kważi lixx ma kienx ikunlu ta' għajnuna, ebda parti fejn wieħed iqabbad idejh u lanqas ikun jista' jgħum lejn l-eqreb bajja jew xtajta fejn ikun jista' jistrieħ għaliex l-eqreb waħda tkun 'il bogħod wisq".* Propju ftit jiem ilu kont qed nimxi fuq il-kosta wara t-torri tax-Xlendi u stajt nara, kemm kemm jidhru, dawn il-qatgħat fil-blat forma ta' taraġ. Tarahom biss mill-bogħod ukoll iġibulek il-bard aħseb u arà jekk kull jum trid tissogra ħajtek nieżel u tiela' magħhom.



MALTE. MALTA.

*Pêche à l'Ile du Goze.*

Pesca en la Isla de Gozzo.

Sfortunatament Jean Houel ma tana ebda stampa ta' dawn is-sajjieda. Il-kittieb Franċiż Frederick Lacroix fis-sensiela tiegħu Universe Pittoresque li ppubblika bil-Franċiż fl-1840 u li wara ġie tradott bit-Taljan u bl-Ispanjol jagħti din l-istampa li qiegħed nippubblika llum. Sfortunatament fejn tidħol ktiba, Lacroix ikkopja bla ħniena minn fuq Houel iżda mbagħad jagħti dettall importanti li ma jsemmix Houel; *"F'xi żmien, dan it-tip ta' kaċċa u sajd li kien ipprattikat ukoll f'Malta kien ġie pprojbit għaliex l Ordni kienet ħasset li mhux sew li wieħed jesponi ruħu għal periklu tali li jista' jitlef ħajtu. Din il-projbizzjoni, madankollu, ma swiet għal xejn f'Għawdex għaliex ix-xenqa għall-frott projbit kabbret aktar il-ħeġġa tal-kaċċaturi u sajjieda Għawdxin biex jipprattikaw din id-drawwa."* Lacroix ippubblika mhux anqas minn 41 inċiżjoni ta' Malta u Għawdex li l-biċċa l-kbira huma kollha oriġinali. Sfortunatament sal-lum għadna ma nafux min hu l-artist li pittirhom għalkemm nafu li l-inċiżur kien Lemaitre.

L-inċiżjoni turi tliet sajjieda mxabbtin mal-blat permezz ta' ħbula bl-għoqiedi; wieħed għadu nieżel, wieħed jistad u l-ieħor dieħel ġo għar biex jiġbor il-bajd jew bċieċen tal-ħamiem. Jidher li din l-esperjenza ta' dawn is-sajjieda ħalliet impressjoni qawwija fuq Lacroix. Fil-fatt huwa jispiċċa r-rakkont tiegħu dwar dawn is-sajjieda b'dan: *"Din hi l-ħajja li jridu jgħixu s-sajjieda ta' Għawdex, ħajja mimlija perikli u għawġ, ħajja li rrassenjaw ruħhom għaliha għaliex minkejja t-tbatija u l-periklu, il-faqar xejn ma jbeżżgħu".* L-inċiżjoni hija intitolata *Peche a l'ile du Goze* u għandha qisien ta' 140mm x 101mm.

# Għawdex 300 sena ilu



**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 170**

Riċerka ta' **Joseph Bezzina**

© 2009

Għat-**tmintax**-il sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ippubblikajna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sena bdejna nġibu dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu huma nieqsa. Sejrin inkomplu b'dawk ta' 300 sena ilu. Id-dokumenti, bħas-snin ta'qabel, huma meħudin mill-*Acta* ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn jinsabu miġbura fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex . Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jiġu stampati fi ktieb.

## *Biskotti Sqallin għal Għawdex*

**Id-dokument numru mija u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ittra mibgħuta lil Giacinto de Monfort, Gvernatur ta' Għawdex, fis-16 ta' Jannar, 1709. Tinsab fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1708–1709), folju 53r (NAG, UG, *Acta*, 10/1708–1709, f. 53r).**

Din hi traskrizzjoni ta' l-ittra:

*Ho ricevuto la begnissima lettera di Vostra Illustrissima delli 11, asssieme con la ricevuta del biscotto consegnato a' Gio Maria Camilleri del quale ne sarà discaricato; per il restante biscotto ha ordinato la Veneranda Congregazione della Gallera consegnarlo a' Patroni de' Bergantini, quali lo trasporteranno qui, e sarà posto in un magazzeno a' quest'effetto deputato; la chiave del quale sarà consegnata ad uno dei medesimi Patroni affinchè doppo averlo trasportato tutto, potersi repesare in loro presenza con la medesima statera, che costì sarà stato pesato; essendo ciò il miglior conviniente per quiete ciascheduno e di tutto ne prenderà nota Vostra Illustrissima alla quale rassegnando i miei ossequi, mi confermo...*

L-ittra ntbagħtet tliet mitt sena ilu mill-Veneranda Kongregazzjoni ta' l-Iġfna, speċi l-Ministeru tal-Flotta Navali tal-Kavallieri, lil Giacinto de Monfort, il-Gvernatur ta' Għawdex. Ta' min jinnota, li isem dan il-Gvernatur, xi drabi nkiteb ukoll Montfort. Hi b'risposta għal ittra li l-Gvernatur kien bagħat fil-11 ta' Jannar, 1709. Fl-ittra, l-Gvernatur kien informa lill-Kongregazzjoni li l-kunsinja ta' biskotti li ntbagħtitlu kienet kunsinjata lil Ġamri Camilleri.

Il-biskott, mill-Latin *bis coctus,* jiġifieri *moħmi darbtejn*, kien għamla ta' ħbejża niexfa; kienet niexfa proprju għax moħmija darbtejn. Il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom fabbrika kbira tal-biskotti ġewwa Likata, Sqallija, u possibbilment, dawn il-biskotti nġabu minn hemm.

L-ittra tal-Kongregazzjoni hi dwar kunsinja ta' biskotti destinata għal Għawdex li nħattet il-Port tal-Belt Valletta minn fuq diversi brigantini. Il-brigantin kien bastiment tal-qlugħ bi kverta waħda u pont wieħed, bi tnejn jew tliet arbli bil-pniener, biex iġorr il merkanzija, l iktar ħwejjeġ ta' l-ikel u faħam. Mill-ittra, wieħed jista' jikkonkludi li l-biskotti kienu ordnati mill-Università ta' Għawdex.


Ill.mo Sig.re e Mio Pron Col.mo 53

Ho ricevuto la benignissima lettera di V.S. Ill.ma
delli 11, assieme con la ricevuta del biscotto conse-
gnato à Gio: Camilleri, del quale ne sarà discari-
cato. Per il restante biscotto hà ordinato la Ven.da
Congreg.ne della Galera consegnarlo à Patroni de
Bergantini, quali lo trasporteranno qui, e sarà
posto in un Magazzeno à quest'effetto deputato,
la chiave del quale sarà consegnata ad uno de
med.i Patroni, affinche doppo averlo trasportato
tutto, potersi ripesare in loro presenza con la mede-
sima Statera che costì sarà stato pesato; essendo
ciò il miglior conviniente per quiete di ciascheduno
e di tutto ne prenderà nota V.S. Ill.ma alla quale
rassegnando i miei ossequij, mi confermo.
V.S. Ill.ma
Malta li 16 Gennaro 1709
Sig.r Cav.r De Monfort

Permezz ta' din l-ittra, il-Gvernatur de Monfort, li kien mil-lingwa ta' l-Alvernija, kien infurmat li l-kunsinja kienet waslet u tqiegħdet f'maħżen apposta. Il-muftieħ tal-maħżen kien sejjer ikun mgħoddi f'idejn wieħed mill-patruni tal-brigantini. Il-Gvernatur kien mgħarraf li hekk kif il-kunsinja kollha tkun trasportata fil-maħżen, din tintiżen mill-ġdid bi *statera*, stasija, bl-Ingliż *steelyard*, fil-preżenza tal-patruni. L-istasija hu miżien ta' daqs kbir b'keffa waħda fuq driegħ qasir u bi brazz twil bil-qisien maħżuża fuqu u b'kontropiż li jitmexxa fuqu sakemm jinstab il-bilanċ li juri l-piż ta' l-oġġett.

B'hekk, kulħadd ikun sodisfatt li kollox sar bl-ikbar trasparenza. Il-Kongregazzjoni, fl-ittra taħt firma li mhix leġibbli, kienet sejra tinforma l-Gvernatur dwar il-kwantità tal-kunsinja tal-biskotti qabel din titteħed Għawdex.

Il-biskott, peress li kien ikel niexef, kien iservi għat-tul u kien jintuża l-iktar għal abbord l-iġfna, iżda mhux bil-fors. Din il-kunsinja milli jidher kienet destinata għall-konsum ta' l-Għawdxin.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Tereżina Sacco
## (1940 - 1978)



Tereżina twieldet fit-2 ta' Ottubru 1940 u tgħammdet fil-knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, fir-Rabat Għawdex minn idejn Dun Karm Hili. Ingħatat l-ismijiet ta' Tereżina, Josepha u M'Grazia Georgia.

Għalkemm kellha ħajja relattivament qasira ta' 38 sena, madankollu għexet ħajja tassew eżemplari. L-ewwelnett hija qdiet ix-xogħol tagħha fid-dar. Kienet tħobb il-ħjata u għamlet xi żmien tieħu ħsieb neputi ta' età żgħira biex tgħinu fl-ewwel żmien ta' ħajtu. Kienet temmen li l-ħajja fid-dar għalkemm hija waħda moħbija hija wkoll ta' servizz għall-oħrajn. Kienet tgħix ħajja miġbura u Alla kien iċ-ċentru ta' ħajjitha.

It-tieninett hija ħaddnet il-vokazzjoni ta' Soċja Mużewmina fi ħdan is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, li twaqqfet minn San Ġorġ Preca, u li l-Papa Benedittu XVI iddikjarah qaddis fit-3 ta' Ġunju tal-2007. Kien matul is-Sajda tas-Sezzjoni Femminili, jiġifieri konferenzi li jsiru mis-Soċji bil-għan li jħeġġu lill-poplu jersaq lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin, li saret bejn il-5 u d-19 ta' Ottubru 1959, fir-Rabat, li Alla sejħilha biex tħaddan din is-sejħa.

Kienet Soċja li tħobb l-ordni u kienet imħeġġa ħafna biex tgħallem id-duttrina. Għal xi żmien kienet ukoll Superjura tal-Qasam tar-Rabat. Kienet ukoll tagħti pariri siewja lil min kien jitlobha. Min jafha jistqarr li hija kellha kontroll sħiħ fuqha nnifisha u kienet titkellem b'vuċi baxxa. Kienet tagħmel ħilitha kollha biex tilgħab mat-tfal, anki meta ma kinitx tista,' minħabba marda serja li kienet qiegħda taħkimha.

Ħaġa li tispikka fiha kienet id-devozzjoni li kellha lejn il-patruna ta' l-isem tagħha Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Kellha mħabba kbira lejha u kienet tipprova timitaha billi toffri lil Alla dak kollu li tkun għaddejja minnu b'imħabba kbira. Mhux ta' b'xejn li kienet tgawdi serenità kbira u t-tbissima tagħha ma naqsitha qatt.

Hija tat eżempju tassew nisrani waqt il-marda li ħakmitha u li kellha ttemmilha ħajjitha: in-nervituri ta' ġisimha bdew iħalluha bil-mod il-mod u hekk spiċċat dipendenti fuq l-oħrajn. Kienet marda kiefra, iżda hija qatt ma lissnet xi tgergira. Mhux hekk biss, iżda hija kellha wkoll spirtu kbir ta' ottimiżmu. Infatti kull min kien imur biex isabbarha kienet tispiċċa ssabbru hi.

Hija verament laqgħet bil-qalb il-marda li kellha u kienet qiegħda tara r-rieda ta' Alla sseħħ. Iżda fl-istess ħin, f'Marzu ta' 1978 telgħet xahar l-Ingilterra għall-kura u kienet toqgħod għand is-Sorijiet Franġiskani f'*St. George's Drive*, f'Londra. Lanqas hemmhekk il-ħeġġa għas-saltna ta' Alla ma naqsitha, tant li darba tat *lecture* bl-*slides* dwar Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Fl-aħħar żmien ta' ħajjitha għamlet pellegrinaġġ għal Lourdes mal-morda. Wara dan il-vjaġġ hija qalet: "Il-Madonna ma fejqitnix imma tatni l-grazzja akbar li naċċetta l-marda tiegħi u li noffriha għall-konverżjoni tal-midinbin".

Il-marda li kienet qiegħda ssofri minnha tefgħetha f'*wheelchair*. Iżda t-tbissima fuq fommha ma għebitx. Żgur din kienet frott is-sinċerità u t-tjubija ta' qalbha, kif ukoll l-għaqda tagħha ma' Alla. Kull min kien jaraha kien jieħu tagħlima kbira kif għandu jġib ruħu fi tbatijietu. Il-forza kienet teħodha mingħand Ġesù u waqt it-tqarbin kienet titolbu: "O Ġesù fl-Ewkaristija, kemm nixtieq li tibqa' ġewwa fija." Kienet ukoll timmedita mill-ktieb 'Ħajja Divina'.

Kienet bniedma verament spiritwali, tant li għal xi żmien kienet iżżomm djarju spiritwali. Dan huwa miġbur f'żewġ pitazzi żgħar u dawn għadhom jinsabu għand il-familja tagħha. Fihom insibu esperjenzi spiritwali, ħsibijiet mill-meditazzjonijiet, sentenzi minn ta' San Ġorġ Preca u Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, riflessjonijiet mill-irtiri u konferenzi, kif ukoll pariri li kienet tieħu.

Tereżina ħalliet din id-dinja biex tmur għand Alla fl-1 ta' Novembru 1978, jum il-qaddisin kollha. Kellha biss 38 sena. Ħajjitha tgħallimna li l-importanti mhux kemm tgħix, iżda kif tgħix.

***Angelo Xuereb***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

Għawdex Online (6)



# Għawdex fuq in-"Nationmaster"



 riċerka u kitba ta' **SALVU FELICE PACE**, sfelicepace@mail.global.net.mt

Min ifittex isib. Ir-ricerka hija l-aqwa bicca għodda li joffri l-internet. Ħafna drabi tiltaqa' ma' ħwejjeġ ġodda. Xi drabi tiltaqa' ma' suġġetti magħrufa, iżda l-preżentazzjoni tagħti xejra ġdida lil dawn is-suġġetti. Dan l-aħħar skoprejt il-websajt www.nationmaster.com, li hija speċi ta' enċiklopedia dwar il-pajjiżi kollha tad-dinja. B'għafsa fuq it-taqsima *'countries'* tidħol f'lista alfabetika ta' dawn il-pajjiżi. Jekk tistudja l-materjal preżentat dwar kull pajjiż, tispiċċa tassew informat dwar kull aspett tal-istorja u kważi ta' kull aspett tal-ħajja tal-pajjiż partikulari.

It-taqsima dwar Malta hija informattiva u aġġornata. **Laqtitni t-taqsima dwar Għawdex li tista' tidħol fiha direttament fl-indirizz www.nationmaster.com/enyclopedia/Gozitan. Fiha ssib dawn it-taqsimiet: Ġeografija; Demografija; Konnessjoni mal-gżira prinċipali - Malta; Storja; Ir-relazzjoni - Malta – Għawdex; Mixi, *Rambling* u *Hiking*; Storja Ekkleżjastika; Fatturi Notabbli; Ara wkoll Sorsi u *links* barranin.**

Fit-taqsima 'Ġeografija' jispikkaw l-Għar Calypso u l-Ġgantija flimkien mal-Bajja tar-Ramla u dik ta' San Blas. L-istatistika demografika hija aġġornata sas-sena 2005 fejn insibu r-raħal ta' San Lawrenz imsemmi għall-għola rata ta' twelid, dik ta' 15.93 u x-Xewkija bħala r-raħal bl-anqas rata ta' twelid, dik ta' 4.89.

Il-kontroversji dwar jekk għandux jinbena pont bejn Malta u Għawdex, jew jekk il-*heliport* għandux jiġi estiż għall-ajruplani żgħar biex jingħata servizz aħjar bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer jiddominaw it-taqsima dwar il-konnessjoni bejn l-istess gżejjer.

Fit-taqsima 'Storja' ssib ritratt pittoresk ta' Mġarr ix-Xini. Kien minn dan il-port li r-residenti f'Għawdex, madwar 5000, kienu trasportati bħala skjavi lejn Tarhuna Wa Msalata fil-Libja, frott ta' l-invażjoni Torka fil-gżira fis-sena 1551.

L-awtur li ta l-informazzjoni dwar l-Għawdxin f'din il-websajt jinnota l-identità unika li għandha l-gżira Għawdxija. Isemmi li bħala konsegwenza ta' din l-identità, l-preferenza ta' l-Għawdxin f'Malta jfittxu l-kumpanija ta' l-istess sħabhom Għawdxin.

L-awtur huwa kumplimentuż ħafna, u bir-raġun, għas-sbuħija tal-gżira bejn Ottubru u Mejju bħala ġnien ta' fjuri, għasafar u kreaturi oħra, post ideali għall-mixi fejn jinkixfu l-widien, l-għoljiet u l-bajjiet żgħar. Fix-xitwa l-maltemp joffri dehriet spettakolari tal-mewġ iħabbat mal-blat u l-irdumijiet.

Is-sit fiha storja dettaljata tal-Knisja f'Għawdex. Fil-fatt din hija l-akbar taqsima. Fit-taqsima 'Fatturi Notabbli' ssib *links* mal-websajts tal-Katedral, tal-Bażilika ta' San Ġorġ u tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.



NationMaster - Encyclopedia: Gozitan - Windows Internet Explorer

http://www.nationmaster.com/encyclopedia/Gozitan

File Edit View Favorites Tools Help

NationMaster - Encyclopedia: Gozitan

## Connection to the Maltese 'Mainland'

The construction of a bridge between the two islands was the subject of controversy for years. In the early 1970s the newly elected Socialist Administration started the building of a bridge between the two islands, but this was stopped after protests from the Gozitan part. At present the island is reachable by ferry boat. A helicopter service which connected Gozo to Malta was stopped recently, after the service was privatised some time ago. Regular ferries relay between the port of Ċirkewwa on Malta and Mġarr on Gozo, establishing services for goods, tourism and commuting. Permanent residents of Gozo are able to use the ferry at a subsidised rate, significantly lower than the standard fare. The heliport at Xewkija provides passenger services to the mainland's airport in Luqa. The heliport runway might be extended so aircraft can land. The heliport is surrounded by cart ruts, monoliths and other prehistoric structures which where confirmed by Gozitan archaeologists, so it is unlikely that the heliport will be extended. Meanwhile a sea plane is flying between Gozo Mgarr harbour and the Grand Harbour in Malta.

## History

Gozo has been inhabitated since the 5th millennium BC, as witnessed by the megalithic structures at Ggantija. The first Neolithic settlers probably crossed over from Sicily. Another interesting Neolithic structure is the Xaghra Stone Circle.

Mgarr Ix-Xini

In July 1551 Ottomans and Barbary pirates under Turgut Reis and Sinan Pasha invaded and ravaged Gozo and enslaved all of its inhabitants, about 5000, bringing them to Tarhuna Wa Msalata in Libya. Their departure port in Gozo was Mġarr Ix-Xini.

The history of Gozo is strongly coupled with the history of Malta, since Gozo has been governed by Malta within recent history, with the exception of a short period of autonomy, granted to Gozo by Napoleon after his conquest of Malta, between 28 October 1798 and 5 September 1800.

## The Malta-Gozo Relationship

Gozitans have a very strong identity within Malta as a whole country. Sometimes this might lead to Gozitans segregating themselves when working or studying in mainland Malta. Gozo is the only region in Malta which has a Minister responsible for it. Generally speaking, Gozo is more socially conservative than the rest of the country.

## Walking, Rambling and Hiking

Gozo is at its best from October to May. It looks like the Garden of Eden with all the wild flowers, birds and other animals. The average temperature in this period is around 20C ideal for rambling around the island. While exploring the island you will realize that every 500m there is a totally different amazing view due to a

*Links* oħrajn huma dawk tal-websajt tal-Ministeru għal Għawdex, tal-*Gozo Business Chamber*, diversi websajts b'servizzi fil-qasam tat-turiżmu, żewġ websajts b'galleriji ta' ritratti u l-websajt ta' l-Ordni ta' San Lazzaru ta' Ġerusalemm bl-isem *'Grand Priory of the Mediterranean'*.

Kollox ma' kollox, din hija websajt tassew informattiva, profil ideali bħala introduzzjoni għall-gżira Għawdxija, kemm mil-lat edukattiv bħal ma' hija storja, kif ukoll mil-lat kummerċjali u turistiku.

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*APPREZZAMENT*

# Il-Kan. Joe Mejlak

## - ħabib u poeta -



It-twelid u l-mewt huma estremitajiet. Huma l-bidu u t-tmiem ta' eżistenza. Imma waqt li l-bidu jnissel tqanqila ta' ferħ, it-tmiem inikket għax iġib il-ħasda, il-weġgħa, ibarri, ibiegħed u jagħlaq il-kapitlu tal-ġrajja, tal-ħajja fiżika. U l-mewt tnikkitna l-aktar meta tmissna qrib, bħal fil-każ tal-Kan. Joe Mejlak, ħabib tal-qalb, ġentlom, qassis u poeta liriku. L-aħbar tal-mewt ħesrem tiegħu fl-età ta' 64 sena ġriet bikri filgħodu nhar il-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2008.

Huwa ħabibi għal dejjem, ħabib sinċier u ġenwin sa minn żgħoriti għax kif jixhdu l-għeruq tal-kelma, ħabib jitwieled mill-imħabba. U f'qalb Joe Mejlak l-imħabba kienet tfur b'mod naturali. Nista' ngħid trabbejna ma' xulxin. Flimkien għaddejna jiem sbieħ fl-iskola, bis-seher u l-ħolm tat-tfulija, bl-enerġija taż-żgħożija kif ukoll bl-isfidi u l-inċertezzi li jġib l-istess żmien. Konna ħbieb intimi. Berraħna qlubna ma' xulxin u qsamna l-ferħiet, il-beżgħat, l-inċertezzi u l-problemi personali u familjari. Dejjem nafu twajjeb, qalbu f'idu u tqatta' u tiekol minnu. Bniedem bla ħjiena li lanqas kellu l-almu joqtol insett, aħseb u ara jweġġa' lil xi ħadd. Għax kien ġentlom u ġentili għall-aħħar. Tgħix miegħu għax altruwist; tiegħu dejjem ta' ħaddieħor. Dejjem nafu ferrieħ. Tbissima tgħaxxqu u ċajta jikolha. Baqa' b'qalb ta' tfajjel anki meta l-mard ħasadlu r-ritmu tal-ħajja u sabbatlu ċerti realtajiet ma' wiċċu.

Għaġġibni kif aċċetta s-salib bla protesta u addatta ruħu għall-istil ġdid ta' ħajja. Wasal jagħmel dan għax fih kien hemm il-fidi, ir-rabta mar-rieda t'Alla, it-twemmin fil-ħniena, l-għajnuna u l-ġustizzja Tiegħu, u fuq kollox l-aċċettazzjoni assoluta tad-deċiżjonijiet misterjużi ta' Alla Divin. Minkejja d-diffikultajiet tas-sezzjonijiet ripetuti ta' dijalisi, qatt ma warrab il-missjoni tiegħu ta' qassis qrib il-poplu. Kont issibu dejjem għal sigħat twal ħafna fis-sagristija tal-Bażilika ta' San Ġorġ biex iqarar, bil-kalma, bit-tbissima u fuq kollox bil-komprensjoni għax dejjem għaraf li anki n-nuqqasijiet u l-ommissjonijiet huma stalletti ta' weġgħat f'qalb il-bniedem. Għalhekk bl-attitudni pożittiva tiegħu kellu ħila jnissel sens ta' fiduċja fil-penitent. Ħafna kienu jfittxuh għall-pariri u biex jgħinhom iwittu ċerti ħotob li jkunu sawru b'idejhom jew sabu ma' wiċċhom. Il-ġid li għamel bil-kwiet u bil-moħbi jafu Alla biss. Ma ninsewx ukoll li Dun Joe serva ta' għalliem fis-seminarju, ta' segretarju tal-Kummissjoni Familja u Żgħażagħ fil-Kurja Veskovili, u Kanċellier fit-Tribunal taż-Żwiġijiet t'Għawdex.

Il-qassis ta' ġo fih baqa' jispikka anki fil-poeżija u fil-kitba l-oħra tiegħu. L-aħjar kontribut letterarju tiegħu ħareġ fil-qasam tal-poeżija. Joe Mejlak kien mogħni b'ruħ sensittiva u wrieħa f'lirika melodjuża, dejjem fil-linja neo-romantika. Kiteb poeżija ċara, ħafifa, nadifa u b'eċċezzjonijiet, ħielsa minn profondità filosofika. Iżda kultant qawwija f'kunflitti psikoloġiċi li jixhdu ċerti esperjenzi li msejken, weġġgħuh. L-ewwel poeżiji tiegħu kienu miġbura fil-ktieb *Għanjiet ta' Qalbi*, mitbugħ fl-1978. Mill-bidu deher bħala poeta sensittiv b'xejriet u motivi tradizzjonali. Iżda fil-poeżija tiegħu tinħass id-daqqa ta' mgħallem b'teknika soda li jaf iħaddem il-prosodija u mill-vrus joħroġ ir-ritmi, l-armonija u l-mużikalità li jrid. Imbagħad wara dehru erba' kotba oħra ta' poeżiji, *Rwiefen*, *Dejjem f'Qalbna*, *Narċis u Ġiżimin*, u *Tħammim u Tħewdin*. Fihom jiġbru, l-motivi ewlenin ta' dan il-poeta: il-motiv reliġjuż, il-motiv tan-natura (anki b'metafora għat-tiġrib personali tiegħu), l-imħabba fid-diversità tagħha, u dak ta' l-esperjenzi personali. Fil-ktieb *Rwiefen* insibu l-poeżija tat-tensjonijiet u l-kunflitti personali waqt li l-isbaħ lirika toħroġ fit-tieni taqsima ta' *Narċis u Ġiżimin*. Insibu poeżija li turi bniedem solitarju, għajjien fiżikament fil-pellegrinaġġ tal-ħajja, iżda qawwi fil-melodija u fit-twemmin. Minkejja l-weġgħat, Joe Mejlak baqa' dejjem il-qassis marbut mar-rieda t'Alla u b'tama qawwija fil-ħajja eterna.

Il-qassis b'missjoni ta' edukatur jibqa' jidher fil-ħsibijiet għal tmiem il-jum li ħejja għar-radju tal-komunità. Dawn il-kitbiet qosra didattiċi ta' xejra soċjo-reliġjużi kienu miġbura fiż-żewġ kotba *Il-Lejl it-Tajjeb* u *Fis-Skiet u l-Ġabra*. Bihom ferrex dak li hu ġust u sabiħ.

Il-Kan. Mejlak kien ukoll drammaturgu li kiteb għadd sabiħ ta' xogħlijiet għall-palk, teledrammi u radju drammi, kif ukoll *playforums* għad-diskussjoni. 25 dramm tiegħu kienu mitbugħa fi tliet volumi bl-isem ta' *Ribalta*. Dawn id-drammi li nħadmu f'teatri u f'diversi swali parrokkjali f'Għawdex jixhdu wkoll il-konvinzjoni u l-prinċipji filosofiċi u morali tiegħu. Fl-istampa kien għad kellu ktieb ieħor ta' drammi qosra għad-diskussjoni.

Il-mewt tellgħet ħajt bejnna u bejn il-Kan. Joe Mejlak. Iżda ma xxejjinx is-sentiment. Ruħu u mħabbtu jibqgħu jgħixu fil-poeżija tiegħu u fit-tifkiriet sbieħ li ħallielna. Għex ir-rutina tal-kalma u s-skiet u telaq bħalma ġie li kien iħobb jagħmel, b'sorpriża. Ħalliena għal għarrieda, bla storbju, fis-skiet, waħdu, fid-dalma tal-lejl. Iżda miegħu kien hemm Alla li mexxieh sal-Belt Divina Tiegħu. Issa hemmhekk, il-Kan. Joe Mejlak qiegħed jgħanni lill-Ħallieq l-għanja dejjiema tal-foħrija.

***Joe Camilleri***
***ħabibu għal dejjem***

PLAY - FORUM (4)

# Ma' Mewġ il-Ħajja

*Din hi r-raba' kontribuzzjoni fis-sensiela ta' djalogi drammatiċi dwar problemi ta' żmienna, miktubin mill-mibki u qatt minsi MONS. SALV BORG. Dawn huma utli ħafna għal-laqgħat ta' diskussjoni, biex joħolqu kuxjenza nisranija dwar sitwazzjonijiet diffiċli fis-soċjetà tagħna.*



## IT-TRAFFIKU: BILJETT GĦALL-QABAR JEW PROVA TAS-SABAR

*Klara* Ilbieraħ ċempilli Johnnie.

*Tonina* Anke hawn ċempel; u ngħidlek il-veru aħjar ma ċempel xejn!

*Klara* X'jiġifieri: aħjar ma ċempel xejn? Jien lilek ma nistax nifhmek, Tonina.Filli tgerger għax forsi Johnnie jdum ma jċempel, u issa għax ċempillek tiġi tgħidli, aħjar ma ċempel xejn.

*Tonina* Jiena kieku gost nieħu li jċempilli. Għax it-telefonata tiegħu nkun nistenniha aktar minn ruħ fil-purgatorju. Imma lbieraħ inkwetani, għax qalli li ħa l-*licence* biex isuq il-karozza tal-kappillan.

*Klara* U b'daqshekk!

*Tonina* Mela Ruma Malta jew! Ma tafx kemm hemm *traffic* hemmhekk? U anke t-toroq, dak faċli jinfixel fihom, u jitlef it-triq.

*Klara* Ara toqgħodx tinkwieta fuq hekk. Ngħiduha kif inhi. Veru li t-*traffic* ta' Ruma jġennek, iżda ibqa' ċerta li jsuqu aħjar minn t'hawn.

*Tonina* Jiena ma nafx. Naf biss li meta morna ġita mal-Kappillan is-sajf l-ieħor, kont se niġġennen b'dak l-istorbju ta' ħornijiet u karozzi jgħaddu sparati minn ħdejk. Ma nafx kemm-il wegħda għamilt biex niġi lura qawwija u sħiħa.

*Klara* Li n-numru ta' karozzi hemmhekk huwa ferm akbar minn hawn, dak huwa fatt. Iżda serraħ moħħok. Johnnie mhux tifel żgħir. Bil-għaqal u kalm.

*Tonina* U dan mhux biżżejjed li tkun bil-għaqal u kalm. L-oħrajn x'inhuma? Bil-għaqal ukoll? Kalmi wkoll? Jiena aktar ibeżżgħuni huma milli Ċikku tiegħi meta noħorġu bil-karozza.

*Klara* Imbagħad, Tonina, ma tridx tinsa li llum il-karozza mhix lussu. U Johnnie żgur ikollu bżonnha hemmhekk. Il-parroċċa tagħhom mifruxa ħafna, u mhux la kemm taqbad u tmur min-naħa għall-oħra tagħha.

*Tonina* Jiena dak li għidtlu. Moħħok hemm! Għax tmut int u toqtol lilna bl-għali!

*Ċikku* *(Kwiet kwiet)* Ara Klara, bonġu Klara!

*Tonina* Jien m'iniex hawn Ċikk?

*Ċikku* Bonġu Tonina!

*Tonina* Qed tara Klara. Kieku ma fakkartux jien, lanqas kien jindenja ruħu jsellimli.

*Ċikku* U ajma, m'għandix aptit kliem fil-vojt!

*Tonina* Dan dejjem hekk. Meta taħkmu fuq sieq waħda, jonfor u jgħidlek li ma jkollux aptitek.

*Klara* Mhux biex inżomm miegħu, iżda stajt għedtlu bonġu int ukoll.

*Tonina* Naqa' għalih! Jgħidli hu l-ewwel, imbagħad, jekk ikolli aptit, ngħidlu jien.

*Ċikku* Lesti?

*Klara* Għandek raġun. Skużani Ċikk. Donni qed narak m'intix f'sikktek!

*Tonina* X'qed taralu? Dak hekk jagħmel meta jkun minn taħt!

*Klara* Ċikk ġralek xi ħaġa?

*Ċikku* *(nofs ħajra)* U le!

*Klara* Mhux u le! Xi ħaġa ġralek żgur.

*Ċikku* U xejn!

*Tonina* Kellek xi tgħid, żgur.

*Ċikku* Jaħasra ma kelli xi ngħid ma' ħadd!

*Tonina* Ejja ħalli nemmnek!

*Ċikku* Agħmel li trid!

*Tonina* Int dalgħodu mort il-każin u kellek xi tgħid ma xi ħadd hemmhekk. Imma int lili ma tistmanix. Għedtlek kemm-il darba biex ma tersaqx lejn dak il-misħut każin. Dak ser ikun it-tmiem tiegħek.

*Klara* Iżda, Ċikk, xi ħaġa ġralek. Mela għajnejna mhux f'wiċċna qegħdin, jew?!

*Ċikku* U le! xejn kbir. Mort sal-Belt.

*Tonina* Għax bħal dak li qallu li għax tmur sal-Belt, b'daqshekk ikun ġralek xi ħaġa.

*Klara* Tonina ħallih jitkellem.

*Ċikku* U affarijiet żgħar!

*Tonina* Aqlagħha, Ċikk. X'ġara?

*Ċikku* Għax Margaret…

*Tonina* Weġġgħet?.. Fejn hi? … Ħaduha l-isptar… Madonna tal-Ħniena, ikollok ħniena minnha!

*Ċikku* Tonina, xejn ma ġara minn dak li qed taħseb int.

*Klara* Iva, żomm il-kalma, Tonina. Agħtih ċans jgħidilna.

*Ċikku* Ċemplitli Margaret, waqt li inti kont il-knisja; qaltli li kienet insiet il-*handbag* id-dar u fih kellha xi karti importanti, li kellha bżonnhom l-uffiċċju. Ma xtaqetx titlob permess lill-prinċipal biex iħalliha toħroġ u tiġi r-raħal għalihom, u talbitni biex inwassalhom l-uffiċċju tagħha, malajr kemm jista' jkun.

*Tonina* Żgur tlifthom?

*Ċikku* Imma int min qallek li tlift il-*handbag*?

*Tonina* Mela ħaduhulek!

*Klara* Tonina, ħallih jitkellem.

*Ċikku* Wassaltilha l-*handbag* l-uffiċċju, u erġajt erħejtilha 'l hawn. Iżda x-xitan m'għandux ħalib.

*Tonina* Ara Ċikk, toqgħod twaħħal f'ħadd.

*Ċikku* Kont insuq bil-mod għall-affari tiegħi, moħħi attent għal kull karozza li kelli quddiemi u anki warajja. Ħabta u sabta, qrib il-Bar ta' Ċensu, bla ma naf kif, nara karozza ħamra ħierġa sparata minn dik it-triq id-dejqa u ġiet sparata għal fuqi.

*Klara* Hekk jagħmlu mgħarrqin l'huma. U la jħabblu minn min ikun għaddej, u lanqas minn min ikun sejjer jaqsam it-triq.

*Ċikku* Jien ipprovajt niskansaha, u kif kelli l-*isteering* f'idejja dawwartu b'salt.

*Tonina* Allura baqa' ġej fuqek.

*Ċikku* Lill-karozza l-ħamra rnexxieli niskansaha, iżda billi dawwart b'salt, sibt ruħi n-naħa l-oħra tat-triq. U dħalt f'żewġ karozzi oħra li kienu miexja fl-istess direzzjoni tiegħi, għax anki huma nħasdu bil-mossa li kelli nagħmel.

*Tonina* U l-karozza tagħna, Ċikk?

*Ċikku* Dik kienet diġà ruħha fi snienha, u naħseb li ma niġbruhiex.

*Tonina* Trid tgħid kissirtha kollha, Ċikk?

*Klara* Tonina, għax ma nirringrazzjawx lil Alla li Ċikku ma ġralu xejn?! Anzi aqbad u għamillu grokk għall-qatgħa.

*Ċikku* L-agħar għax ħabbatt flimkien iż-żewġ karozzi l-oħra li kienu mixjin fl-istess direzzjoni tiegħi.

*Tonina* Bħal xejn kienu ġodda!

*Ċikku* Ġodda fjamanti. *Renault* ta' Karmnu tas-Sensar u *Pegeaut* ta' Mrs. Galea.

*Tonina* Ajma ibni; sibt ma' min ħbatt! Billi ma kinitx mkabbra biha! Qaluli kienet taħsilha xi darbtejn kuljum!

*Klara* Ċikk, imma Karmnu u Mrs Galea weġġgħu?

*Ċikku* Ħadd minna kieku ma weġġa'.

*Tonina* U dak tal-karozza l-ħamra, dak taf min hu?

*Ċikku* Le!... Jiena aktar ħarist lejn il-ħsara li kelli fil-karozza tiegħi u ta' l-oħrajn.

*Klara* Imma ta' l-inqas waqaf biex jara x'ġara?

*Ċikku* Dak aktar għafas il-gass u sparixxa 'l fuq lejn ir-raħal.

*Tonina* Imma kemm tiflaħ tkun imbeċilli! Iva allura lanqas in-numru tal-karozza ma żammejt?



*Ċikku* Jien issuġġerejt li nġibu l-pulizija.

*Tonina* Issa fejn qegħda l-karozza?

*Ċikku* Ċempilna lil Toni l-Mekkanik; se jieħu ħsieb kollox hu.

*Tonina* Bdejnieh tajjeb ix-xahar...! Jien dejjem nibża' minnu dan ix-xahar!

*Klara* U tgħidx ħmerijiet, Tonina.

*Tonina* Imma din mhux ser inħalliha għaddejja! Il-lejla noħroġ indur ir-raħal u nsaqsi u nfittex biex nara min xtara xi karozza ħamra ġdida.

*Ċikku* Mbagħad?

*Tonina* Mbagħad nagħmel dak li ma għamiltx int. Ikollu jħallas ta' kollox; jew hu jew l-*Insurance* tiegħu.

*Klara* U min jaf kemm karozzi ħomor hawn fir-raħal ! Imbagħad, fl-aħħar mill-aħħar, dan ma nafux jekk hux mir-raħal jew inkella kien għaddej biss minn hawn.

*Ċikku* U żgur ukoll!

*Tonina* U żgur ukoll! Rajtux l-għaref ta' Salamun... M'inhix ser inħalli l-ħaġa tibqa' għaddejja. Il-karozza l-ħamra nsibha u nsibha żgur. Għax din biex ħarġet minn dik it-triq id-dejqa ta' ħdejn il-Bar ta' Ċensu, żgur li xi ħadd li joqgħod hemmhekk. Hemm ġewwa la hemm ħwienet u lanqas garaxxijiet. Kulma hemm tlett id-djar ġodda. Immur u nistaqsihom. Jew huma jew xi ħadd ġie għandhom, li għandu jew għandha karozza ħamra. U hu min hu jew hi min hi, ikollhom iħallsu ta' kollox.

*Klara* Jekk inhu hekk mod ieħor... Bilħaqq!! Hemmhekk toqgħod il-kuġina tiegħek, Tonina!

*Tonina* X'kuġina?

*Klara* It-tifla ta' zitek, x'jisimha...?



*Tonina* Iva, Josephine. Dik hemmhekk toqgħod. U żomm, żomm! It-tifel tagħha Perry, mingħalija li kienet qaltli li kellu jixtri karozza.

*Ċikku* Forsi min jaf! Forsi kien Perry. Jekk inhu hekk iktar faċli li nirranġaw!

*Tonina* Bil-mod, bil-mod, Ċikk! Ma naqbdux u nwaħħlu fit-tifel tal-kuġina! Dak seta' kien ħaddieħor!

*Ċikku* Rajtha, Tonina, kif tirraġuna. Ftit ilu kemm kemm ma konniex naħsbu li daħlet mat-taqsima tat-*traffic* tas-CID, u issa għax hemm involut it-tifel ta' kuġinitha, issa ġejjin ħafna dubji...

*Tonina* Dubji xejn. Nistaqsi u ibqgħu ċerti li jekk ikun it-tifel tagħha jkollu jħallas xorta waħda...

*Klara* Isma' dan kif jgħidu; il-karozzi bżonnjużi, u ma ngħaddux mingħajrhom, iżda nkwiet għandek bihom. Jew ħsarat, jew serq, jew inċidenti, dejjem b'xi ħaġa.

*Ċikku* Biex ma nsemmix il-paċenzja li jrid ikollok biex issuq karozza llum.

*Tonina* Kieku int m'intix nieqes mill-paċenzja, għax għandek paċenzja biex tbiegħ. Nhar il-Ħadd li għadda ma nafx kemm domna biex inġbarna d-dar filgħaxija. Serbut twil ta' karozzi. Mexjin b'pass ta' nemla... u dan ix-xufier li għandi kemm kemm jiċċaqlaq. Karozzi jaqbżuna, jgħadduna, iteptpu d-dwal f'wiċċna, idoqqulna l-ħorn, u Ċikku kalm u seren, miexi wara l-karozzi. Ma emmintx li konna ser naslu sa nofs il-lejl.

*Ċikku* Imma wasalna! U fuq kollox wasalna qawwijin u sħaħ. Mela ma rajtux dak tal-*motor cycle* li kien hemm mal-ġenb tat-triq. Mgħaffeġ, bil-petrol kollu mxerred. Dak is-sewwieq laqqat daqqa ta' karozza u miet tal-kolp.

*Klara* Jien hekk nismagħhom jgħidu: karozza fl-idejn, biljett għall-qabar.

*Tonina* U jien nismagħhom jgħidu li karozza f'idejk hija l-akbar prova tal-paċenzja. U dan ġarrabtu jiena in persona, ma' Ċikku.

*Klara* Imma kellha bżonn issir xi ħaġa...!

*Tonina* Kieku jien min jinqabad isuq bl-addoċċ inkella bi *speed* qawwi, inżommlu l-liċenzja, u ma nagħtihielux qabel għaxar snin!

*Ċikku* Mela kieku f'pajjiżna ma jkunx hawn għajr ftit sewwieqa jduru mat-triqat! Mija kollox!

*Klara* Tiġġeneralizzax, Ċikk! Hawn min isuq bl-addoċċ, u hawn min isuq sewwa. Isma' dan min jaqbad u jsuq bi traskuraġni, ikun qed jhedded ħajtu u l-ħajja ta' min ikun riekeb miegħu u ta' dawk il-persuni li magħhom jiltaqa'.

*Tonina* U żgur ukoll. U dak ħażin, hux hekk Klara?

*Klara* Ħadd ma jista' jqiegħed ħajtu fil-periklu, u lanqas il-ħajja ta' l-oħrajn. Alla tana l-ħajja biex ngħixu biha u m'għandna l-ebda dritt inkissruha. La għalina u lanqas għall-oħrajn li magħhom niltaqgħu.

*Ċikku* Imma mur fehemhom! Ara kemm ġiri sfrenat speċjalment matul il-lejl. U ara kemm sewwieqa jaqbdu u jsuqu meta forsi f'xi sakra u ma jkunux kapaċi jrieġu lilhom infushom, speċjalment fit-toroq il-ġodda!

*Tonina* U xi ngħidu għal dawk li bla ħsieb ta' xejn tarahom telgħin sparati mit-toroq fejn forsi jkun hemm tfal ta' l-iskola, tal-Mużew, jew inkella fejn ikun hemm xi anzjani, u jibqgħu sejrin irrankati qisu m'hu għaddej ħadd.

*Klara* Ċikk, ma tridx inwasslek x'imkien, hux? Forsi sa l-għassa jew inkella għand ta' l-*insurance*?

*Ċikku* Nirringrazzjak. Iżda s-surġent qalli li ħa l-*particulars* kollha u issa jekk ikollu bżonn xi ħaġa għandu jikkuntattjani hu stess.

*Klara* Mela aħjar nara nqarribx lejn id-dar. Kif ġie li għedtilkom ma nħobbx insuq fit-tiżlieq, u jkolli seba' mitt sena sa ma ndaħħalha fil-garaxx.

*Tonina* Aħjar tinġabar, veru, għax jieħdu ħsiebek jekk jaraw li ddawwart.

*Klara* Xejn ma ngħidlek Tonina, għamillu grokk doppju lil Ċikku, għax dak għandu xokk qawwi fuqu, u kieku flokok inkellem waħda lill-ispiżjar, forsi jagħtih xi ħaġa għall-qatgħa.

*Tonina* Mur, mur! Ħallih f'idejja...

## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*

### *Mimdudin*

(1) L-akbar wieħed hu tal-Qrar (7)
(7) L-għaqal, il-ħaqq, il-qawwa u l-qies: kull waħda minn dawn hekk hi (5)
(8) Rabbew bħal binhom għalkemm ma kienx (7)
(9) San Ġwann Battista, San Ġorġ u San Bastjan (6)
(11) Il-post preċiż tas-sagrifiċċju (5)
(13) Dak li kien minn dejjem u jista' kollox (4)
(14) Bħax-xadini (7)
(15) Omm Sidtna Marija (4)
(16) Karta fost oħrajn li tittella' bix-xorti f'xi lotterija (5)
(17) Il-lok tad-devozzjoni lejn il-Madonna fil-Portugall (6)
(21) It-tielet iben tar-Re David b'vokali mibdula (7)
(22) Kitba li mhix poeżija (5)
(23) L-iktar wieħed hekk hu x-xitan, iżda weħel l-artiklu (7)

### *Weqfin*

(2) Dik plenarja hi maħfra tal-piena kollha kemm hi (10)
(3) Kontra ta' webbisna (8)
(4) It-tewmi ta' Ġakobb, wild Iżakk u Rebekka (4)
(5) L-ogħla ġieħ (4)
(6) Ħafna bl-oppost (4)
(9) Oħt Marija u Lazzru (5)
(10) Rabta mill-qrib jew ħbiberija (10)
(12) In-Nil jew il-Volga, waħda minnhom (5)
(13) Li għandha s-setgħa tmexxi hi (8)
(18) Jekk tieħu lilu titgħabba bil-ħtija (4)
(19) Il-lehma tal-poeti (4)
(20) Iben Adam u Eva li kien ragħaj (4)



**TISLIBA - Jannar 2009**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Post Code* ____________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Frar 2009. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Novembru 2008 hi**
**Judith Vella Zarb, 60 Triq l-Imqades, Xagħra Għawdes XRA 2160**


OFFSET & LETTERPRESS PRINTING • GRAPHIC DESIGN STUDIO
gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...HALLI F'IDEJN
GREZZJU BONELLO

Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

**MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# *VIVA WORLD CUP 2010 assenjata lil GOZO F.A.*

Waqt il-Ħames Laqgħa Ġenerali ta' l-*NF Board* li nżammet nhar is-Sibt 13 ta' Diċembru f'Lonate Pozzolo viċin Varese u fil-Provinċja ta' Milan, kien deċiż li l-*VIVA World Cup* 2010 tkun assenjata lil *Gozo F.A.* wara li flimkien mal-F.A.'s tal-Padania u l-Kurdistan kienu applikaw biex jorganizzaw din it-tielet edizzjoni. B'hekk Għawdex se jkun qed jorganizza din it-Tazza tad-Dinja tal-*VIVA* organizzata minn *Nouvelle Federation Board* li hija Federazzjoni li tirrappreżenta reġjuni jew pajjiżi li mhux affiljati mal-FIFA u mhux rikonoxxuti bħala stati.

Matul l-istess Assemblea Ġenerali diversi Assoċjazzjonijiet ġew aċċettati bħala Membri Affiljati ta' l-*NF Board.* Fost dawn kien hemm il-*Gozo F.A.*, flimkien mal-F.A.'s ta' Wallonia, Pedania, Kurdistan, Aramean Suryoses u Provencia.

Mal-wasla tagħhom fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, d-delegazzjoni Għawdxija li kienet mistiedna tattendi għal din il-Laqgħa Ġenerali mill-NF Board, urew sodisfazzjon kbir li huma rebħu l-*bid* biex il-*VIVA World Cup* tinżamm f'Għawdex fl-2010. Il-President tal-GFA Alvin Grech qal kemm kienet diffiċli l-kompetizzjoni li sabu minn Padania iżda d-deċiżjoni tal-*NF Board* kienet waħda ferm intelliġenti fl-għażliet tagħha. Huwa qal li qed jistennew daqs tmien timijiet fil-kompetizzjoni maskili u madwar erba' timijiet fil-kompetizzjoni femminili. Mistoqsi kif ser ikun magħżul it-tim Għawdxi, l-President Grech qal li kull *player* Għawdxi jew li hu kkunsidrat bħala Għawdxi jista' jintagħżel biex jilgħab fit-tim rappreżentattiv tal-*Gozo F.A.* Huwa qal li issa appena jkun iffirmat il-kuntratt mal-*NF Board*, jibda x-xogħol enormi li jkun meħtieġ f'organizzazzjoni internazzjonali bħal din. Fil-fatt ser jitwaqqaf kumitat organizzattiv biex jieħu ħsieb id-diversi kuntatti meħtieġa. Mistoqsi jekk jaħsibx li jista' jkun hemm xi tip ta' problemi mal-MFA għal fatt li l-GFA hija wkoll membru tal-MFA, Alvin Grech qal li ma jarax li jista' jkun hemm xi tip ta' problemi għal fatt ukoll li hemm F.A.'s oħra li bħal *Gozo F.A.* huma affiljati mal-Assoċjazzjoni tal-Pajjiż rispettiv tagħhom u s'issa qatt ma kien irreġistrat xi nuqqas simili fejn Padania jilgħabu magħhom anke *players* stabbiliti f'Kampjonati diversi Taljani, kif hemm fl-istess f'F.A.'s oħra. Alvin Grech semma li l-iskop waħdani ta' l-*NF Board* huwa li jorganizzaw *football* fuq livell internazzjonali bejn Assoċjazzjoni li mingħajr l-*NF Board* ma jistgħux jagħmlu dan. Huwa temm jgħid li minn din l-organizzazzjoni tal-*VIVA World Cup 2010,* Għawdex ukoll ser jibbenefika mill-lat mhux biss sportiv iżda anke dak ekonomiku f'dak li huwa turiżmu sportiv.



*Alvin Grech u Joe Bajada flimkien ma' uffiċjali tal-Padania FA u l-President tal-NF Board jiċċelebraw flimkien bit-trofew tal-VIVA World Cup*

Minn naħa ta' Joe Bajada, Segretarju Ġenerali tal-*Gozo F.A.* li f'idejh kienet fdata l preżentazzjoni ta' din il *bid*, qal li l-preżentazzjoni li ppreżentaw minkejja ż-żmien ferm limitat ta' ftit jiem, huwa flimkien mal-kollegi Philip Cassar u Mark Cini ħejjew DVD ta' 20 minuta li fih mhux biss esponew fih il-ħidma tal-Gozo F.A., iżda wrew ukoll veduti mill-isbaħ tal-gżira Għawdxija u dan jgħin ferm biex Għawdex jintagħżel bħala d-destinazzjoni tal-*VIVA World Cup* fl-2010. B'hekk ukoll Għawdex ingħata pubbliċità bħala destinazzjoni turistika mill-aqwa. Joe Bajada semma kemm kienet iebsa li jaffrontaw lil Padania f'din il-*bid* fejn it-tim li t-Taljani ppreżentaw għal din il-*bid* kien jikkonsisti f'xi għoxrin ruħ taħt iċ-*chairman* Mario Mazzoleni li huwa *referee* tas-Seria A mis-Sezzjoni ta' Bergamo. Fil-fatt Padania għamlu kull pressjoni possibbli biex jirbħu l-*bid* huma fejn anke wżaw l-esponenti politiċi fosthom tal-Ministri Bossi u Maroni li huma mill-Padania. Madankollu meta l-Bord Eżekuttiv tal-*NF Board* raw kemm kienet ser tkun diffiċli l-għażla finali bejn Għawdex u Padania, filwaqt li assessjaw l-edizzjoni tal-2010 lil *Gozo F.A.*, kien deċiż ukoll unanimament li ssir edizzjoni oħra u din tinżamm fis-sajf li ġej fil-Padania bil-finali tagħhom ser tintlagħab f'San Siro ta' Milan u bil-logħob l-ieħor jintlagħab fil-grawnds ta' Como, Bergano, Varese u Verona fost l-oħrajn. Joe Bajada spjega wkoll minn hu l-*NF Board,* li hija Għaqda li tiġbor fiha Federazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet li mhumiex membri tal-FIFA fejn din twaqqfet fl-2003. Huwa temm jgħid li minkejja li l-*NF Board* kien issuġġerixxa li l-Laqgħa Ġenerali tkun trasferita għal Belġju peress li Padania kienu għamlu l-*bid* tagħhom u għalhekk post newtrali kien ikun iktar xieraq, iżda wara aċċertazzjoni u approvazzjoni minn naħa tal-*Gozo F.A.*, din saret kif kienet ipprogrammata f'Milan għax il-*Gozo F.A.* tħoss u temmen kemm il-*football* għandu jgħaqqad il-popli u mhux li jinħolqu problemi jew firdiet. Dan il-ġest sportiv tal-*Gozo F.A.* kien apprezzat ħafna.



*Joe Bajada u Mario Mazzoleni assistiti minn Dr. Joseph Grech jawguraw lil xulxin*

Membri oħra tad-delegazzjoni Għawdxija kienu t-Teżorier George Cini u Dr. Joseph Grech li huwa l-avukat ta' l-istess *Gozo F.A.*

# Għawdex max-Xhur

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti b'ħajr lil Dun Ġwann Sultana*
*u Fr. Effie Masini*





## 1. JANNAR

*Fost ix-xhur hu l-ewwel wieħed*
*li ġie mogħti dan l-unur,*
*il-ksieħ tiegħu jxoqq l-għadam*
*meta jiġi lilna jżur.*

*Xemx Jannar le xejn ma ssaħħan,*
*il-bard minnha żgur aħjar,*
*kulħadd jilbes l-eħxen ħwejjeġ*
*u jinġabar ġewwa d-dar.*

*Ta' San Pawl il-konversjoni*
*matul jiemu nagħtu ġieħ,*
*għax pajjiżna sar nisrani*
*sewwasew minħabba fih!*

*F'Sant'Anton ir-raħeb twajjeb*
*li fl-Eġittu għex u miet,*
*fis-sbatax ilkoll niftakru,*
*fil-qdusija għex, fis-skiet!*

*Ismu isem jgħodd is-sekli*
*l-alla Grieg taż-żewġ uċuħ;*
*lill-imgħoddi jgħasses sewwa*
*lill-ġejjieni jroddlu r-ruħ!*

*Fl-aħħar jum qabel ma jitlaq*
*lil Ġwann Bosco nroddu l-ġieħ,*
*għax liż-żgħażagħ ħalla kollox*
*biex bil-fidi jmantni sħiħ*

*Jekk jagħtina bidu tajjeb*
*tul is-sena niftakruh;*
*kif jitgerbu, jħaffu jiemu,*
*jidħol Frar b'denbu maqtugħ!*









# Djamanti ta' Għawdex

Ritratti ta' Lynda Caton Roseblade

## L-EQDEM ĦBIEB TA' L-GĦAWDXIN






# X'taf fuq SAN PAWL?






*Ktieb ġdid ta' Mons. Lawrenz Sciberras. Studju dettaljat ta' ħajtu u kitbietu, bi 80 ritratt jew illustrazzjonijiet. "Xogħol tassew prestiġjuż". €7*




*Ktieb ieħor interessanti ta' Kevin J. Hanlon, maqlub għall-Malti minn Fr. Geoffrey G. Attard, dwar l-Ittri ta' San Pawl, Ragħaj li għadu jiggwida l-insara ta' llum. €4*




*Ktejjeb ideali għall-kbar u għaż-żgħar, b'qari ħafif, kollu kulur. Fih il-ħajja ta' San Pawl fil-qosor f'36 paragrafu ma' pitturi famużi fil-Bażilika tiegħu f'Ruma. €2*

*Tliet rigali... l-isbaħ tifkira fis-Sena Pawlina*

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS